Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Diċembru 2016**
**(OR. en)**

**15120/16**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0382 (COD)**

**ENER 417**
**CLIMA 168**
**CONSOM 298**
**TRANS 479**
**AGRI 650**
**IND 261**
**ENV 757**
**IA 130**
**CODEC 1802**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Diċembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 767 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 767 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 767 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2017
COM(2016) 767 final

2016/0382 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 416 final}
{SWD(2016) 417 final}
{SWD(2016) 418 final}
{SWD(2016) 419 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### •1.1 Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Is-Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli (SER) jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, jiksbu żvilupp sostenibbli, iħarsu l-ambjent u jtejbu saħħet iċ-ċittadini. Barra minn hekk, l-enerġija rinnovabbli qed temerġi ruħha wkoll bħala xprun tat-tkabbir ekonomiku inkluživ, toħloq l-impjiegi u ssaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija fl-Ewropa kollha.

Dawn l-aspetti huma minquxa fl-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li ta lill-Unjoni kompetenzi biex tippromwovi l-enerġija rinnovabbli.

L-Unjoni Ewropea (UE) ilha protagonista dinjija fil-promozzjoni u l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li tagħti direzzjoni lill-isforz biex tiġi miġġielda t-tibdil fil-klima, tħeġġeġ il-bidla lejn ekonomija bbażata fuq użu baxx tal-karbonju u tistimola tkabbir ekonomiku ta' potenzjal għoli. Il-President Juncker diġà fisser l-ambizzjoni tal-UE li ssir il-mexxej numru wieħed fid-dinja għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli bħala waħda mill-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Kummissjoni. Din l-ambizzjoni għandha tkopri mhux biss l-għan li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, iżda wkoll il-forniment minn kumpaniji Ewropej ta' komponenti ewlenin fl-UE u lil hinn minnha.

Il-qafas attwali tal-UE tal-2020 jistabbilixxi mira ta' 20 % għall-konsum tal-enerġija li tiddependi fuq miri nazzjonali vinkolanti sal-2020. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-monitoraġġ ta' kull sentejn previsti mid-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kienu effettivi fil-promozzjoni tat-trasparenza għall-investituri u l-operaturi ekonomiċi l-oħra u b'hekk kienu favur il-mobilizzazzjoni rapida ta' żieda fis-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli minn 10,4 % fl-2007 għal 17 % fl-2015.

F'Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 li jtenn l-impenn fit-tul tal-Unjoni għal strateġija Ewropea ambizzjuża fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli. Il-qafas il-ġdid jistabbilixxi mira tal-Unjoni Ewropea ta' mill-inqas 27 % għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030. Din il-mira hija vinkolanti fil-livell tal-UE u ser tintlaħaq permezz ta' kontributi tal-Istati Membri ggwidati mill-ħtieġa li lkoll flimkien jikkontribwixxu għall-UE. Barra minn hekk, il-qafas il-ġdid jippermetti wkoll li l-kontribuzzjoni kollettiva ssir mingħajr ma l-Istati Membri jinżammu milli jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom, inklużi dawk aktar ambizzjużi. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw l-enerġija rinnovabbli, soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

F'diversi okkażjonijiet, il-Kunsill Ewropew[1] ħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi u tiżviluppa leġiżlazzjoni relatata, fost oħrajn, mal-enerġija rinnovabbli biex tirfed il-mira maqbula għall-2030. Il-Parlament Ewropew appella wkoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta leġiżlazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli u biex tkompli żżid il-livell ta' ambizzjoni għal mill-inqas 30%.

[1] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 – 20 ta' Marzu 2015, tas-17–18 ta' Diċembru 2015, tas-17–18 ta' Marzu 2016

Il-projezzjonijiet tas-sistema enerġetika tal-UE jindikaw li l-politiki attwali tal-Istati Membri u tal-UE, jekk ma jiġu stabbiliti l-ebda politiki ġodda, jwasslu biss għal, bejn wieħed u ieħor, 24,3 % tal-konsum ta' enerġija rinnovabbli fl-2030. Dan il-livell ikun ferm aktar baxx mill-figura ta' mill-inqas 27 % enerġija rinnovabbli skont il-mira vinkolanti fuq il-livell tal-UE, kif maqbula mill-Kunsill Ewropew, u tisfa żżomm lill-Unjoni milli kollettivament twettaq l-impenji taħt il-Ftehim ta' Pariġi tal-2015. Il-kontinwazzjoni ta' politiki mhux mibdula tista' wkoll tirriskja li tipperikola b'mod serju l-ilħuq tal-ambizzjoni politika tal-Unjoni għal pożizzjoni ta' tmexxija dinjija fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, ittellef il-benefiċċji ta' sigurtà offruti billi tiżdied il-provvista tal-enerġija minn sorsi indiġeni, u titnaqqas il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fis-sistema tal-enerġija.

L-analiżi li tirfed din il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (il-Proposta) għalhekk tindika li biex tintlaħaq il-mira fil-livell tal-UE ta' mill-inqas 27 % hemm il-ħtieġa ta' bidla fil-politiki fl-għamla ta'qafas fil-livell tal-Unjoni, li jwassal għal miżuri fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE. Dan huwa aktar il-każ meta jitqies li d-daqs eżatt tad-defiċit fil-mira huwa soġġett għal inċertezza li ma tistax tiġi evitata minħabba s-suppożizzjonijiet meħtieġa għall-istima, li sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-UE 'il fuq minn 27 %, huwa l-livell minimu li għandu jintlaħaq, u li l-investiment sinifikanti meħtieġ biex jimtela l-vojt fl-UE (*eż.* EUR 254 biljun għall-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku biss) jitlob, minn kmieni sinjali politiċi ċari u stabbli.

Fl-istess ħin, u minħabba n-nuqqas ta' qafas regolatorju aġġornat, hemm riskju li jfeġġu aktar differenzi fil-UE, biex b'hekk ikunu biss l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni li jkomplu bil-perkors dejjem jikber f'sorsi rinnovabbli, filwaqt li dawk li qed jaqgħu lura ma jsibu l-ebda inċentiv biex iżidu l-produzzjoni u l-konsum tagħhom ta' enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, tali konċentrazzjoni tal-isforzi fi ftit Stati Membri tkunu tiswa' aktar flus u twassal ukoll għal distorzjoni tas-suq intern tal-enerġija.

Barra minn hekk, azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija l-aktar għodda xierqa minħabba differenza fundamentali bejn il-qafas tal-2020 u l-qafas tal-2030. Filwaqt li t-twettiq skont l-ewwel qafas seta' jiddependi ħafna fuq is-saħħa ta' miri nazzjonali vinkolanti, u b'hekk jippermetti lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni dwar l-għażla tal-miżuri nazzjonali, il-qafas tal-2030 huwa msejjes biss fuq mira vinkolanti fil-livell tal-UE, li ma tiġix tradotta f'miri nazzjonali.

Il-mira tal-Unjoni tal-2030 għalhekk tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' sħubija mal-Istati Membri li jikkombinaw l-azzjonijiet nazzjonali tagħhom appoġġati minn qafas ta' miżuri kif stipulat f'din il-Proposta. Fis-settur tal-elettriku, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jippromwovu elettriku rinnovabbli kosteffikaċi permezz tal-implimentazzjoni ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kundizzjonijiet ta' qafas definiti fil-livell tal-UE, inklużi regoli għal parteċipazzjoni transkonfinali. Fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, penetrazzjoni ikbar tal-enerġija rinnovabbli ser tisfrutta potenzjal mhux sfruttat. Dan għandu jinkiseb b'mod flessibbli permezz tal-isforzi tal-Istati Membri. Fit-trasport, minħabba l-kummerċ transkonfinali tal-bijokarburanti, huwa meħtieġ approċċ armonizzat.

F'dan il-kuntest, element importanti ta' koordinazzjoni ġenerali tal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 huwa l-proposta dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li tinkludi (i) l-ippjanar, fejn l-Istati Membri jfasslu pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima; (ii) ir-rappurtar u l-monitoraġġ, li permezz tiegħu l-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom; u (iii) mili tal-vojt/miżuri

korrettivi, fejn il-Kummissjoni fl-2025 se twettaq reviżjoni aktar bir-reqqa tal-progress fl-enerġija rinnovabbli.

Għall-UE, il-ħtiġijiet tal-investiment huma stmati li huma madwar jew ogħla minn EUR 1 triljun mill-2015 sal-2030 fil-ġenerazzjoni ta' elettriku rinnovabbli biss[2]. F'dan il-kuntest, it-tisħiħ taċ-ċertezza tal-investituri hija kruċjali u għalhekk huwa wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-proposta. Dan irid jitqies skont il-kuntest billi jiġi nnotat li bil-figura ta' $48,8 biljun fl-2015, l-investiment fl-enerġiji rinnovabbli tal-UE naqas b'madwar 60 % meta mqabbel mal-2011, tnaqqis li mhux ikkawżata biss mit-tnaqqis tal-kostijiet tat-teknoloġija. Bħala konsegwenza, filwaqt li l-Unjoni għadha żżomm pożizzjoni ewlenija f'termini ta' investimenti fl-enerġija rinnovabbli għal kull ras, is-sehem tagħha fit-total tal-investiment tal-enerġija rinnovabbli ilu jonqos b'pass mgħaġġel, minn kważi nofs fl-2010 għal anqas minn wieħed minn kull ħamsa fl-2015.

Qafas aġġornat, jeħtieġ ukoll li jqis l-elementi l-ġodda diġà huma fis-seħħ fil-qasam tal-investimenti. Il-qafas tal-2030 huwa opportunità għall-Unjoni Ewropea f'termini ta' investimenti, għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi. L-UE għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet xierqa għall-investimenti. F'dan ir-rigward, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), urew li huma kontributur ewlieni għall-investimenti fis-settur tal-enerġija rinnovabbli. Minn fost it-tranżazzjonijiet tel-FEIS approvati mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) 23% huma fis-settur tal-enerġija. Kważi nofs il-proġetti f'dan is-settur huma relatati ma' investimenti fl-enerġija rinnovabbli. Dan juri li hemm interess reali minn investituri privati biex jipparteċipaw fi proġetti konkreti fl-UE kollha peress li dan huwa meqjus bħala settur ewlieni għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea u bħala settur strateġiku għall-investiment. Il-FEIS se jiffoka ħafna fuq l-investimenti b'livell baxx ta' karbonju, inkluż l-enerġija rinnovabbli, fil-perjodu 2014-2020.

Barra minn hekk, il-proposta li tiġi rdoppjata d-durata tal-FEIS kif ukoll s-saħħa finanzjarja tiegħu għandha titqies ukoll bħala opportunità għal aktar investimenti fl-enerġiji rinnovabbli. Il-proposta għat-tkomplija tal-FEIS sal-2020 għandha l-għan li timmobilizza sa 40 % tal-investimenti fl-infrastruttura u f'possibilità tal-innovazzjoni għall-proġetti relatati ma' COP 21. Biex dan iseħħ, il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, flimkien ma' l-effiċjenza enerġetika, jeħtieġ li jkomplu jkunu parti kbira mill-investimenti fis-settur tal-enerġija. Għalhekk, huwa essenzjali li jinżammu s-sinjal t-tajbin sabiex is-settur privat u dak pubbliku fl-UE jkollhom indikazzjoni ċara dwar il-futur tal-politiki tal-UE. F'dan il-kuntest, din il-Proposta tistabbilixxi l-qafas regolatorju adatt. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija u l-modernizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija Ewropej, huma essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Iżda l-aktar importanti għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa kollha, u għall-kompetittività globali tal-Unjoni huwa li dawn l-investimenti sostnuti jwasslu għal vantaġġ teknoloġiku essenzjali għall-industrija Ewropea.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ir-reviżjoni tal-qafas attwali tal-enerġija rinnovabbli hija wkoll meħtieġa biex tirrifletti t-tibdil dinji li ilu jsir mill-2009 'l hawn, hekk kif il-kompetituri qed isiru aktar b'saħħithom fuq livell dinji minħabba ż-żieda tagħhom fl-investimenti fl-enerġija rinnovabbli. Jekk l-UE tixtieq li żżomm ir-rwol ta' tmexxija tagħha, qafas b'saħħtu tal-enerġija rinnovabbli huwa meħtieġ biex isostni l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi

[2] Sors: Bloomberg New Energy Finance (2014). 2030 Market Outlook; International Energy Agency (2014). World Energy Investment Outlook.

kollha. Dan se jġib miegħu wkoll benefiċċji sinifikanti f'termini ta' vantaġġi kompetittivi għall-industrija Ewropea.

Il-proposta tistabbilixxi l-prinċipji li fuqhom l-Istati Membri jistgħu b'mod kollettiv u b'mod kontinwu jiżguraw li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-UE jilħaq għall-inqas 27% sal-2030 b'mod kosteffikaċi fit-tliet setturi kollha tal-elettriku (RES-E), it-tisħin u t-tkessiħ (RES-H&C) u t-trasport (RES-T), filwaqt li jitqiesu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- tiġi indirizzata l-inċertezza fl-investiment, fi triq li tqis l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni fuq terminu medju u twil;
- jiġi żgurat użu kosteffikaċi u l-integrazzjoni tas-suq tal-elettriku rinnovabbli;
- tiġi żgurata l-kisba ta' mira kollettiva tal-UE għall-enerġija rinnovabbli fl-2030, li tistabbilixxi qafas ta' politika f'koordinazzjoni ma' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li tevita kwalunkwe lakuna potenzjali;
- Jiġi żviluppat il-potenzjal tad-dekarbonizzazzjoni ta' bijokarburanti avvanzati u jiġi ċċarat ir-rwol ta' bijokarburanti bbażati fuq l-ikel wara l-2020;
- jiġi żviluppat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ.

Għalhekk, il-miżuri inklużi fil-Proposta għandhom l-għan li jindirizzaw, b'mod proporzjonat, il-kwistjonijiet eżistenti li jfixklu l-iskjerament tal-enerġija rinnovabbli, bħall-inċertezza għall-investituri, l-ostakli amministrattivi, il-ħtieġa li titjieb il-kosteffikaċità tal-iskjerament tar-rinnovabbli, il-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas ta' politika u r-riskju li jintilef il-potenzjal tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini matul it-tranżizzjoni lejn l-2030.

## 1.2.• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Proposta hija konsistenti mal-proposti tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u t-Tfassil tas-Suq kif ukoll ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Effiċjenza Enerġetika u dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, il-proposta UE ETS ta' Lulju 2015 u l-proposta għal Regolament dwar il-Qsim tal-Isforz, ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF) ta' Lulju 2016.

Il-proposta għandha titqies flimkien mal-inizjattivi msemmija hawn fuq, li mhumiex fihom infushom biżżejjed biex jippermettu lill-UE tilħaq, b'mod kollettiv, sehem ta' mill-inqas 27% tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija sal-2030 b'mod kosteffikaċi.

Il-proposta tibni fuq l-iżvilupp ta' suq tal-elettriku adatt għall-enerġija rinnovabbli taħt l-inizjattiva dwar it-Tfassil tas-Suq, fejn swieq ta' terminu qasir huma kompletament żviluppati u integrati, il-flessibbiltà jkollha rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-valur tas-suq ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u l-ġeneraturi tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jaqilgħu d-dħul tagħhom minn frazzjoni ogħla fis-swieq tal-enerġija u jitnaqqas il-ħtieġa għal appoġġ pubbliku. Barra minn hekk, il-Proposta tikkomplementa l-inizjattiva dwar it-Tfassil tas-Suq, billi tintroduċi diversi miżuri mmirati biex jattiraw l-investimenti meħtieġa b'mod kosteffikaċi u f'waqtu u billi jitnaqqas aktar il-piż amministrattiv għal produtturi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-konsumaturi li jipproduċu s-sħana u l-elettriku rinnovabbli tagħhom stess.

Il-Proposta tikkumplimenta l-Governanza tal-Ujoni tal-Enerġija billi toħloq il-kundizzjonijiet għat-tliet setturi (elettriku, tisħin u tkessiħ, u trasport) li jiffaċilitaw l-ilħuq tal-miri tal-UE b'mod kollettiv. Fl-istess ħin, l-inizjattiva tal-Governanza tissimplifika u tintegra l-ippjanar eżistenti, l-obbligi ta' rappurtar u monitoraġġ tal-acquis tal-enerġija inklużi dawk għall-enerġija rinnovabbli wara l-2020 li se jgħinu biex jiġi segwit il-progress lejn l-ilħuq tal-miri fil-livell tal-UE, tippermetti reviżjoni tal-ambizzjoni fil-pjanijiet nazzjonali u tattiva elementi bi tweġiba għall-vojt bejn l-ambizzjoni kollettiva jew ta' żmien meta titwassal.

Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED) u d-Direttiva tar-Rendiment Enerġetiku tal-Bini (EPBD) jimmiraw, rispettivament, li jiffaċilitaw il-kisba tal-mira tal-effiċjenza enerġetika u t-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tisħin u t-tkessiħ fil-proposta għal EED u EPBD se jikkomplementaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ b'azzjoni doppja tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'din il-Proposta u fir-Regolament tal-Governanza. Dan ser iżomm kemm jista' jkun flessibbiltà biex tirrifletti d-differenzi nazzjonali ta' sistemi bħal dawn, waqt li jiżgura l-kontribut meħtieġ biex jintlaħaq il-livell globali tal-2030.

Fir-rigward tar-riforma tal-Iskema għall-Iskambju tal-Emissjonijiet tal-UE (EU ETS) għall-perjodu wara l-2020, UE-ETS msaħħa se jkollha rwol ikbar fl-għoti ta' sinjal ta' investiment akbar għal teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju, inkluż l-enerġija rinnovabbli, u ser tiżgura li s-sinerġiji bejn il-politiki tal-klima u tal-enerġija rinnovabbli jiġu sfruttati aħjar. Madankollu, il-prezzijiet tal-ETS skont l-UE-ETS riformata mhumiex ser ikunu biżżejjed biex jintlaħaq il-livell ta' mira vinkolanti tal-UE fil-qasam tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' mill-anqas 27%. Id-dispożizzjonijiet dwar appoġġ għall-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-enerġija se jiżguraw li mekkaniżmi bħal dawn ikunu totalment komplementari mal-ETS u jnaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe impatt potenzjalment negattiv fuq il-prezz tal-karbonju.

Barra minn hekk, il-proposta għal Regolament dwar il-Qsim tal-Isforz tipproponi li jiġu stabbiliti miri nazzjonali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għas-setturi barra mill-UE-ETS u l-LULUCF, mingħajr ma tindika kif dawn jistgħu jintlaħqu bl-aktar mod kosteffikaċi. Il-previżjonijiet tas-sistema tal-enerġija tal-UE juru li l-politiki tal-enerġija rinnovabbli kollha tal-elettriku, tat-tisħin u t-tkessiħ u tat-trasport huma neċessarji biex tintlaħaq il-mira mhux tal-ETS u biex dan isir b'mod kosteffikaċi.

Ir-Regolament tal-LULUCF propost għandu l-mira li jinkludi l-emissjonijiet tal-karbonju u l-assorbimenti mis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija fl-UE fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030. Kriterji ta' sostenibbiltà msaħħa tal-UE dwar il-bijoenerġija jimmiraw li jkomplu jiggarantixxi s-sostenibbiltà tal-bijomassa tal-foresti użata fis-settur tal-enerġija, inkluż permezz ta' rekwiżit tal-LULUCF li jiżgura l-kontabilità tal-impatti tal-karbonju l- tal-bijomassa tal-foresti użata għall-enerġija.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### •2.1. Bażi ġuridika

Il-Proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li huwa l-bażi ġuridika għall-miżuri dwar l-enerġija. Peress li t-Trattat fih bażi ġuridika speċifika għall-enerġija, xieraq li din tintuża.

## •2.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa indirizzat f'din il-Proposta peress li l-Unjoni m'għandhiex kompetenzi esklussivi fuq il-politika tal-enerġija rinnovabbli. Il-Proposta tibni fuq l-importanza dejjem tikber tal-enerġija bħala sfida politika u ekonomika u fuq l-interrelazzjoni mill-qrib tagħha mal-oqsma politiċi tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, it-tibdil fil-klima, is-suq intern, u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

*Il-bżonn ta' azzjoni mill-UE*

Azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa biex tiżgura li l-Istati Membri jikkontribwixxu mill-inqas 27% tal-mira tal-enerġija rinnovabbli vinkolanti fil-livell tal-UE u li dan huwa ssodisfat b'mod kollettiv u kosteffikaċi. L-Istati Membri huma mitluba jiddefinixxu l-livelli ta' ambizzjoni tagħhom inklużi l-perkorsi li jikkorrespondu maċ-ċirikustanzi u l-preferenzi nazzjonali tagħhom. Perkors lineari fl-UE kollha se jgħin biex jiġi ssorveljat il-progress lejn il-kisba ta' mira għall-UE kollha mingħajr ma din tkun vinkolanti fuq l-Istati Membri individwali. Il-ftuħ progressiv għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli huwa meħtieġ biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-suq intern u tiġi żgurata n-negozjabilità transkonfinali, speċjalment fil-każ ta' regoli komuni dwar il-karburanti tat-trasport.

Rigward is-settur tal-elettriku, l-UE waqqfet suq uniku tal-enerġija integrat fejn il-prinċipji ewlenin, ir-regoli għal problemi komuni u r-regoli dwar l-aspetti transkonfinali jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE. Minn dan isegwi li anki għal sorsi rinnovabbli dawn l-aspetti transkonfinali jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-UE permezz ta' regoli speċifiċi.

Xi riskji ta' sostenibbiltà marbuta mal-iżvilupp tal-bijoenerġija għandhom dimensjoni transkonfinali u għalhekk jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv fil-livell tal-UE. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għal impatti ambjentali bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' qafas armonizzat tal-UE ta' sostenibbiltà għall-bijomassa fil-każijiet tat-tisħin u l-qawwa elettrika biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ tal-bijomassa u jiġi promoss il-kummerċ fis-suq intern tal-karburanti tal-bijomassa.

L-analiżi turi li azzjoni fil-livell tal-Istati Membri biss x'aktarx li twassal għal distorsjonijiet u frammentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, li tirriżulta fi spejjeż kumplessivi ogħla u skjerament aktar baxx tal-użu tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Unjoni.

*Valur miżjud tal-UE*

F'dak li għandu x'jaqsam is-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ, dan jikkonsma madwar 50% tal-enerġija tal-UE u 75% ta' konsum tal-UE f'dan is-settur għadu bbażat fuq il-karburanti fossili. In-nuqqas ta' strateġija mifruxa fl-UE kollha aggravat l-inċertezza tal-investituri u ppermettiet il-frammentazzjoni tas-swieq lokali, fejn il-konsumaturi jkollhom diffikultajiet biex jagħmlu għażliet ibbażati fuq il-preferenzi tagħhom u n-nuqqas ta' politiki regolatorji li joħolqu inċentivi għal enerġija deċentralizzata. Gwida tal-UE f'dan is-settur tista' tgħin biex jinħoloq suq integrat tal-UE għal enerġiji rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ. Għalhekk, l-Istati Membri jingħataw għażliet dwar kif għandu jiġi indirizzat il-potenzjal mhux sfruttat fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ.

Minħabba d-dimensjoni lokali tat-tisħin u t-tkessiħ, il-proposta tistabbilixxi qafas ġenerali li jinċentiva l-enerġiji rinnovabbli f'dan is-settur, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà li jadattaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi lokali bl-aktar mod kosteffikaċi.

It-trasport jikkonsma madwar terz tad-domanda tal-enerġija totali tal-UE u din id-domanda hija kważi kompletament issodisfata miż-żejt. Filwaqt li t-tranżizzjoni lejn alternattivi ta' enerġija b'emissjonijiet baxxi fit-trasport diġà nbdiet, xprunata wkoll minn din id-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli, is-settur huwa sostanzjalment inferjuri għal setturi oħra minħabba diversi raġunijiet, li jinkludu n-nuqqas ta' inċentivi kbar għall-innovazzjoni fl-enerġiji u t-teknoloġiji li huma meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul taż-żmien u għad-diversifikazzjoni tal-enerġija tat-trasport kif ukoll fl-infrastruttura relatata mal-elettrifikazzjoni (li qed tiġi indirizzata permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Karburanti Alternattivi u l-miżuri proposti fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini).

Azzjoni komuni tal-UE se tiżgura li l-għanijiet tal-politika (*eż.* l-iżvilupp tal-potenzjal tad-dekarbonizzazzjoni tal-bijokarburanti avvanzati) jinkisbu kollettivament bl-inqas spiża.

Il-qafas tal-enerġija u l-klima għall-UE kollha għall-enerġija rinnovabbli fl-2030 se jgħin ukoll biex jissorvelja u jappoġġja l-politiki tal-Istati Membri biex tinkiseb sistema tal-enerġija sostenibbli, sigura u bi prezz raġonevoli għaċ-ċittadini Ewropej. B'qafas regolatorju prevedibbli mill-UE li jappoġġja s-settur tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli lejn l-Ewropizzazzjoni tal-politika tal-enerġija rinnovabbli tal-2030, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-approċċ imsejjes fuq is-suq għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-tħeġġiġ tal-ftuħ ta' appoġġ transkonfinali, l-Istati Membri jistgħu jfasslu aħjar il-politiki nazzjonali lejn il-mira għall-2020, li jiżgura li l-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli huma koerenti ma' objettivi oħra tal-enerġija u l-klima, jiġifieri l-ETS, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u l-mira għall-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030. Qafas fil-livell tal-UE li jistabbilixxi prinċipji ta' livell għoli għall-iskemi ta' appoġġ se jipprovdi wkoll iċ-ċertezza lill-investituri, li jafu fl-imgħoddi ġew kompromessi minn politika tat-tip stop and go – u xi drabi minn miżuri retroattivi – meħuda minn ċerti Stati Membri.

Permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE, diversi ostakli għall-investimenti pubbliċi u privati (*pereżempju* b'rabta mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni) jistgħu jiġu ttrattati, ħalli jindirizzaw in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-korpi ta' awtorizzazzjoni differenti fil-livell nazzjonali u jistimulaw il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni ta' proġetti transkonfinali u l-iskemi ta' appoġġ.

L-azzjoni tal-UE se tagħti lill-investituri ċertezza f'qafas regolatorju madwar l-UE, skjerament koerenti u kosteffikaċi tal-enerġija rinnovabbli madwar l-UE u t-tħaddim effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija filwaqt li jiġi rrispettat il-potenzjal tal-Istati Membri li jipproduċu forom differenti ta' enerġija rinnovabbli skont it-taħlita tal-enerġija li jagħżlu.

F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa u flessibbiltà li tiffavorixxi l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli f'kull settur tal-ekonomiji tagħhom bil-mod kif l-aħjar jaqbel għall-potenzjal u ċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, inkluż l-għażla li jiksbu l-mira tal-UE billi jiġi appoġġjat l-użu tal-enerġija rinnovabbli fi Stati Membri oħra, kompatibbli ma' proposti tad-disinn tas-suq.

Il-Proposta b'hekk hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

## 2.3. Il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-għażla tal-istrument

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, billi tistipula l-azzjonijiet tal-UE li se jiżguraw li l-Unjoni li tissodisfa mill-inqas il-mira ta' 27 % iżda tipprovdi flessibbiltà biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw l-azzjonijiet maħsuba u jiżviluppaw is-settur

tal-enerġija rinnovabbli li jaqbel l-aktar għas-sitwazzjoni nazzjonali, il-preferenzi u l-potenzjal tagħhom, kemm-il darba huma kollettivament jilħqu mill-inqas il-mira ta' 27 %.

Il-mira fil-livell tal-UE timplika bidla fundamentali fil-qafas tal-politika għall-2030, minn miri nazzjonali legalment vinkolanti, li jippermettu lill-Istati Membri diskrezzjoni kbira dwar il-miżuri nazzjonali tagħhom, favur mira legalment vinkolanti mqiegħda fil-livell tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, miżuri nazzjonali biss iwasslu għal sforzi mhux kosteffikaċi mifruxa b'mod mhux uniformi fl-UE kollha, u dan iwassal għal nuqqas ta' użu tal-enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-enerġija tal-UE, li potenzjalment ma jissodisfax il-mira maqbula. F'dan il-kuntest, miżuri nazzjonali biss ikkoordinati taħt il-mekkaniżmi ta' governanza proposti ma joffrux garanziji suffiċjenti f'termini tal-ksib tal-mira, fl-ilħuq tagħha bl-aktar mod kosteffikaċi, mingħajr ebda vantaġġi inġusti fost l-Istati Membri u tnaqqis tal-frammentazzjoni tas-suq. Azzjoni fil-livell tal-UE tista' għalhekk toħloq qafas stabbli u b'saħħtu li jippermetti il-kisba kollettiva u kosteffikaċi tal-Unjoni ta' objettiv vinkolanti ta' mill-inqas 27% f'enerġija rinnovabbli fl-2030, b'distribuzzjoni ġusta tal-isforzi bejn l-Istati Membri, mingħajr eċċess tal-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-isforz komuni.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi settorjali, it-tisħin u t-tkessiħ jikkunsmaw madwar 50 % tal-enerġija tal-UE u 75 % tal-ħtiġijiet tal-karburanti tal-UE għat-tisħin u t-tkessiħ xorta waħda għadhom ġejjin minn karburanti fossili. Bħala tali, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ hija kruċjali jekk l-UE trid tibqa' fi triqitha lejn l-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tagħna fuq terminu twil ta' żmien u ttejjeb is-sigurtà tal-provvista. Sal-2030, kważi nofs[3] il-kontribuzzjoni lejn il-mira tal-UE għall-enerġija rinnovabbli għandha tiġi mit-tisħin u tkessiħ. Dan l-ammont juri l-ħtieġa għal azzjoni f'dan is-settur speċifiku. L-għażliet ta' tisħin u tkessiħ proposti jiggwidaw lill-Istati Membri fl-għażla ta' approċċ li jiffaċilita l-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur li jikkontribwixxi biex jintlaħaq dan is-sehem kosteffikaċi, iżda jħallulhom flessibbiltà sħiħa fit-tfassil tal-pjanijiet integrati tagħhom dwar il-klima u l-enerġija. Jekk l-Istati Membri kollha jadottaw l-miżura ssuġġerita, din se tkopri bejn wieħed u ieħor kwart tad-differenza bejn li kieku ma ssir l-ebda bidla politika u bidla fil-livell tal-UE ta' mill-inqas 27%.

Prerogattivi nazzjonali importanti, bħalma huma d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tagħhom, l-għażla tagħhom bejn it-teknoloġiji differenti tal-enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tagħhom, jibqgħu mhux mittiefsa. Barra minn hekk, il-qafas tas-sostenibbiltà tal-bijoenerġija tal-UE jinkludi l-kriterji minimi li juru l-produzzjoni sostenibbli u l-użu effiċjenti tal-bijomassa fit-trasport, sħana u enerġija. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà l-ġdida ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju u għandhom japplikaw biss għal ġeneraturi tas-sħana u tal-enerġija fuq skala kbira.

Fl-aħħar nett, il-proporzjonalità hija żgurata billi jintlaħaq bilanċ bejn l-objettivi ta' kompetittività, is-sigurtà tal-provvista u s-sostenibbiltà, u billi jiġu kkunsidrati l-benefiċċji fit-tul lil hinn mill-2030 azzjoni proposta - u mhux tkun ibbażata biss fuq l-impatti fuq żmien qasir sa medju.

Il-livell ta' restrizzjoni impost b'hekk huwa proporzjonat għall-għan.

[3] 40% tal-konsum finali tal-enerġija, skont xenarju tal-PRIMES EUCO27

## 2.4. L-għażla tal-istrument

L-istrument magħżul huwa Direttiva li trid tkun implimentata mill-Istati Membri. Direttiva hija l-istrument xieraq għall-promozzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għaliex tiddefinixxi b'mod ċar l-għanijiet tal-UE li għandhom jintlaħqu, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri biżżejjed libertà biex jimplimentawha bil-mod kif l-aħjar jaqbel liċ-ċirkustanzi partikolari nazzjonali tagħhom. Għalhekk, hija inkluża biss azzjoni obbligatorja limitata b'imponiment ta' dispożizzjoni, u dan esklussivament sabiex jiżdied l-użu ottimali fir-rigward tal-ispejjeż meħtieġa madwar l-Unjoni (*eż*. l-Artikolu 5 tal-Proposta dwar il-ftuħ obbligatorju parzjali ta' skemi ta' appoġġ).

Il-Proposta teħtieġ emenda sostantiva tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u l-metodu tar-riformulazzjoni jippermetti l-adozzjoni ta' test leġiżlattiv wieħed li fl-istess waqt jagħmel l-emenda mixtieqa, jikkodifika l-emenda mad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att ta' qabel, kif ukoll iħassar dak l-att. Għalhekk, Direttiva riformulata hi l-istrument xieraq u hija konformi mal-impenn tal-Kummissjoni skont il-ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[4].

# 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

## 3.1. L-evalwazzjoni REFIT

Bejn l-2014 u l-2016, twettqet evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli skont il-programm dwar l-idoneità tar-regolamentazzjoni (REFIT). Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni huma ppreżentati f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tar-REFIT separat ippreżentat flimkien mal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta.

L-evalwazzjoni REFIT kkonkludiet li l-għan li b'mod sostenibbli jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tal-UE kien ta' suċċess. Il-miri nazzjonali vinkolanti, il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-monitoraġġ biennali previsti fid-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli kienu partikolarment effettivi għall-promozzjoni tat-trasparenza għall-investituri u l-operaturi ekonomiċi l-oħra, u żguraw informazzjoni ta' kwalità għolja dwar is-swieq tal-enerġija rinnovabbli u l-politiki fl-Istati Membri. Dan huwa muri permezz taż-żieda rapida fl-iskjerament wara d-data tal-adozzjoni tad-Direttiva, jiġifieri minn sehem ta' 10,4% ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-2007 għal 17 % fl-2015.

Dawn id-dispożizzjonijiet legali, flimkien ma' politiki nazzjonali addizzjonali u miżuri oħra mhux regolatorji, ikkontribwew għall-kisba b'mod ġenerali tal-politika tal-enerġija u tal-klima tal-UE, biex irriżultaw f'anqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, żieda fis-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, tmexxija fl-innovazzjoni, ħolqien tal-impjiegi, aċċettazzjoni pubblika u żvilupp reġjonali. Dawn urew ir-rilevanza, il-koerenza, l-effiċjenza, l-effikaċja u l-valur miżjud għall-objettivi tal-enerġija ġenerali tal-UE u t-tibdil fil-klima. L-enerġija rinnovabbli hija, attwalment, l-unika għażla ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur tal-enerġija mħaddma b'rata li hija simili għal dak li huwa meħtieġ skont ix-xenarji tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) biex iż-żieda fit-temperatura globali tkun limitata għal 2°C aktar mil-livelli preindustrijali.

4 ĠU L 123, tat-12 ta' Mejju 2016, p.1.

Madankollu, anki jekk l-UE kollha kemm hi u l-Istati Membri kollha barra wieħed qegħdin fit-triq it-tajba lejn il-miri ġenerali tagħha għall-enerġija rinnovabbli għall-2020, il-ksib tal-mira sal-2020 se tkun żgurata biss jekk l-Istati Membri jkomplu jippromwovu l-mobilizzazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli bl-għan li jlaħħqu mal-perkors li kull ma jmur qed isir aktar qawwi tagħhom. B'mod partikolari, hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali biex tiżdied ir-rata attwali tal-progress fl-iskjerament fit-trasport biex jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira settorjali ta' 10%. B'mod partikolari, l-inċertezza regolatorja minħabba id-diskussjoni politika ewlenija mtawla dwar kif għandu jiġi indirizzat ir-riskju tal-Bidla Indiretta fl-Użu tal-Art (ILUC) b'rabta mal-bijokarburanti magħmula mill-ikel kellha impatt negattiv fl-iskjerament ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport.

## 3.2. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

### *3.2.1. Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu*

Firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inklużi l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiġu involuti matul it-tħejjija tal-proposta. Dan inkluda konsultazzjoni pubblika ta' 12-il ġimgħa, workshop għall-partijiet kkonċernati li saret fil-5 ta' Frar 2016, diskussjoni ddedikata lill-Forum Regolatorju dwar l-Elettriku f'Firenze u bosta diskussjonijiet bilaterali.

Fit-18 ta' Novembru 2015 tnediet konsultazzjoni pubblika u baqgħet miftuħa sal-10 ta' Frar 2016. Il-Kummissjoni rċeviet total ta' 614-il tweġiba. Intbagħtu 340 tweġiba minn assoċjazzjonijiet nazzjonali u mill-UE kollha, li jammontaw għal 58% tat-tweġibiet. Minn dawn, 110 waslu minn assoċjazzjonijiet tal-industrija (18% tat-total tat-tweġibiet) u 90 tressqu mill-industrija tal-enerġija rinnovabbli (15 %). Barra minn hekk, kien hemm 186 tweġiba direttament minn impriżi (30 %). Total ta' 19-il gvern nazzjonali u 22 awtorità reġjonali jew lokali wkoll ħadu sehem f'din il-konsultazzjoni. Huwa importanti li wieħed jinnota parteċipazzjoni sinifikanti minn ċittadini individwali, minn kooperattivi tal-enerġija u Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi.

Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni pubblika online dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija, mill-10 ta' Frar sal-10 ta' Mejju 2016, u rċeviet aktar minn 950 tweġiba. Dan ġie kkumplimentat minn sessjoni tal-konferenza tal-partijiet ikkonċernati tematika li saret fit-12 ta' Mejju 2016.

### *3.2.2 Taqsira tal-opinjonijiet tal-partijiet konċernati*

Il-valutazzjoni dettaljata tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika tikkonferma qbil wiesa' fost dawk li wieġbu fuq għadd ta' elementi mressqa matul il-konsultazzjoni pubblika, inkluż, fost l-oħrajn, il-ħtieġa għal qafas legali Ewropew stabbli u prevedibbli għall-enerġija rinnovabbli, l-importanza li jiġu definiti miżuri kumplimentari fid-Direttiva riformulata biex jiżguraw li tintlaħaq il-mira vinkolanti ta' mill-inqas 27% fil-livell tal-UE u r-rilevanza tal-iżvilupp ta' suq tajjeb għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, il-partijiet interessati huma maqsuma dwar kwistjonijiet oħra, bħal pereżempju fir-rigward tal-ambitu ġeografiku ta' skemi ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u l-esponiment għall-kundizzjonijiet tas-suq (*eż.* ir-rilaxx prijoritarju u responsabbiltajiet ta' bilanċjar).

Fir-rigward tar-rwol ta' entitajiet privati u pubbliċi fis-suq tal-elettriku, hemm appoġġ qawwi għal aktar azzjoni tal-UE biex nagħtu s-setgħa lill-konsumaturi tal-enerġija u l-awtoritajiet lokali. Il-maġġoranza tar-risposti jappoġġjaw regoli tal-UE aktar b'saħħithom li jiggarantixxi

li l-konsumaturi jkollhom il-possibbiltà li jipproduċu u jaħżnu s-sħana u l-elettriku rinnovabbli tagħhom stess u s-swieq tal-enerġija kollha rilevanti b'mod mhux diskriminatorju u b'mod sempliċi, anke permezz tal-aggregaturi. Ħafna minn dawk li wieġbu jsostnu żieda tal-esponiment tas-suq fuq medda qasira ta' żmien għal sistemi ta' awtokonsum, billi jagħtu valur lill-aċċess tal-elettriku injettat fil-grilja bi prezz tas-suq bl-ingrossa. Madankollu, għadd ta' ġeneraturi tal-enerġija rinnovabbli jenfasizzaw li skemi ta' appoġġ ibbażati fuq is-suq għadhom meħtieġa għal sistemi ta' awtokonsum fuq skala żgħira matul it-tranżizzjoni lejn disinn riformat tas-suq. Bosta minn dawk li wieġbu jappoġġjaw l-aċċess iffaċilitat għall-finanzjament għall-inizjattivi lokali dwar l-enerġija rinnovabbli.

Il-partijiet ikkonċernati jenfasizzaw li bidliet retroattivi għall-iskemi ta' appoġġ għandhom jiġu evitati. Elementi oħrajn huma meqjusa importanti biex titjieb l-istabbiltà tal-investiment; dawn jinkludu t-tneħħija ta' ostakoli amministrattivi, iktar integrazzjoni tas-suq u t-tisħiħ ta' reġim ta' protezzjoni tal-investiment li jmur lil hinn mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. Ħafna minn dawk li wieġbu jisħqu wkoll fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tad-Direttiva riformulata, ferm qabel l-2021, sabiex tagħti sinjali ta' politika f'waqthom u ssawwar attitudni għall-investituri.

Bosta Stati Membri b'mod partikolari enfasizzaw li d-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom stess u li jiżviluppaw teknoloġiji rinnovabbli li jkunu għażlu, pereżempju għal raġunijiet ta' diversifikazzjoni, jeħtieġ li jkun garantit, speċjalment fit-tfassil ta' skemi ta' appoġġ. Huma enfasizzaw ukoll li l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija rinnovabbli għandu jkun organizzat b'mod koordinat u ma jistax jitħalla biss għal proċeduri ta' notifika individwali frammentata skont l-iskedi tal-Istati Membri.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, qafas legali b'saħħtu mħaddan fid-Direttiva tas-Sorsi Rinnovabbli huwa kkunsidrata essenzjali għall-kisba ta' mill-inqas 27% tal-enerġija rinnovabbli tal-UE sal-2030. Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu huma favur miżuri ta' prekawzjoni biex jevitaw interruzzjoni fl-ilħuq tal-mira, iżda wkoll jaraw il-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi jekk dan ikun il-każ. Xi partijiet ikkonċernati, bħalma huma r-regolaturi tal-enerġija, jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza ta' kull miżura kumplimentari mal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali.

Il-konsultazzjoni pubblika enfasizzat li l-ostakli ewlenin biex tiżdied l-enerġija rinnovabbli fit-trasport jinkludu, fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' qafas politiku stabbli għall-perjodu wara l-2020, id-dibattitu twil dwar is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, u l-prezz għoli tal-vetturi elettriċi. Il-maġġoranza l-kbira ta' dawk li wieġbu indikaw ukoll li l-obbligu ta' inkorporazzjoni tal-karburanti fl-UE kollha jkun effettiv jew effettiv ħafna biex jiġi promoss il-konsum ta' karburanti rinnovabbli sostenibbli fis-settur tat-trasport tal-UE u biex jiżdied l-użu ta' vetturi elettriċi.

Barra minn hekk, Forum Regolatorju tal-Elettriku li sar f'Firenze fit-13-14 ta' Ġunju 2016 bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ewlenin ikkonkludew li qafas dwar l-enerġija rinnovabbli għall-perjodu ta' wara l-2020 għandu jkun ibbażat fuq tfassil imtejjeb ta' tas-suq, idoneu għal integrazzjoni sħiħa tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, b'sinjal tal-prezzijiet tal-karbonju b'saħħtu permezz ta' ETS imsaħħa, u appoġġ speċifiku għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li meta u jekk ikun meħtieġa, għandhom ikunu bbażati fuq is-suq filwaqt li tiġi mminimizzata d-distorsjoni tas-suq. Għal dan l-għan, il-Forum ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa regoli komuni dwar skemi ta' appoġġ bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli ħalli jiffaċilitaw il-bażi tas-suq u approċċ aktar reġjonalizzat għall-enerġija rinnovabbli.

Il-konsultazzjoni pubblika dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija uriet li hemm perċezzjoni diverġenti dwar il-benefiċċji u r-riskji tal-bijoenerġija u dwar il-ħtieġa għal politika ġdida tal-UE. Madankollu, maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu enfasizzaw il-mitigazzjoni tal-klima bħala l-għan ewlieni ta' politika tas-sostenibbiltà tal-bijoenerġija.

Għadd ta' awtoritajiet pubbliċi u intrapriżi pubbliċi kif ukoll xo produtturi tal-bijokarburanti u bijolikwidi u kumpaniji tal-forestrija u diversi Stati Membri indikaw li huma jippreferu x-xenarju bażi, jiġifieri l-ebda rekwiżiti ta' sostenibilità addizzjonali tal-UE. Waħda mir-raġunijiet li semmew hija l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni oħra li tkopri riskji potenzjali marbuta mal-bijomassa għall-enerġija, kif ukoll ir-riskju ta' piż amministrattiv eċċessiv.

Min-naħa l-oħra, ħafna produtturi u utenti tal-bijoenerġija, kif ukoll għadd ta' Stati Membri jappoġġjaw aktar azzjoni tal-UE sabiex jitwessgħu l-kriterji ta' sostenibilità tal-UE għall-bijomassa użata għat-tisħin/tkessiħ u l-elettriku. Opinjoni reċenti tal-Kumitat Permanenti tal-Foresterija tal-UE, il-Grupp ta' Konsulenza dwar Azzjoni tal-UE għall-Foresti, appoġġjat l-għażla ta' introduzzjoni ta' kriterju ta' sostenibbiltà għall-bijomassa tal-foresti bbażat fuq ir-riskju.

Ir-rekwiżiti dwar l-effiċjenza ta' konverżjoni tal-bijomassa għall-enerġija huma appoġġjati minn firxa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi b'mod partikolari l-industrija li tuża l-injam, inklużi l-produtturi tal-polpa u tal-karta, u l-NGOs ambjentali. L-NGOs jappoġaw ukoll limitu fuq l-użu globali tal-bijoenerġija, kif ukoll restrizzjonijiet fuq ċerti prodotti jew soris tal-għalf, u rekwiżiti ambjentali u soċjali għall-produzzjoni tal-bijomassa.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati talbu trattament konsistenti meta jimponu miżuri li jirrigwardaw materja prima speċifika, irrispettivament mill-użu finali: dan ifisser pereżempju li r-regoli għandhom ikunu l-istess għall-bijomassa agrikola li tintuża għall-produzzjoni ta' bijokarburanti jew għal bijogass għall-ġenerazzjoni tas-sħana u l-qawwa elettrika.

### 3.3. Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert

Dawn l-istudji ewlenin li ġejjin ġew ikkummissjonati minn kuntratturi esterni:

- Study on the impact assessment for a new Directive mainstreaming deployment of renewable energy and ensuring that the EU meets its 2030 renewable energy target - ECN, Oeko Institute, Eclareon, REBEL, SUER, BBH.
- Study on Technical Assistance in Realisation of the 2016 Report on Renewable Energy, in preparation of the Renewable Energy Package for the Period 2020-2030 in the European Union - Öko-Institut, E3-Modelling, Observ'ER, COWI.
- Supporting investments into renewable electricity in context of deep market integration of RES-e after 2020: Study on EU-, regional- and national-level options - Cambridge Economic Policy Associates (CEPA).
- Study on the sustainable and optimal use of biomass for energy in the EU beyond 2020 – PricewaterhouseCoopers, Vito, TU Wien, Utrecht University, INFRO, Rutter Soceco.
- Carbon impacts of biomass consumed in the EU - Forest Research UK, VTT, North Energy, Alterra.

- Study on impacts on resource efficiency on future EU demand for bioenergy, IISA, Idufor, EFI, Oeko Institute, IEEP.

### 3.4. Il-valutazzjoni tal-impatt

Il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) li takkumpanja l-Proposta ma ppreżentat l-ebda ġabra ta' għażliet preferuti imma wettqet analiżi dettaljata ta' kull għażla ta' politika b'approċċ gradwali minn xenarju tal-ebda bidla (Op. 0), jiġifieri t-tkomplija tal-miżuri nazzjonali mingħajr azzjoni oħra fil-livell tal-UE, sa xenarji alternattivi li jinkludu miżuri tal-UE aktar komprensivi fil-ħames oqsma t'hawn taħt.

Fis-16 ta' Settembru 2016[5], il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta l-ewwel opinjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt u talab sottomissjoni mill-ġdid. Dan kien sussegwentement rivedut u se jerġa' jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fis-17 ta' Ottubru 2016 li ħareġ it-tieni opinjoni negattiva fl-4 ta' Novembru 2016 iżda ma talabx li l-valutazzjoni tal-impatt tkompli tiġi reveduta u ppreżentata mill-ġdid.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qieset li kien opportun li ssir proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli filwaqt li titqies ir-riżerva espressa mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fit-tieni opinjoni tiegħu. B'mod partikolari, hija għażlet dispożizzjonijiet aktar proporzjonati u anqas impenjattivi għas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ flimkien ma' dispożizzjonijiet imsaħħa fil-qafas tal-governanza biex tissalvagwardja l-kisba tal-miri tal-2030. Żgurat ukoll li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-proposta huma kompletament kompatibbli u kumplamentari mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u li ma jirfsux fuq il-kompetenzi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Id-dispożizzjonijiet proposti huma prinċipji ġenerali li jeħtieġu l-użu (fejn meħtieġ) u skemi kosteffikaċi bbażati fuq is-suq. Dan huwa kompletament konsistenti ma' disinn ġdid tas-suq u jgħin biex inaqqas l-ispejjeż għal min iħallas it-taxxa u għall-konsumaturi tal-elettriku. Id-dispożizzjonijiet jappoġġjaw aktar ċertezza għall-investituri għall-perjodu 2021-2030. Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-għanijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija. Fl-aħħar nett, tinnota inċertezzi inevitabbli fil-kalkoli l-vojt li jrid jimtela, in-natura minima tal-mira vinkolanti tal-livell tal-UE 27 u l-ħtieġa li jiġu pprovduti inċentivi għal investiment stabbli u f'waqtu b'meded twal ta' żmien għall-implimentazzjoni. Minħabba dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis il-pakkett globali ta' miżuri biex ikun hemm risposta proporzjonata għall-problemi ffaċċjati. Aktar informazzjoni ddettaljata dwar dan hija ppreżentata f'dan il-Kapitolu.

(i) Għażliet biex tiżdied l-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-elettriku (RES-E)

a) Qafas Ewropew komuni għal skemi ta' appoġġ: (1) użu biss tal-mekkaniżmi tas-suq; (2) qafas Ewropew ta' appoġġ kosteffikaċi u msejjes fuq is-suq; (3) ċaqlieqa obbligatorja lejn investimenti ta' għajnuna.

Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tippermetti l-possibbiltà għal skemi ta' appoġġ, iżda tħalli l-għażla tal-iskemi ta' appoġġ lill-Istati Membri. Dan wassal għal sitwazzjoni subottimali fejn Stati Membri introduċew skemi ta' appoġġ li kienu sussegwentement, f'ħafna każijiet, mibdula jew revokati retroattivament. Dan għandu mbagħad ħalla impatt negattiv fuq

[5] L-opinjonijiet huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/cia_2016_en.htm . Aktar kummenti speċifiċi dwar il-kummenti tal-Bord jistgħu jinstabu fl-Anness I tal-VI mehmuż ma' din il-proposta.

il-fiduċja tal-investituri. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm regoli aktar ċari għal tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli li żżid il-fiduċja tal-investituri.

F'dan l-isfond, l-Għażla 2 tinvolvi l-introduzzjoni ta' prinċipji għal skemi ta' għajnuna li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu u li attwalment għadhom meħtieġa biex jiġu attirati investimenti suffiċjenti biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-2030. Din l-għażla tinkludi prinċipji ta' disinn għall-Istati Membri biex jużaw skemi ta' appoġġ u protezzjoni għall-investituri minn bidliet retroattivi. Dawn il-prinċipji huma mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' dan is-settur, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju qies li l-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat eżistenti diġà jindirizzaw ħafna mill-kwistjonijiet inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt u diġà jirrikonoxxu l-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030.

Hija għażla politika li dawn il-prinċipji tankrahom fil-leġiżlazzjoni. B'dan il-mod, dawn id-dispożizzjonijiet se jappoġġjaw l-Ewropizzazzjoni tal-politika tal-enerġija rinnovabbli, billi s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli tagħmilhom idonei għas-suq, filwaqt li tiġi żgurata ċ-ċertezza lill-investituri sas-sena 2030. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fl-Anness 1 tal-valutazzjoni tal-impatt. F'dan il-kuntest, il-qafas propost jistabbilixxi prinċipji ta' disinn li (i) jiżguraw biżżejjed ċertezza għall-investituri għall-perjodu 2021-2030 u (ii) jeħtieġu l-użu (fejn meħtieġ) u skemi kosteffikaċi msejsa fuq is-suq ibbażati fuq l-aħjar prattika tad-disinn emerġenti. Il-prinċipji f'din il-proposta huma għal kollox konformi mal-orjentazzjonijiet diġà meħuda mill-Kummissjoni fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ambjent u l-Enerġija (EEAG) u jkomplu jsawruhom f'għadd ta' oqsma bħalma huma b'mod partikolari li jolqtu l-parteċipazzjoni transkonfinali.

Barra minn hekk, il-qafas huwa effettiv biex tkun żgurata biżżejjed ċertezza għall-investituri billi tiddefinixxi prinċipji ġenerali tad-disinn b'konformità mal-prinċipji msejsa fuq is-suq u bbażati fuq l-aħjar prassi li tkun valida matul il-perjodu 2021-2030.

Fl-istess ħin, il-qafas ikun proporzjonat u mhux preskrittiv iżżejjed, minħabba li r-regoli huma ta' natura ġenerali, u jirrispetta wkoll il-prinċipju tas-sussidarjetà peress li jikkunsidra b'mod sħiħ id-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Għal dan l-għan hemm bżonn li titfisser fil-qafas regolatorju preżenti r-relazzjoni bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom stess u li jiżviluppaw teknoloġiji rinnovabbli li jkunu għażlu, pereżempju għal raġunijiet ta' diversifikazzjoni, u min-naħa l-oħra l-objettiv li jiġi żgurat livell ta' kompetizzjoni bejn teknoloġiji. Il-preżentazzjoni ta' dawn il-prinċipji bażiċi tal-qafas tal-enerġija għall-Ewropa għal ftehim fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew, se jibni l-leġittimità u l-aċċettazzjoni pubblika għall-aġenda tal-integrazzjoni tas-suq.

Barra minn hekk, diversi partijiet ikkonċernati inklużi r-regolaturi[6] kif ukoll għadd ta' Stati Membri appellaw biex qafas bħal dan jiġi introdott fil-Proposta, b'mod komplementari għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

b) Aproċċ reġjonali aktar koordinat: (1) appoġġ reġjonali obbligatorju (2) ftuħ parzjali obbligatorju ta' skemi ta' appoġġ għal parteċipazzjoni transkonfinali.

---

[6] Ara pereżempju l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Forum Regolatorju Ewropew għall-Elettriċità li saret fit-13-14 ta' Ġunju 2016: "il-Forum iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa regoli komuni dwar skemi ta' appoġġ bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli ħalli jiffaċilitaw il-bażi tas-suq u approċċ aktar reġjonalizzat għall-enerġija rinnovabbli."

Din il-proposta tirrifletti t-tieni għażla (l-Għażla 1 fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt), sabiex tagħmel obbligatoju il-ftuħ parzjali tal-iskemi ta' appoġġ RES-E għall-parteċipazzjoni transkonfinali. Din l-għażla tippermetti li jitbaxxew l-ispejjeż ġenerali tas-sistema u l-ispejjeż ta' appoġġ billi jiġi żgurat li l-investimenti jseħħu dejjem aktar fejn il-potenzjal u kundizzjonijiet oħra huma l-aktar favorevoli. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt juru li din il-miżura twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż tas-sistema tal-enerġija ta' EUR 1,0 biljun fis-sena għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030, filwaqt li l-ispejjeż ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli mħallsa mill-konsumatur huma jitnaqqsu b'3 %.

Din l-għażla hija proporzjonata minħabba li tipproponi biss ftuħ progressiv u parzjali, li jirrifletti l-livell ta' interkonnessjonijiet fiżiċi. Tirrispetta s-sussidjarjetà għaliex ma tkunx tillimita l-kapaċità tal-Istati Membri li jfasslu skema ta' appoġġ tagħhom u għalhekk ma xxekkilx id-dritt tagħhom li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom.

c) strument finanzjajru ffukat fuq is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli: (1) strument finanzjarju fil-livell tal-UE b'kriterji ta' eliġibbiltà wesgħin; (2) strument finanzjarju fil-livell tal-UE b'appoġġ għal proġetti RES b'riskju ogħla.

L-għan f'dan il-qasam huwa li jitjieb l-użu ta' fondi taħt strumenti finanzjarji eżistenti jew ġodda biex tiġi appoġġjata l-ambizzjoni għolja tal-Istati Membri fl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli. Id-dettalji ta' dan il-qafas ta' appoġġ għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntest tat-tħejjija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027.

d) Smplifikazzjoni amministrattiva: (1) dispożizzjonijiet imsaħħa b' "one-stop-shop", firxiet ta' żmien u proċeduri ffaċilitati ta' repowering; (2) proċeduri ta' awtorizzazzjoni limitati biż-żmien, permezz ta' approvazzjoni awtomatika u sempliċi ta' notifika fil-każ ta' proġetti żgħar.

Taħlita tal-Għażliet 1 u 2 hija preferuta għal din il-Proposta, sabiex jiġu stabbiliti proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti ta' enerġija rinnovabbli b'awtorità maħtura waħda ("one-stop-shop"), limitu ta' żmien massimu għall-proċess għall-għoti tal-permessi, notifika sempliċi għal operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għal proġetti fuq skala żgħira u dispożizzjoni speċifika dwar it-tħaffif tal-proċess għall-għoti tal-permessi għal repowering ta' impjanti eżistenti tal-enerġija rinnovabbli. Din l-għażla tippermetti li jinkisbu proċessi tal-permessi aktar ċari, aktar trasparenti, prevedibbli u li jieħdu inqas ħin għall-applikanti.

Din l-għażla hija proporzjonata minħabba li fil-biċċa l-kbira tagħha hija l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-aħjar prattika li diġà jeżistu f'xi Stati Membri. Din ma għandhiex iġġib magħha spejjeż kbar. Tirrispetta s-sussidjarjetà għaliex tippermetti lill-Istati Membri jagħżlu kif jorganizzaw il-one-stop-shops. Lanqas ma tinterferixxi mal-kontenut tal-proċeduri għall-għoti tal-permessi.

(ii) L-għażliet biex tiżdied l-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ (RES-H&C):

a) l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ: (0) il-kontinwazzjoni tal-miżuri nazzjonali attwali mingħajr azzjoni tal-UE; (1) l-introduzzjoni tal-obbligu RES H&C għal fornituri ta' karburanti fossili; (2) l-istess obbligu, iżda għall-fornituri tal-karburanti kollha.

L-għażla ppreferuta hija l-Għażla 2, fejn il-fornituri nnominati mill-Istati Membri u li jkopru mill-inqas 50% tal-provvista tal-enerġija jkunu meħtieġa sabiex gradwalment jintegraw l-enerġiji rinnovabbli fil-volum ta' bejgħ annwali totali tagħhom sal-2030 (b'1 punt perċentwali kull sena).

F'dak li għandu x'jaqsam ma' dan is-settur, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju esprima dubji dwar il-proporzjonalità tal-istabbiliment ta' obbligu fuq il-fornituri tal-enerġija għat-tisħin u għat-tkessiħ. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi, il-proposta preżenti tissostitwixxi l-obbligu b'diversi għażliet disponibbli għall-Istati Membri, u b'hekk tipprovdi l-flessibilità tal-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

B'qies li t-tisħin u t-tkessiħ jirrappreżentaw kważi nofs l-emissjonijiet tal-użu finali tal-enerġija[7] u li, filwaqt li s-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tal-elettriku żdied b'aktar minn 8 punti perċentwali bejn l-2009 u l-2015, is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ żdied biss b'anqas minn 3 punti perċentwali fl-istess perjodu, hemm il-ħtieġa ta' miżura ambizzjuża, iżda flessibbli, f'dan is-settur.

Din l-għażla hija proporzjonata, għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jiżdied l-użu tal-enerġiji rinnovabbli fis-settur RES-H&C fil-livell tal-UE u ma tpoġġix piż kbir fuq l-SMEs.

Din l-għażla hija konsistenti u komplementari għall-EED u l-EPBD). L-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ hija promossa permezz ta' ffrankar ta' enerġija u r-rinovazzjoni, speċjalment fis-settur tal-bini. B'mod parallel, l-għażliet ta' tisħin u tkessiħ jaċċeleraw il-qalba mill-karburanti fossili għal enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, filwaqt li tittratta wkoll l-istokk eżistenti tal-bini. Miżuri speċifiċi tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista għat-tisħin u t-tkessiħ u l-użu tal-enerġija fil-livell tal-bini se jnaqqsu r-riskju tal-hekk imsejjaħ lock-in teknoloġiku, jiġifieri fejn l-approċċ ffukat fuq l-effiċjenza enerġetika jwassal biss għal teknoloġiji tal-karburanti fossili li jiġu sostitwiti minn soluzzjonijiet aktar effiċjenti iżda li jkunu xorta waħda karburanti fossili.

b) L-iffaċilitar tal-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u s-sħana tal-iskart fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali (DHC): (1) skambju tal-aħjar prattiki; (2) ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u l-ftuħ tal-aċċess għall-H&C lokali; (3) miżuri skont 1 u 2, flimkien ma' qafas ta' drittijiet addizzjonali msaħħa tal-konsumatur.

L-Għażla 3 hija ppreferuta għal din il-Proposta. Din l-għażla tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jipproduċu sħana rinnovabbli lokalment, u l-użu ta' sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali rinnovabbli li toħloq sinerġiji ma' utenti oħra, u li għalhekk ikollha impatt soċjali pożittiv. Il-possibbiltà ta' skonnettjar tippermetti għal aktar produzzjoni tas-sħana rinnovabbli bejn l-2020 u l-2030 li tkompli tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Minkejja li l-permess ta' skonnettjar jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq il-flussi ta' dħul tal-kumpaniji tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fil-livell lokali, dawn l-impatti jiġu kkumpensati minn impatti soċjali u ambjentali pożittivi.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata peress li l-piż amministrattiv se jkun direttament ikkorrelatat mal-livell ta' penetrazzjoni tas-sistemi tat-tisħin distrettwali fil-livell nazzjonali. B'mod partikolari, l-Istati Membri b'sehem baxx ta' tisħin distrettwali se jħabbtu wiċċhom mal-piż ta' ċertifikazzjoni limitata u domanda tal-iskonnettjar aktarx moderata.

It-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jirrappreżenta madwar 10% tal-provvista tal-enerġija fl-UE. Is-sistemi ta' tisħin u t-tkessiħ distrettwali huma element li jippermettu sehem akbar tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija tal-UE. Pereżempju, hemm potenzjal vast li għadu ma ġiex sfruttat għall-użu ta' pompi tas-sħana fuq skala industrijali fit-tisħin distrettwali u huwa stmat li aktar minn 25% tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'żoni adatti għal

[7] "Strateġija tal-UE għat-Tisħin u t-Tkessiħ" (COM (2016) 51 final).

applikazzjonijiet tat-tisħin distrettwali ġeotermali. Barra minn hekk, is-sistemi distrettwali tat-tisħin jirrappreżentaw teknoloġija infrastrutturali importanti li tiffaċilita aktar effiċjenzi ta' konverżjoni totali tal-impjanti tal-iskart-għall-enerġija[8].

Is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali aktar qodma għandhom jevolvu biex tiġi akkomodata ż-żieda tal-provvista tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, l-investiment attwali fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali ma jippermettix tranżizzjoni għal provvista ta' enerġija effiċjenti u rinnovabbli.

Il-miżuri tal-prestazzjoni tal-enerġija jeħtieġu appoġġ amministrattiv relattivament sempliċi, iżda jistgħu jżidu b'mod sostanzjali l-użu tal-enerġija rinnovabbli, u huwa għalhekk li l-miżura hija effiċjenti.

Barra minn hekk, din l-għażla hija wkoll proporzjonata (għax toħloq livell ta' kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi distrettwali tat-tisħin u t-tkessiħ lokali u l-kontributuri u l-utenti tas-sħana permezz ta' sistema trasparenti iżda komparabbli) u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (għax tipprovdi l-prinċipji iżda tirrispetta r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali fl-istabbiliment tas-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali).

(Iii) L-għażliet biex jiżdied is-settur tat-trasport b'emissjoni baxxa tal-karbonju u bl-enerġija rinnovabbli (RES-T):

(1) L-obbligu ta' inkorporazzjoni tal-UE għal karburanti rinnovabbli avvanzati; (2) L-obbligu ta' inkorporazzjoni tal-UE għal karburanti rinnovabbli avvanzati għat-trasport (inklużi bijokarburanti avvanzati), flimkien ma' tnaqqis ta' bijokarburanti ibbażati fuq l-ikel b'firxa ta' varjanti li jkopru r-rapidità u l-grad tat-tnaqqis; (3) jekk nibnu fuq l-Għażla 2, l-obbligu ta' inkorporazzjoni tal-UE għal karburanti rinnovabbli marittimi u tal-avjazzjoni; (4) L-obbligu ta' tnaqqis tal-emissjonijiet GHG (kontinwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti).

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju qies li s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti u l-kontribut potenzjali tagħhom fil-mira fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar u jkunu evalwati bl-istess mod fir-rigward ta' forom oħra ta' bijoenerġija. Huwa talab ukoll li l-konsiderazzjoni ta' għażla addizzjonali li tapplika aħjar il-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijokarburanti kollha.

Il-valutazzjoni tal-impatt analizzat dawn l-erba' għażliet ta' politika għal azzjoni tal-UE biex titħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni tal-karburanti tat-trasport u d-diversifikazzjoni tal-enerġija, filwaqt li tiġi indirizzata l-Bidla Indiretta fl-Użu tal-Art (ILUC) relatata mal-bijokarburanti magħmula mill-ikel. F'dan il-kuntest, hija tibni fuq l-analiżi li ssawret fil-valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva ILUC, il-Valutazzjoni tal-Impatt tivvaluta għadd ta' għażliet għat-tisħiħ tal-qafas eżistenti dwar is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, inkluż permezz tal-estensjoni u aktar tnaqqis tal-limitu massimu eżistenti fuq il-bijokarburanti ibbażati fuq l-ikel għall-perjodu wara l-2020 ħalli jitnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijiet ILUC. Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt evalwat l-għażliet għat-tisħiħ tal-kriterji kumplessivi tas-sostennibbiltà għall-bijoenerġija, inkluż kriterju ġdid ta' sostenibbiltà għall-bijomassa tal-foresti (użata wkoll għall-produzzjoni tal-bijokarburanti) u estensjoni tal-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijomassa użata għas-sħana u l-qawwa elettrika.

[8] Persson & Muenster (2016). Current and future prospects for heat recovery from waste in European district heating systems: A literature and data review. Energy. Settembru 2016

L-Għażla 2 hija ppreferuta għal din il-Proposta peress li din tibni fuq il-prattika ta' 25-il Stat Membru, li daħħlu l-mandati ta' taħlit tal-bijokarburant, u tipprovdi lill-industrija aktar ċertezza dwar il-volumi/id-domanda futura tas-suq għall-bijokarburanti avanzati, li hija meħtieġa biex jiġu żgurati l-investiment fuq skala kbira u l-innovazzjoni fis-settur. Barra minn hekk, din l-għażla tippermetti tnaqqis gradwali tal-bijokarburanti ibbażati fuq l-ikel, kif indikat fl-Istrateġija dwar il-Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi[9] ta' Lulju 2016.

Il-perkors tat-tnaqqis propost iqis l-investimenti preċedenti importanti mwettqa s'issa, u huwa konformi mal-veloċità realistika tat-tifrix tal-bijokarburanti avvanzati fis-suq. L-għażla hija aktar faċli u sempliċi biex tiġi implimentata, minħabba li tibni fuq l-esperjenza estensiva politika u amministrattiva fil-livell nazzjonali.

L-għażla ppreferuta tindirizza l-emissjonijiet tal-ILUC u tippromwovi prestazzjoni għolja ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' ta' bijokarburanti avvanzati. L-ILUC jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti permezz ta' tnaqqis gradwali tal-bijokarburanti konvenzjonali sal-2030, b'konċentrazzjoni ewlenija fuq il-bażi ta' żejt ikkultivat b'assoċjazzjoni ma impatti tal-ILUC ogħla. Barra minn hekk, ir-rekwiżit minimu tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra jippromwovi l-aħjar prestazzjoni tal-karbonju ta' stallazzjonijiet ġodda tal-bijokarburant.

Fl-istrateġija tagħha dwar il-mobilità, il-Kummissjoni indikat li l-bijokarburanti magħmula mill-ikel għandhom rwol limitat fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport minħabba tħassib dwar il-kontribuzzjoni reali tagħhom favur id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Fil-proposta għad-Direttiva ILUC, approċċ ta' prekawzjoni ġie propost u aċċettat mill-koleġiżlaturi biex jiġi limitat il-kontribut tal-bijokarburanti ibbażati fuq l-ikel għal mhux iktar minn 7% sal-2020. L-inċertezza regolatorja rigward il-preparazzjoni u n-negozjati dwar id-Direttiva ILUC skoraġġiet investimenti ġodda f'dan is-settur lil hinn minn dak li kien diġà fis-seħħ.

Tnaqqis progressiv tal-bijokarburanti ibbażati fuq l-ikel u s-sostituzzjoni tagħhom minn bijokarburanti aktar avvanzati se jġib fis-seħħ il-potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Madankollu, fid-determinazzjoni tal-progress tat-tnaqqis tal-bijokarburanti konvenzjonali, huwa importanti li l-mudelli tan-negozju inċentivati mid-Direttiva eżistenti ma jiġux mhedda b'mod retrospettiv. Għalhekk il-perkors propost li progressivament inaqqas is-sehem tal-bijokarburanti konvenzjonali għandu l-għan li jevita assi li jmorru ħażin u telf ta' impjiegi mhux intenzjonat, filwaqt li jqis l-aħħar investimenti importanti mwettqa s'issa, u huwa konformi wkoll mal-firxa realistika tal-bijokarburanti avvanzati fis-suq. Il-pjan eżatt tal-perkors għat-tnaqqis gradwali stabbilit f'din il-proposta jirrifletti valutazzjoni ta' politika informata ta' x'jikkostitwixxi approċċ bilanċjat lejn l-istabbiltà tal-investimenti u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fit-trasport.

(iv) Għażliet li jagħtu s-setgħa u jgħarrfu lill-konsumaturi tal-enerġija rinnovabbli:

a) l-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi biex jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli għall-konsum tagħhom stess (awtokonsum) u biex jaħżnuh: (1) il-gwida tal-UE dwar l-awtokonsum; (2) is-setgħa liċ-ċittadini li jġġeneraw l-elettriku rinnovabbli għall-konsum tagħhom stess u jaħżnuh (3) awtokonsum b'distanza għall-muniċipalitajiet.

L-Għażla 2 hija ppreferuta għal din il-proposta peress li timmassimizza l-emanċipazzjoni tal-konsumaturi u l-parteċipazzjoni eventwali tagħhom, tnaqqas l-ispejjeż tal-iskjerament tal-

[9] "Strateġija tal-UE għat-Tisħin u t-Tkessiħ" (COM (2016) 501 finali).

grilji u l-ispejjeż tal-grilji fi kwistjonijiet ta' distribuzzjoni u ttejjeb il-kontribut tal-fotovoltajċi solari ta' fuq il-bjut għall-mira tal-enerġija rinnovabbli.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata (peress li ma tagħtix lok għal dritt universali għall-awtokonsum) u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (peress li ma għandhiex tieħu preċedenza fuq il-libertà tal-Istat Membru li jappoġġja teknoloġija speċifika, iżda toħloq biss id-dritt fundamentali għall-introduzzjoni ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzata).

b) Divulgazzjoni ta' informazzjoni għall-elettriku rinnovabbli: (1) il-konsolidament ta' sistema ta' Garanziji tal-Oriġini (GO); (2) Jekk nibnu abbażi tal-għażla nru 1, nagħmlu l-GO obbligatorji għad-divulgazzjoni; (3) Jekk nibnu abbażi tal-għażla nru 2 nestendu l-GO għas-sorsi kollha ta' ġenerazzjoni tal-elettriku.

Taħlita tal-Għażla 1 u l-Għażla 2 hija preferuta għal din il-proposta, biex tikkonsolida s-sistema u tagħmel użu minn GO mandatorji għad-divulgazzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Din toħloq bilanċ tajjeb u tippermetti żieda fit-trasparenza u l-fiduċja fis-sistema filwaqt li jiġu evitati spejjeż amministrattivi addizzjonali li jirriżultaw mill-estensjoni tas-sistema għas-sorsi kollha ta' ġenerazzjoni.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata peress li ma tinvolvix piż amministrattiv eċċessiv għall-ġestjoni tas-sistema (speċjalment għal produtturi fuq skala żgħira). Hija tirrispetta wkoll il-prinċipju tas-sussidarjetà billi tippermetti lill-Istati Membri li jagħżlu l-metodu preferut tagħhom għall-amministrazzjoni tas-sistema.

c) L-intraċċar ta' karburanti rinnovabbli użati fit-tisħin u t-tkessiħ u fit-trasport: (1) GO estiżi għall-karburanti gassużi rinnovabbli; (2) GO estiżi għal karburanti likwidi u gassużi rinnovabbli; (3) l-iżvilupp ta' sistema ta' intraċċar alternattiva għal karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi.

L-Għażla 1 għal karburanti gassużi u l-Għażla 3 għall-karburanti likwidi huma preferuti għal din il-proposta. Dan jippermetti li jitwasslu benefiċċji f'termini ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu tal-karburanti rinnovabbli għall-benefiċċju tal-konsumaturi u jnaqqas ir-riskji ta' frodi speċjalment fir-rigward ta' bijokarburanti likwidi. Barra minn hekk, il-kummerċ transkonfinali fil-karburanti rinnovabbli għandu jkun iffaċilitat b'sistemi ta' din ix-xorta. Fl-aħħar nett, l-Għażla 3 tidher preferibbli għall-Għażla 2 għall-karburanti likwidi peress li taqbel aktar ma' sistemi amministrattivi attwali diġà fis-seħħ għall-intraċċar tas-sostenibbiltà ta' dawn il-karburanti.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata (minħabba li tibni fuq sistemi eżistenti stabbiliti għall-bijokarburanti, u se tappoġġja l-aktar metodu sempliċi biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ transkonfinali għal karburanti gassużi rinnovabbli) u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (peress li hija komplementari ma' skemi eżistenti ta' reġistrazzjoni għal karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi fuq livell nazzjonali).

(v) Għażliet biex tiġi żgurata l-kisba ta' mill-inqas 27% ta' enerġija rinnovabbli fl-2030:

a) il-miri nazzjonali tal-2020: il-miri nazzjonali tal-2020 bħala bażi jew bażi ta' referenza.

L-Għażla 1, *jiġifieri* li żgurat li l-miri tal-2020 jservu ta' bażi ta' referenza għal wara l-2020 kienet ippreferuta għal din il-Proposta. L-għażla li tinżamm il-mira tal-2020 tipprovdi

garanzija ta' kontinġenza u ma għandha teħtieġ l-ebda sforz addizzjonali jekk l-Istati Membri qabelxejn jiksbu din il-mira.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata (peress li ma teħtieġ l-ebda sforz addizzjonali jekk l-Istati Membri qabelxejn jilħqu din il-mira) u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (billi hija biss estensjoni taż-żmien tal-miri diġà maqbula mill-Istati Membri).

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-għażliet l-oħra kollha relatati mal-ksib ta' mill-inqas 27% ta' enerġija rinnovabbli fl-2030 huma indirizzati fir-Regolament ta' Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija filwaqt li l-obbligu fuq l-UE li jiġi ssodisfat il-kriterju ta' mill-inqas mira ta' 27% jibqa' mħaddan fil-Proposta.

b) Perkors: Lineari Vs. Mhux lineari.

L-Għażla 1, li tinvolvi l-iffissar ta' perkors lineari mill-mira tal-2020-2030, ġiet ippreferuta għal din il-Proposta. Din tipprovdi aktar ċertezza u għandha tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jiġu evitati r-riskji assoċjati mal-ilħuq tal-mira għall-2030.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata (peress li għandha impatt limitat fuq l-ispejjeż tal-iskjerament issa li t-tagħlimiet teknoloġiċi misluta fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew sfruttati fl-aktar teknoloġiji maturi) u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (din hija sempliċement modalità għall-kejl tal-progress kontra l-mira fil-livell tal-UE deċiża mill-Istati Membri).

c) Mekkaniżmi biex jiġi evitat li jkun hemm nuqqas ta' ambizzjoni għall-ilħuq tal-mira tal-enerġija rinnovabbbli tal-UE: (1) biex tiġi riveduta l-ambizzjoni tal-pjani nazzjonali; (2) l-inklużjoni ta' klawsola ta' rieżami li tipproponi mekkaniżmi ta' provvista fil-livell tal-UE addizzjonali fi stadju aktar tard jekk meħtieġ; (3) biex tiżdied l-ambizzjoni tal-miżuri ta' madwar l-UE kollha; (4) li tintroduċi miri nazzjonali vinkolanti.

Taħlita tal-Għażla 1 u l-Għażla 2, li jiddependu fuq il-proċess ta' governanza li jwassal il-mira ta' mill-inqas 27% u mbagħad fuq klawsola ta' rieżami li tikkunsidra li tipproponi miżuri ulterjuri madwar l-UE, ġiet ippreferuta għall-Proposta dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. L-għażliet l-oħra mhumiex meqjusa bħala politikament fattibbli u jista' ma jkunx possibbli li jintlaħaq qbil dwarhom bla ħsara għall-qafas baġitarju ta' nofs it-terminu li jmiss.

Dan l-approċċ huwa wkoll proporzjonat (peress li ma għandux awtomatikament jagħti bidu għal xi miżuri addizzjonali li jeħtieġu finanzjament fil-livell tal-UE) u jirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (peress li jħalli l-għażla f'idejn l-Istati Membri jekk jagħmlux sforzi addizzjonali).

d) Mekkaniżmi li jevitaw u jindirizzaw id-distakk fil-provvista: (1) ir-reviżjoni tal-pjanijiet nazzjonali; (2) l-inklużjoni ta' klawsola ta' rieżami li tipproponi mekkaniżmi ta' provvista fil-livell tal-UE addizzjonali fi stadju aktar tard jekk meħtieġ; (3) iż-żieda fl-ambizzjoni tal-miżuri madwar l-UE kollha; (4) l-introduzzjoni ta' miri nazzjonali vinkolanti.

Varjant tal-Għażla 3 kien ippreferut għall-proposta dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, peress li huwa meqjus bħala l-aktar mezz fattibbli sabiex jikkoreġi kwalunkwe interruzzjoni fil-provvista. Dan se jkun appoġġjat mill-Għażla 1 (ir-reviżjoni tat-twettiq tal-pjanijiet nazzjonali) li għandha wkoll tidħol fis-seħħ bil-proċess ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija.

Din l-għażla hija wkoll proporzjonata (peress li ma għandhiex tagħti bidu għal xi miżuri addizzjonali li jeħtieġu finanzjament fil-livell tal-UE) u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà (peress li tħalli l-għażla f'idejn l-Istati Membri jekk jagħmlux sforzi addizzjonali).

(vi) Għażliet biex jissaħħaħ il-qafas tas-sostenibbiltà tal-UE għall-bijoenerġija:

Barra minn hekk, valutazzjoni tal-impatt dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija eżaminat l-għażliet għas-sostenibbiltà tal-bijomassa użata għas-sħana u l-qawwa elettrika: (1) Xenarju bażi: dipendenza fuq elementi oħra tal-qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 kif ukoll fuq politiki nazzjonali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-bijomassa użata għas-sħana u l-qawwa elettrika; (2) Sostenibbiltà eżistenti estiża u kriterji ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra għal bijokarburanti fit-trasport li jinkludu l-bijomassa solida u gassuża għat-tisħin u l-elettriku; (3) Jekk nibnu fuq l-Għażla 2, l-iżvilupp ulterjuri tar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-bijomassa tal-foresti flimkien ma' rekwiżit li jinkludi l-emissjonijiet tal-LULUCF f'impenji nazzjonali taħt il-Ftehim ta' Pariġi; (4) Jekk nibnu fuq l-Għażliet 2 u 3, l-inklużjoni ta' rekwiżit tal-effiċjenza enerġetika għall-istallazzjonijiet għas-sħana u l-qawwa elettrika; (5) Jekk nibnu fuq jew l-Għażla 2 inkella 3 l-inklużjoni ta' limitu fuq l-użu ta' ċerti materji prima (eż. injam tond) għall-produzzjoni tal-enerġija.

L-Għażla 3 kienet ippreferuta għal din il-Proposta peress li hija meqjusa bħala l-aktar approċċ kosteffikaċi li jkompli jiżgura li l-użu tal-bijoenerġija fl-UE wara l-2020 jwassal għall-aħjar iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra filwaqt li jiġu mminimizzati r-riskji ta' impatti ambjentali avversi assoċjati maż-żieda fil-ħsad tal-bijomassa tal-foresti. Din l-għażla tirrispetta s-sussidjarjetà għaliex, filwaqt li tibni fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, qabelxejn tiddependi fuq il-liġijiet u l-istandards nazzjonali meta tiġi biex turi l-produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa tal-foresti għall-użu tal-enerġija. Hija wkoll proporzjonata peress li tapplika biss għal ġeneraturi fuq skala kbira tal-bijomassa tas-sħana u tal-qawwa elettrika.

### 3.5. Il-mudelli użati

Il-Proposta hija msejsa fuq l-għażliet tal-politika vvalutati fil-konfront tal-eżiti tax-xenarji tal-immudellar tas-sistema enerġetika. B'mod iktar preċiż, il-punt ta' tluq użat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta huwa x-Xenarju ta' Referenza tal-UE 2016 (REF2016), li jipprovdi 2030 projezzjoni tas-sistema tal-enerġija, abbażi ta' xejriet u politiki attwali.

*3.5.1. Ix-xenarji bażiċi*

Filwaqt li jibnu fuq ir-REF2016 u l-EUCO27 (ara hawn taħt f'3.5.2.), intużaw imbagħad xenarji bażiċi speċifiċi, li jenfasizzaw l-implikazzjonijiet mistennija tat-tkomplija tal-politiki u l-prattiki attwali fuq l-iżviluppi fis-setturi speċifiċi soġġetti għal interventi ta' politika, bl-assunzjoni li s-setturi u l-politiki l-oħra lkoll huma konformi max-xenarju ta' politika ċentrali.

3.5.2. Ix-xenarji ta' politika

Intuża wkoll xenarju ta' politika ċentrali mibni għall-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw l-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u l-proposta għal Regolament dwar il-Qsim tal-Isforzi. Dan ix-xenarju (imsejħa "EUCO27") jipprojetta l-iżviluppi mistennija bejn is-setturi biex jintlaħqu l-miri tal-2030 u jgħin biex jiġu identifikati l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali biex tintlaħaq b'mod kosteffikaċi l-mira ta' mill-inqas 27% ta' enerġija rinnovabbli.

Dan l-approċċ, li jibni fuq politika komuni u mbagħad jiffoka fuq "kwistjonijiet waħda waħda", tqies bħala l-uniku mod operazzjonali biex jiġu vvalutati l-impatti tal-għażliet ta' politika speċifiċi fil-kuntest ġenerali ta' diversi inizjattivi ambizzjużi mressqa mill-Kummissjoni bħala parti minn inizjattivi dwar l-Unjoni tal-Enerġija 2016.

3.5.3. Il-mudell użat

Is-sett tal-mudell użat għall-valutazzjoni tal-għażliet ta' politika li jirfdu l-Proposta huwa l-istess sett tal-mudell kif użat għall-pakkett tal-2020 dwar il-klima u l-enerġija kif ukoll għall-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.

Is-sett tal-mudell jinkludu mudelli (PRIMES, PRIMES- TAPEM & PRIMES-TREMOVE, PRIMES Biomass Supply, GAINS, GLOBIOM-G4M, Prometheus u CAPRI) marbuta ma' xulxin b'modi denifiniti formalment biex tiġi żgurata l-konsistenza fit-tiswir tax-xenarji. Dawn l-interkonnessjonijiet huma meħtieġa biex jipprovdu l-qofol tal-analiżi, jiġifieri l-enerġija, it-transport u x-xejriet tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, u jkopru dan li ġej:

- Is-sistema kollha tal-enerġija (id-domanda, il-provvista, il-prezzijiet u l-investimenti futuri tal-enerġija) u l-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet b'effett ta' serra kollha:

- Orizzont ta' żmien: Mill-1990 sal-2050 (passi ta' 5 snin)

- Ġeografija: b'mod individwali, l-Istati Membri kollha tal-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE u, fejn rilevanti, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Bosnja u Ħerzegovina

- Impatti: fuq l-enerġija, it-trasport u l-industrija (PRIMES), l-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art (GLOBIOM-G4M), id-dispersjoni atmosferika, is-saħħa u l-ekosistemi (l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni) (GAINS); il-makroekonomija b'bosta setturi, l-impjiegi u l-ħarsien soċjali.

Il-valutazzjoni tal-impatt dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija tuża l-EUCO27 bħala xenarju bażi, u tivvaluta l-għażliet ta' politika li għandhom dawn iż-żewġ għodod tal-immudellar:

- GLOBIOM (il-mudell globali tal-użu tal-art ekonomika) u G4M (il-mudell tas-settur tal-forestrija), li jagħtu previżjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, l-impatti fuq l-art, u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra relatati mal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija.

- Green-X (il-mudell tal-UE għall-enerġija rinnovabbli), flimkien ma' l-ArcGIS Network (mudell ġeospazjali għall-bijomassa fil-katini tat-trasport) u l-MULTIREG (mudell ta' input-output), jimmudella t-tqassim tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-materji prima tal-bijoenerġiji kif ukoll l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tal-enerġija, u l-impatti ekonomiċi u soċjali, bħall-valur miżjud gross, l-investiment u l-impjiegi.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-Proposta tirriformula d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-miżuri l-ġodda stabbiliti fl-Artikoli 23 u 25 huma mistennija li jkollhom konsegwenzi baġitarji u amministrattivi addizzjonali limitati għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri f'termini ta' strutturi amministrattivi li għandhom jiġu stabbiliti. F'bosta każijiet l-ispejjeż assoċjati mal-miżuri jiġu mgħoddija lill-konsumaturi finali, li min-naħa tagħhom se jgawdu mill-benefiċċji tad-dekarbonizzazzjoni. Il-Proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

Id-dispożizzjonijiet ewlenin li sostanzjalment jibdlu d-Direttiva 2009/28/KE jew li jżidu elementi ġodda huma dawn li ġejjin:

L-Artikolu 1 jindika l-ambitu ta' din il-Proposta billi jsemmi elementi ġodda għall-perjodu wara l-2020, mira rinnovabbli vinkolanti ġenerali tal-UE, awtokonsum rinnovabbli, bijokarburanti imtejba, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa sostenibbli u kriterji tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

L-Artikolu 2 jintroduċi definizzjonijiet speċifiċi, fid-dawl tal-emendi magħmula għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

L-Artikolu 3 jistipula il-mira tal-UE għall-2030. Huwa jistabbilixxi l-miri nazzjonali tal-2020 bħala bażi (*jiġifieri* l-Istati Membri ma jistgħux imorru taħt il-miri nazzjonali tal-2020 mill-2021'il quddiem). Jinkludi wkoll referenza għal mekkaniżmu li, kif stipulat skont ir-Regolament ta' Governanza, jiżgura li din il-linja bażi hija miżmuma u li jiġi evitat il-ħolqien ta'xi lakuna fl-ilħuq tal-mira. Barra minn hekk, ineħħi il-mira RES-T ta' 10% wara l-2020.

L-Artikolu 4 jistipula l-prinċipji ġenerali li l-Istati Membri jistgħu japplikaw meta jfasslu skemi ta' appoġġ kosteffikaċi u orjentati lejn is-suq biex jiġi ffaċilitat approċċ Ewropew, soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-ftuħ gradwali u parzjali ta' skemi ta' appoġġ għal parteċipazzjoni transkonfinali fis-settur tal-elettriku.

L-Artikolu 6 jiżgura li l-livell ta', u l-kondizzjonijiet marbuta ma', l-appoġġ mogħti lil proġetti tal-enerġija rinnovabbli, meta l-Istati Membri jagħżlu li jagħmlu dan, ma jiġux riveduti b'mod li jkollu impatt negattiv fuq il-proġetti appoġġjati.

L-Artikolu 7, li jirregola l-mod li bih jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, jinkludi tnaqqis massimu għas-sehem tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf mill-2021, bl-għan li jiġu indirizzati l-emissjonijiet ILUC. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu aktar baxx u tista' ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, pereżempju billi jiġi stabbilit limitu aktar baxx għall-kontribuzzjoni minn bijokarburanti prodotti minn għelejjel taż-żejt, filwaqt li titqies il-bidla indiretta fl-użu tal-art.

L-Artikolu 15 jinkludi metodoloġija ta' kalkolu ġdid (imsejsa fuq id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini) ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'bini ġdid u bini eżistenti li huma soġġetti għal rinnovazzjoni.

L-Artikolu 16 jistabbilixxi proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti ta' enerġija rinnovabbli ma' awtorità maħtura waħda ("one-stop-shop") u limitu ta' żmien massimu għall-proċess għall-għoti tal-permessi.

L-Artikolu 17 jintroduċi notifika sempliċi għal operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għal proġetti fuq skala żgħira u dispożizzjoni speċifika dwar it-tħaffif tal-proċess għall-għoti tal-permessi għal impjanti eżistenti ta' repowering rinnovabbli;

L-Artikolu 19 jinkludi xi modifiki tal-garanziji tal-oriġini (i) biex tiġi estiża s-sistema tal-garanziji tal-oriġini (GO) tal-gass rinnovabbli; (ii) biex jagħmlu l-ħruġ tal-GO għat-tisħin u t-tkessiħ mandatorji fuq talba ta' produttur; (iii) biex l-użu tal-GO isir obbligatorju għar-RES-E u d-divulgazzjoni tal-gass rinnovabbli; (iv) biex jippermettu l-ħruġ tal-GO għal RES-E appoġġjat allokat permezz ta' rkantar, fejn id-dħul iġġenerat jintuża biex ipatti għall-kostijiet tal-appoġġ għar-rinnovabbli; u (v) biex jittejbu l-proċeduri amministrattivi permezz tal-applikazzjoni tal-istandard tas-CEN.

L-Artikolu 21 jagħti s-setgħa lill-konsumaturi billi jippermettilhom l-awtokonsum mingħajr restrizzjonijiet mhux xierqa, billi jitħallsu għall-elettriku li jitfgħu fil-grilja.

L-Artikolu 22 jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġodda dwar komunitajiet tal-enerġija sabiex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dan is-suq.

L-Artikolu 23 jimmira li jisfrutta l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, jiżgura kontribuzzjoni kosteffikaċi tas-settur għall-ilħuq tal-mira, u joħloq suq ikbar għar-RES-H&C madwar l-UE kollha. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiksbu żieda annwali ta' 1 % fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif din għandha tiġi implimentata.

L-Artikolu 24 jagħti s-setgħa lill-konsumaturi tal-enerġija billi jipprovdulhom informazzjoni dwar il-prestazzjoni enerġetika tat-tisħin distrettwali, u tippermettilhom jieqfu jixtru s-sħana/kesħa minn sistema ta' tisħin/tkessiħ ta' distrett fil-livell tal-bini jekk il-konsumaturi, jew parti f'isimhom, jistgħu jinksbu prestazzjoni enerġetika ferm aħjar permezz ta' miżuri meħuda fil-livell ta' bini. Dan jiftaħ ukoll sistemi lokali tat-tisħin u t-tkessiħ għall-produtturi ta' enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ u s-sħana jew kesħa mitlufa u għall-partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom.

L-Artikolu 25 jistabbilixxi obbligu fil-livell tal-UE għall-fornituri tal-karburanti biex jipprovdu ċertu sehem (6,8 % fl-2030) b'livell baxx ta' emissjonijiet u karburanti rinnovabbli (inklużi l-elettriku minn sorsi rinnovabbli u bijokarburanti avvanzati), sabiex jitħeġġu d-dekarbonizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-enerġija u sabiex tiġi żgurata kontribuzzjoni kosteffikaċi tas-settur ħalli l-mira ġenerali tintlaħaq. Il-kwistjonijiet tal-ILUC huma indirizzati permezz tal-Artikolu 7 li jintroduċi sehem b'limitu massimu li jonqos ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, li jibda mill-2021. It-tranżizzjoni għal bijokarburanti avvanzati hija promossa permezz ta' sottomandat speċifiku, b'żieda annwali tal-kontribut tagħhom biex jilħqu mill-inqas 3,6 % sal-2030. Fl-aħħar nett, dan l-artikolu jinkludi dispożizzjoni li tipprevedi l-introduzzjoni ta' bażijiet tad-data nazzjonali li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-karburanti u jimmitigaw ir-riskju ta' frodi.

L-Artikolu 26 jsaħħaħ il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijoenerġija eżistenti tal-UE, inkluż permezz tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom biex ikopru l-bijomassa u l-bijogass għas-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ u għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Il-kriterji ta' sostenibbiltà li japplikaw għall-bijomassa agrikola huma simplifikati sabiex jitnaqqas il-piż

amministrattiv. It-test il-ġdid jagħmel ukoll il-kriterju ta' protezzjoni tat-torbieri iktar strett, għalkemm aktar faċli biex jiġi vverifikat. Jiddaħħal ukoll kriterju ġdid tas-sostennibbiltà msejjes fuq ir-riskju għall-bijomassa forestali, kif ukoll rekwiżit tal-LULUCF biex jiżgura kontabbiltà korretta tal-impatti tal-karbonju tal-bijomassa tal-foresti użata fil-produzzjoni tal-enerġija. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' rendiment ta' ffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra li japplika għall-bijokarburanti huwa miżjud għal 70% għal impjanti ġodda u r-rekwiżit ta' ffrankar ta' 80 % huwa applikat għat-tisħin/tkessiħ u l-elettriku msejsa fuq il-bijomassa. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, il-kriterji tal-UE dwar is-sostenibilità u l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra ma japplikawx għal stallazzjonijiet tat-tisħin/tkessiħ u stallazzjonijiet tal-elettriku żgħar imsejsa fuq il-bijomassa, b'kapaċità ta' karburant ta' anqas minn 20 MW. L-Anness V jinkludi valuri awtomatiċi aġġornati għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi, u Anness VI ġdid huwa miżjud biex jinkludi metodoloġija tal-kontabilità tal-gassijiet b'effett ta' serra komuni għall-karburanti tal-bijomassa għas-sħana u l-qawwa elettrika, inklużi valuri awtomatiċi.

L-Artikolu 27 iwassal kjarifika dwar is-sistema ta' bilanċ tal-massa u jadattaha biex tkopri l-kodiġestjoni u l-injezzjoni tal-bijometanu fil-grilja tal-gass naturali. L-artikolu emendat jinkludi rikonoxximent obbligatorju ta' evidenza minn skemi nazzjonali ta' Stati Membri oħra li jkunu ġew ivverifikati mill-Kummissjoni. Biex jiġu ssimplifikati l-kriterji ta' sostenibilità tal-UE, il-proposta tħassar għadd ta' dispożizzjonijiet mhux operazzjonali, inkluża l-possibilità li jiġi stabbilit ftehim bilaterali ma' pajjiżi terzi, u l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi rari, mhedda jew fil-periklu jew speċi rikonoxxuti bi ftehimiet internazzjonali jew inklużi fil-listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura. Barra minn hekk, jiċċara l-bażi ġuridika li tippermetti lill-Kummissjoni tispeċifika approċċi ta' verifika li għandhom jiġu applikati mill-iskemi volontarji, b'enfasi akbar fuq il-limitazzjoni tal-piż amministrattiv. Fl-aħħar nett, hija ssaħħaħ l-involviment tal-Istati Membri fit-tmexxija tal-iskemi volontarji billi tippermetti l-verifiki tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

L-Artikolu 28 jinkludi bażi ġuridika li tippermetti lill-Kummissjoni li taġġorna l-metodoloġija għall-kalkolu tal-gassijiet b'effett ta' serra. Huwa jikkjarifika wkoll l-użu futur ta' rapporti tal-Istati Membri dwar il-medja tal-emissjonijiet mill-kultivazzjoni.

L-Artikoli 3, 4, 16 (1-8), 22 u 23, 24 u 26 tad-Direttiva 2009/28/KEC se jitħassru permezz ta' din il-proposta. L-Artikoli 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 14, 25, 25a, 27, 28, 29 tad-Direttiva 2009/28/KE (l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 18, 31, 32, 33, 35 u 36 ta' din il-proposta) huma kemxejn riveduti (eż. teknikalitajiet jew adattamenti lill-emendi u d-dispożizzjonijiet il-ġodda) jew sempliċiment innumerati mill-ġdid.

## 6. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni

Fil-livell tal-UE, il-miri stabbiliti sal-2030 joffru opportunità li jiġi implimentat approċċ ħolistiku lejn l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Dan jinvolvi mira ġenerali waħda għall-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 27 % għall-Unjoni sal-2030, mingħajr il-ħtieġa li tinżamm sottomira speċifika għall-RES-T. Barra minn hekk, il-Proposta tinkludi miżuri fit-tliet setturi kollha tal-enerġiji rinnovabbli, issaħħaħ il-viżibbiltà għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, ittejjeb il-qafas regolatorju ġenerali u tisfrutta l-potenzjal tas-setturi kollha biex dawn ilkoll jikkontribwixxu għall-isforz kollettiv biex tintlaħaq il-mira tal-2030.

Il-kalkolu tal-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport qed jitmexxa lejn l-Artikolu 7 biex ikun konsistenti mal-kalkolu tal-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ.

Huma inklużi miżuri li jissimplifikaw il-qafas attwali għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli (*eż.* l-Artikolu 4 tal-Proposta) u li jindirizzaw kwistjonijiet komuni (*eż.* ostakli amministrattivi fl-Artikoli 15, 16 u 17 tal-Proposta).

- Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal biex tiġi revokata d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli eżistenti mill-1 ta' Jannar 2021.

- Klawsola ta' rieżami/reviżjoni/estinzjoni

Il-Proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni ġenerali fl-Artikolu 30.

- Riformulazzjoni

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni jakkumpanja l-Proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Dan l-approċċ speċifiku ġie adottat għax ir-riformulazzjoni tinvolvi bidliet sostantivi ġodda, filwaqt li xi dispożizzjonijiet tal-att ta' qabel jibqgħu mhux mibdula.

- It-tabella ta' korrelazzjoni

L-Istati Membri huma meħtieġa li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva kif ukoll bit-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

Minħabba l-ambitu wiesa' ta' din il-proposta u l-għadd ta' obbligi legali li hija tistabbilixxi, din it-tabella ta' korrelazzjoni hija meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq b'mod adegwat il-kompiti tagħha li tissorvelja t-traspożizzjoni tad-Direttiva

- Iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

| |
|---|
| 🡻 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

2016/0382 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~175(1)~~ ⇨ 194(2) ⇦ tiegħu ~~u l-Artikolu 95 tiegħu f'relazzjoni mal-Artikoli 17, 18 u 19 ta' din id-Direttiva~~,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew~~[10]~~,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni~~[11]~~,

Filwaqt li jaġixxu skont il-⌦ proċedura leġiżlattiva ⌫ ordinarja ~~stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[12],~~

Billi:

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

(1) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ġiet emendata diversi drabi[14]. Billi għandhom isiru iżjed emendi, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

---

[10] ~~Opinjoni tas-17 ta' Settembru 2008 (ĠU C 77, 31.3.2009, p. 43).~~

[11] ~~ĠU C 325, 19.12.2008, p. 12.~~

[12] ~~L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2008 (għandha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009.~~

🡻 2009/28/KE premessa 1 (adattat)
⇨ ġdid

(2) ⇨ Il-promozzjoni tal-forom tal-enerġija rinovabbli hija waħda mill-miri tal-politika tal-Unjoni dwar il-enerġija. ⇦ ~~Il-kontroll tal-konsum tal-enerġija Ewropea kif ukoll iż-~~ Iż- żieda fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, flimkien ma' ffrankar ta' enerġija u żieda fl-effiċjenza tal-enerġija, ~~jikkostitwixxu~~ ⌦ tikkostitwixxi ⌫ parti~~jiet~~ impotanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra u jkun hemm konformità mal-~~Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima~~⌦ Ftehim ta' Pariġi tal-2015 ⌫ dwar il-Bidla fil-Klima, u ~~ma' aktar impenji tal-Komunità u internazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra wara l-2012~~ ⌦ il-qafas tal-enerġija u l-klima tal-2030 tal-Unjoni, inkluż il-mira vinkolanti li l-emissjonijiet fl-Unjoni jitnaqqsu b'tal-anqas 40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030 ⌫ . ~~Dawk il-fatturi għandhom ukoll~~ ⌦ Għandha wkoll ⌫ rwol importanti fil-promozzjoni tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija, ~~fil-promozzjoni~~ fl-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika u fl-għoti ta' opportunitajiet għall-impjieg u l-iżvilupp reġjonali, speċjalment f'żoni rurali u iżolati ⇨ jew ir-reġjuni b'densità tal-popolazzjoni baxxa ⇦ .

🡻 2009/28/KE premessa 2 (adattat)
⇨ ġdid

(3) B'mod partikolari, iż-żieda fit-titjib teknoloġiku, l-inċentivi għall-użu u l-espansjoni tat-trasport pubbliku, l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija u ⌦ l-promozzjoni tal- ⌫ użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ⇨ fis-setturi tal-elettriċità, it-tisħin u t-tkessiħ kif ukoll ⇦ fi ⌦ s- ⌫ settur ⌦ tat-trasport ⌫ huma~~ wħud mill-~~ ⌦ aktar ⌫ għodod effettivi ⇨ , flimkien mal-miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija ⇦, ⌦ biex jitnaqqsu ⌫ ~~bihom il-Komunità~~ ~~tista' tnaqqas~~ ⇨ l-emissjonijiet tal-gasssijiet b'effett serra fl-Unjoni u ⇦ ~~tagħha~~ ⌦ id-dipendenza ⌫ tal-Unjoni fuq iż-żejt ⇨ u l-gass ⇦ importat ~~fis-settur tat-trasport, fejn il-problema tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija hija l-aktar akuta, u jinfluwenzaw is-suq tal-karburanti għat-trasport~~.

⇩ ġdid

(4) Id-Direttiva 2009/28/KE stabbiliet qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinovabbli li jiffissa miri nazzjonali vinkolanti fuq is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinovabbli fil-konsum tal-enerġija u t-trasport li għandhom jiġu ssodisfati sal-2020. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014[15] stabbiliet qafas għall-politiki futuri tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima u ħeġġet fehim komuni ta' kif tiġi żviluppata din il-politika wara l-2020. Il-Kummissjoni pproponiet li l-mira tal-2030 tal-Unjoni għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni għandha tkun mill-inqas ta' 27 %.

---

[13] Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

[14] Ara l-Parti A tal-Anness XI.

[15] "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" (COM/2014/015 final).

(5) Il-Kunsill Ewropew ta’ Ottubru 2014 approva dik il-mira, biex indika li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miri nazzjonali aktar ambizzjużi tagħhom stess.

(6) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-“Qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija fil-perijodu ta’ bejn l-2020 u l-2030” u dwar “Ir-Rapport dwar il-Progress tal-Enerġija Rinnovabbli”, iffavorixxa mira tal-Unjoni vinkolanti għall-2030 ta’ mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija finali totali minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, filwaqt li enfasizza li din il-mira għandha tiġi implimentata permezz ta’ miri nazzjonali individwali li jqisu s-sitwazzjoni individwali u l-potenzjal ta’ kull Stat Membru.

(7) Għaldaqstant jixraq li tiġi stabbilita mira vinkolanti tal-Unjoni ta’ mill-anqas 27 % ta’ enerġija rinnovabbli. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kontribut tagħhom għall-ilħuq ta’ din il-mira fi ħdan il-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u tal-klima tagħhom permezz ta’ proċess ta’ governanza stabbiliti fir-Regolament [Governance].

(8) L-istabbiliment ta’ mira vinkolanti tal-Unjoni dwar l-enerġija għall-2030 tkompli tħeġġeġ l-iżvilupp ta’ teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija rinovabbli u tipprovdi ċ-ċertezza għall-investituri. Mira definita fil-livell tal-Unjoni tħalli flessibilità akbar għall-Istati Membri li jilħqu l-miri tat-tnaqqis tal-gassijiet b’effett serra b’mod mill-aktar kosteffettiv u b’konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi, it-taħlit tal-enerġija u l-kapaċitajiet tagħhom biex tiġi prodotta l-enerġija rinnovabbli.

(9) Il-miri nazzjonali stabbiliti għall-2020 għandhom jikkostitwixxu l-kontribut minimu tal-Istati Membri għall-qafas il-ġdid tal-2030. Fl-ebda każ is-sehem nazzjonali ta’ enerġija rinnovabbli ma għandu jaqa’ taħt dan il-kontribut u, f’każ li dan jiġri, l-Istati Membri rilevanti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li din il-linja ta’ bażi tinżamm filwaqt li jikkontribwixxu għall-istrument finanzjarju msemmi fir-Regolament [Governance].

(10) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri addizzjonali f’każ li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-Unjoni ma jissodisfax il-perkors tal-Unjoni lejn il-mira ta’ mill-anqas 27 % ta’ enerġija rinnovabbli. Kif stabbilit fir-Regolament [Governance], fil-każ li jiġi identifikat ta’ nuqqas ta’ ambizzjoni mill-Kummissjoni matul il-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar il-Klima u l-Enerġija, il-Kummissjoni tista’ tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-kisba tal-mira. Jekk il-Kummissjoni tidentifika nuqqas fil-livell tal-kunsinna matul il-valutazzjoni tar-Rapporti Integrati dwar il-Progress Nazzjonali fl-Enerġija u l-Klima, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fir-Regolament [Governance], li jagħtuhom biżżejjed flessibbiltà f’dik li hija għażla.

(11) Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kontributi ambizzjużi biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit qafas finanzjarju bl-għan li jiġi ffaċilitat l-investiment fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli f’dawk l-Istati Membri, anki permezz tal-użu ta’ strumenti finanzjarji.

(12) Il-Kummissjoni għandha tikkonċentra l-għoti ta’ fondi għat-tnaqqis tal-ispiża tal-kapital ta’ proġetti tal-enerġija rinnovabbli, li jħallu impatt materjali fuq l-ispiża tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u fuq il-kompetittività tagħhom.

(13) Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew reġjonali kompetenti, pereżempju permezz ta' laqgħat regolari biex isibu approċċ komuni ħalli jippromwovi aktar proġetti ta' enerġija rinnovabbli kosteffikaċi, jinkoraġġixxu l-investiment f'teknoloġiji nodfa, ġodda u flessibbli, u jistabbilixxu strateġija adegwata biex jimmaniġġjaw l-irtirar ta' teknoloġiji li ma jikkontribwux għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jew li ma joffrux biżżejjed flessibbiltà, abbażi ta' kriterji trasparenti u sinjali tal-prezz tas-suq affidabbli.

---

🡻 2009/28/KE premessa 7 (adattat)
⇨ ġdid

(14) Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku~~[16] u, d-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti jew karburanti oħra rinnovabbli għat-trasport~~[17], ⇨ u r-Regolament (KE) 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [18]⇦ stabbilixxew definizzjonijiet għal tipi differenti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Id-Direttiva ~~2003/54/KE~~ XXXX/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku~~ ⌦ [19] ⌫ stabbilixxiet definizzjonijiet għas-settur tal-elettriku b'mod ġenerali. Fl-interess taċ-ċertezza legali u ċ-ċarezza huwa xieraq li jintużaw ⌦ dawk ⌫ l-istess jew simili definizzjonijiet f'dik id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

(15) L-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli wrew li huma mod effettiv biex jitrawwem l-użu tal-elettriku rinnovabbli. Jekk u meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jimplimentaw l-iskemi ta' appoġġ, dan l-appoġġ għandu jkun ipprovdut f'forma li tkun mhux ta' tfixkil possibbli għall-funzjonament tas-swieq tal-elettriku. Għal dan l-għan, għadd dejjem jiżdied ta' Stati Membri jallokaw l-appoġġ f'forma fejn l-appoġġ jingħata flimkien ma' dħul finanzjarju fis-suq.

(15) Il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandha tiġi eżerċitata bl-inqas spiża possibbli għall-konsumaturi u l-kontribwenti. Meta jfasslu l-iskemi ta' appoġġ u meta tiġi allokata l-għajnuna, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jimminimizzaw il-kost globali tas-sistema ta' skjerament, b'qies bis-sħiħ tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-grid u tas-sistema, it-taħlita tal-enerġija li tirriżulta, u l-potenzjal fit-tul tat-teknoloġiji.

(16) Il-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għal parteċipazzjoni transkonfinali tillimita l-impatti negattivi fuq is-suq intern tal-enerġija u jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-għan tal-Unjoni b'mod aktar kosteffettiv. Il-parteċipazzjoni

---

16 Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33).

17 d-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti jew karburanti oħra rinnovabbli għat-trasport (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 42).

18 Ir-Regolament (KE) 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L304, 14.11.2008, p. 1).

19 Id-Direttiva XXXX/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (ĠU L…)

transkonfinali hija r-riżultat naturali tal-iżvilupp ta' politika tal-Unjoni dwar l-enerġiji, b'mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni minflok miri nazzjonali vinkolanti. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu obbligati li b'mod progressiv u parzjali jiftħu appoġġ għal proġetti li jinsabu fi Stati Membri oħra, u jiddefinixxu diversi modi li bihom jista' jiġi implimentat it-tali ftuħ progressiv, filwaqt li li jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-Artikoli 30, 34 u 110.

(17) Mingħajr preġudizzju għal adattamenti tal-iskemi ta' appoġġ sabiex dawn jinġiebu f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-politiki ta' appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandhom ikunu stabbli u jiġu evitati bidliet frekwenti. Dawn il-bidliet għandhom impatt dirett fuq il-kostijiet tal-finanzjament tal-kapital, il-kostijiet tal-iżvilupp tal-proġetti u għalhekk fuq il-kostijiet ġenerali marbutin mal-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jipprevenu li r-reviżjoni ta' kwalunkwe appoġġ mogħti għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli jkollha impatt negattiv fuq il-vijabilità ekonomika tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jippromwovu politiki ta' appoġġ kosteffettivi u jiżguraw is-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom.

(17) L-obbligi tal-Istati Membri li jabbozzaw pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija rinnovabbli u r-rapporti ta' progress u l-obbligu tal-Kummissjoni li tirrapporta dwar il-progress tal-Istati Membri huma essenzjali sabiex tiżdied it-trasparenza, tiġi pprovduta ċ-ċarezza lill-investituri u l-konsumaturi u jkun possibbli monitoraġġ effettiv. Ir-Regolament [Governance] tintegra dawk l-obbli fis-sistema tal-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, fejn l-obbligi tal-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ fl-oqsma tal-enerġija u l-klima jiġu standardizzati. Il-pjattaforma ta' trasparenza dwar l-enerġija rinnovabbli hija integrata wkoll fil-pjattaforma elettronika usa' ta' governanza stabbilita fir-Regolament [Governance].

---

| ↓ 2009/28/KE premessa 11 (adattat) |
|---|

(18) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli trasparenti u mhux ambigwi biex ikun ikkalkulat is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u biex ikunu definiti dawk is-sorsi. ~~F'dan il-kuntest għandhom jiġu inklużi l-enerġija preżenti fl-oċeani u korpi oħra tal-ilma fil-forma ta' mewġ, kurrenti tal-baħar, mareat, gradjenti tal-enerġija termali tal-oċean jew gradjenti tas-salinità.~~

---

| ↓ 2009/28/KE Premessa 5 |
|---|

~~Sabiex jonqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra fil-Komunità u d-dipendenza ta' din fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, l-iżvilupp ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu jkun marbut mill-qrib maż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija.~~

---

| ↓ 2009/28/KE Premessa 8 |
|---|

~~Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli — L-Enerġija Rinnovabbli fis-seklu 21: il-bini ta' futur iżjed sostenibbli" wera li mira ta' 20 % għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u mira ta' 10 % għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport ikunu miri xierqa u li jistgħu~~

jinkisbu, u li qafas li jinkludi miri mandatorji għandu jipprovdi lill-komunità kummerċjali bl-istabbiltà fuq -perijodu twil li għandha bżonn biex tagħmel investimenti sostenibbli u razzjonali fis-settur tal-enerġija rinnovabbli li jkunu kapaċi li jnaqqsu d-dipendenza fuq karburanti fossili impurtati u ssaħħaħ l-użu ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija. Dawn il-miri jeżistu fil-kuntest tal-20 % titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija sal-2020 stabbilit permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2006 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija: It-Twettiq tal-Potenzjal", li ġie endorsjat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007, u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar dak il-Pjan ta' Azzjoni.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 9

Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 afferma mill-ġdid l-impenn tal-Komunità lejn l-iżvilupp madwar il-Komunità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli lil hinn mill-2010. Huwa approva mira mandatorja ta' sehem ta' 20 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum globali tal-enerġija fil-Komunità sal-2020 u mira minima mandatorja ta' 10 % li trid tintlaħaq mill-Istati Membri kollha għas-sehem ta' bijokarburanti fil-konsum tal-petrol u d-diżil sal-2020, li jridu jiġu introdotti b'infiq effettiv. Huwa ddikjara li l-karattru vinkolanti tal-mira tal-bijokarburanti huwa xieraq, kemm-il darba l-produzzjoni hija sostenibbli, bil-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni jsiru kummerċjalment disponibbli u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil [20] li qed tkun emendata biex tippermetti livelli adegwati ta' taħlit. Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2008 tenna li huwa essenzjali li jiġu żviluppati u ssodisfatti kriterji effettivi ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u tiġi żgurata d-disponibbiltà kummerċjali tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008 rrefera mill-ġdid għall-kriterji ta' sostenibbiltà u l-iżvilupp ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni, u enfasizza l-ħtieġa li jiġu evalwati l-impatti possibbli tal-produzzjoni tal-bijokarburanti fuq il-prodotti tal-ikel agrikoli u li tittieħed azzjoni, jekk meħtieġ, biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Huwa ddikjara wkoll li għandha ssir evalwazzjoni ulterjuri tal-konsegwenzi ambjentali u soċjali tal-produzzjoni u l-konsum tal-bijokarburanti.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 10

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli fl-Ewropa [21], il-Parlament Ewropew għamel sejħa lill-Kummissjoni biex, sal-aħħar tal-2007, tippreżenta proposta għal qafas leġislattiv għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli, b'referenza għall-importanza li jkunu stabbiliti miri għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-livell Komunitarju u tal-Istati Membri.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 12

L-użu ta' materjal agrikolu bħad-demel, id-demel likwidu u skart ieħor organiku u tal-annimali għall-produzzjoni tal-bijogass, minħabba l-potenzjal qawwi tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra, għandu vantaġġi ambjentali sinifikanti f'termini ta' produzzjoni ta' sħana u ta' enerġija kif ukoll l-użu tiegħu bħala bijokarburant. L-istallazzjonijiet tal-bijogass jistgħu, bħala riżultat tan-natura deċentralizzata tagħhom u l-

[20] ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.
[21] ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 82.

istruttura ta' investiment reġjonali, jikkontribwixxu sew għal żvilupp sostenibbli f'żoni rurali u joffru lill-bdiewa opportunitajiet ġodda ta' dħul.

↓ 2009/28/KE Premessa 13

Fid-dawl tal-pożizzjonijiet meħuda mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, huwa xieraq li jkunu stabbiliti miri nazzjonali mandatorji konsistenti ma' sehem ta' 20 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u sehem ta' 10 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport fil-konsum tal- enerġija Komunitarja sal-2020.

↓ 2009/28/KE Premessa 14

L-għan ewlieni ta' miri nazzjonali mandatorji huwa li jipprovdi ċertezza għall-investituri u li jinkoraġġixxi żvilupp kontinwu ta' teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija mit-tipi kollha ta' sorsi rinnovabbli. Għalhekk mhux xieraq li tkun differita deċiżjoni dwar jekk mira hijiex mandatorja sakemm iseħħ avveniment ieħor.

↓ 2009/28/KE Premessa 15

Il-punt tat-tluq, il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u t-taħlit tal-enerġija ta' kull Stat Membru jvarja. Huwa għalhekk meħtieġ li l-mira tal-Komunità ta' 20 % tiġi tradotta f'miri individwali għal kull Stat Membru, b'konsiderazzjoni debita għal allokazzjoni ġusta u adegwata li tqis il-punti ta' tluq u l-potenzjali differenti tal-Istati Membri, inkluż il-livell eżistenti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u t-taħlita tal-enerġija. Huwa xieraq li dan isir bit-tqassim billi ż-żieda totali meħtieġa fl-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli tinqasam bejn l-Istati Membri fuq il-bażi ta' żieda ugwali fis-sehem ta' kull Stat Membru fi proporzjon mal-PDG, immodulat biex jirrifletti l-punti tat-tluq tagħhom, u b'kontabilità f'termini tal-konsum finali gross tal-enerġija, b'konsiderazzjoni tal-isforzi tal-passat tal-Istati Membri fir-rigward tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

↓ 2009/28/KE Premessa 16

B'kuntrast, huwa xieraq li l-mira ta' 10 % għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport tkun stabbilita fl-istess livell għal kull Stat Membru biex tkun żgurata konsistenza fl-ispeċifikazzjonijiet u d-disponibbiltà ta' karburanti għat-trasport. Minħabba li l-karburanti għat-trasport huma faċilment innegozjati, Stati Membri li għandhom ftit mir-riżorsi rilevanti faċilment se jkunu jistgħu jakkwistaw bijokarburanti minn x'imkien ieħor. Filwaqt li jista' jkun teknikament possibbli għall-Komunità li tilħaq il-mira tagħha għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport mill-produzzjoni domestika biss, huwa kemm possibbli kif ukoll mixtieq li l-mira fil-fatt tintlaħaq permezz ta' taħlita bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-provvista tas-suq Komunitarju għall-bijokarburanti, u għandha, inter alia, tipproponi miżuri rilevanti biex jinkiseb l-approċċ bilanċjat bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjoni, billi jitqies, inter alia, l-iżvilupp tan-negozjati kummerċjali multilaterali u bilaterali, konsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali, u ekonomiċi, u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

↓ 2009/28/KE Premessa 17

It-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija huwa objettiv ewlieni tal-Komunità, u l-għan hu li jintlaħaq titjib ta' 20 % fl-effiċjenza tal-enerġija sal-2020. Dik il-mira, flimkien mal-leġislazzjoni

eżistenti u futura inklużi d-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini[22], id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija[23], u d-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija[24], għandu rwol kritiku biex tiżgura li objettivi tal-klima u l-enerġija qed jintlaħqu bl-inqas spiża possibbli, u tista' wkoll tipprovdi opportunitajiet ġodda għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea. L-effiċjenza tal-enerġija u limji politiċi ta' ffrankar tal-enerġija huma wħud mill-metodi l-aktar effettivi li bihom l-Istati Membri jistgħu jżidu l-persentaġġ fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u għalhekk l-Istati Membri għandhom jilħqu aktar faċilment il-miri dinjija nazzjonali u l-miri għat-trasport għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli stabbiliti b'din id-Direttiva.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 18

Ser tkun ir-responsabilità tal-Istati Membri li jsir titjib sinifikanti fl-effiċjenza fl-enerġija fis-setturi kollha sabiex jinkisbu b'mod aktar faċli l-miri tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li huma espressi bħala perċentwali tal-konsum finali gross tal-enerġija. Il-ħtieġa ta' effiċjenza fl-enerġija fis-settur tat-trasport hi urġenti għaliex jidher li qed issir dejjem iżjed diffiċli li mira perċentwali mandatorja għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli tinkiseb b'mod sostenibbli jekk id-domanda ġenerali għall-enerġija għat-trasport tkompli tikber. Il-mira mandatorja ta' 10 % għat-trasport li trid tintlaħaq mill-Istati Membri kollha għandha għalhekk tkun definita bħala dak is-sehem ta' konsum finali tal-enerġija fit-trasport li għandu jinkiseb minn sorsi rinnovabbli globalment, u mhux minn bijokarburanti biss.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 19

Sabiex jiġi żgurat li l-miri globali nazzjonali mandatorji jintlaħqu, l-Istati Membri għandhom jaħdmu lejn trajettorju indikattiv li jindika triq lejn l-ilħiq tal-miri mandatorji finali tagħhom. Huma għandhom jistabbilixxu pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli li jinkludi informazzjoni dwar miri settorjali, filwaqt li jżommu f'moħħhom li jeżistu użi differenti għall-bijomassa u li għalhekk huwa essenzjali li jiġu mobilizzati riżorsi ġodda tal-bijomassa. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri biex jintlaħqu dawk il-miri. Kull Stat Membru għandu jevalwa, meta jkun qed jevalwa l-konsum finali gross mistenni tal-enerġija fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli, il-kontribut li l-effiċjenza fl-enerġija u l-miżuri ta' ffrankar ta' enerġija jistgħu jagħtu sabiex jintlaħqu l-miri nazzjonali tiegħu. L-Istati Membri għandhom iqisu l-kumbinazzjoni ottimali ta' teknoloġiji tal-enerġija effiċjenti ma' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 20

Biex il-benefiċċji tal-progress teknoloġiku u tal-ekonomiji fil-kobor ikunu jistgħu jiġu sfruttati, it-trajettorja indikattiva għandha tqis il-possibbiltà ta' tkabbir aktar mgħaġġel fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-futur. Għalhekk, tista' tingħata attenzjoni speċjali lil setturi li jsofru b'mod sproporzjonat min-nuqqas ta' progress teknoloġiku u ekonomija fil-

---

22 ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.
23 ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.
24 ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

kobor u għalhekk jibqgħu sottożviluppati, iżda li, fil-futur, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-miri għall-2020.

---

🡣 2009/28/KE Premessa 21

It-trajettorja indikattiva għandha tieħu l-2005 bħala l-punt ta' tluq peress li dik hija l-aħħar sena li għaliha hija disponibbli data affidabbli dwar l-ishma nazzjonali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

---

🡣 2009/28/KE Premessa 23

L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiffissaw miri li jkunu ogħla mill-miri nazzjonali u jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli u fis-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

---

🡣 2009/28/KE Premessa 24

Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-bijomassa, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jippromwovu mobilizzazzjoni akbar tar-riservi eżistenti tal-injam u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' silvikultura.

---

🡣 2009/28/KE Premessa 25

L-Istati Membri għandhom potenzjali għall-enerġija rinnovabbli differenti u joperaw skemi differenti ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-livell nazzjonali. Il-maġġoranza tal-Istati Membri japplikaw skemi ta' appoġġ li jagħtu benefiċċji biss lill-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tiġi prodotta fit-territorju tagħhom. Għall-iffunzjonar tajjeb tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali huwa kruċjali li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkontrollaw l-effett u l-ispejjeż tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom skont il-potenzjali differenti tagħhom. Mezz importanti biex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva hu li jkun garantit il-funzjonament tajjeb ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali, bħal fid-Direttiva 2001/77/KE sabiex tinżamm il-fiduċja tal-investitur u sabiex jiġi permess lill-Istati Membri jfasslu miżuri nazzjonali effettivi għall-konformità mal-mira. Din id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita l-appoġġ transkonfinali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli mingħajr ma teffettwa skemi ta' appoġġ nazzjonali. Hija tintroduċi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fakultattivi bejn l-Istati Membri li jippermettulhom li jaqblu fuq il-livell li fih Stat Membru ieħor jappoġġa l-produzzjoni tal-enerġija fi Stat Membru ieħor u dwar il-livell li għalih il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għandha tgħodd għall-mira globali nazzjonali ta' kwalunkwe wieħed minnhom. Sabiex tiġi żgurata l-effettività taż-żewġ miżuri ta' konformità tal-mira, jiġifieri l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, huwa essenzjali li l-Istati Membri jkunu kapaċi jiddeterminaw jekk u sa liema livell l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom japplikaw għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta fi Stati Membri oħra u biex jaqblu dwar dan billi japplikaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni previsti f'din id-Direttiva.

---

🡣 2009/28/KE Premessa 26

Hu mixtieq li l-prezzijiet tal-enerġija jirriflettu l-ispejjeż esterni tal-produzzjoni u tal-konsum tal-enerġija, inklużi, kif xieraq, l-ispejjeż ambjentali, soċjali, u tal-kura tas-saħħa.

↓ 2009/28/KE Premessa 27

~~L-appoġġ pubbliku huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi Komunitarji li jikkonċernaw id-diffużjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, partikolarment sakemm il-prezzijiet tal-elettriku tas-suq intern ma jirriflettux l-ispejjeż u l-benefiċċji ambjentali u soċjali kollha tas-sorsi ta' enerġija użati.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 28

~~Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jaħdmu biex inaqqsu l-konsum totali tal-enerġija fit-trasport u jżidu l-effiċjenza tal-enerġija fit-trasport. Il-modi ewlenin kif jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fit-trasport jinkludu l-ippjanar tat-trasport, l-appoġġ għat-trasport pubbliku, iż-żieda fil-manifattura ta' numru ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku u l-produzzjoni ta' karozzi li huma iktar effiċjenti f'termini ta' enerġija u li huma iżgħar kemm fid-daqs u kemm fil-kapaċità tal-magna.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 29

~~L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiddiversifikaw it-taħlita tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi kollha tat-trasport. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Ġunju 2015 li fih tjenfasizza l-potenzjal taż-żieda tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'kull settur tat-trasport.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 30

(21) Fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-idroelettriku u tal-enerġija mir-riħ għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-effetti tal-varjazzjoni klimatika għandhom jittaffew permezz tal-użu ta' regola ta' normalizzazzjoni. Barra minn hekk, l-elettriku prodott minn sistema ta' ħażna bl-ippumpjar mill-ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq ma għandhomx ikunu meqjusa bħala elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

↓ 2009/28/KE Premessa 31

(22) Pompi tas-sħana li jippermetu l-użu ta' sħana aerotermali, ġeotermali jew idrotermali f'livell ta' temperatura utli jeħtieġu l-elettriku jew xi enerġija oħra awżiljari biex jaħdmu. L-enerġija użata biex tħaddem il-pompi tas-sħana għandha tiġi mnaqqsa mis-sħana totali utilizzabbli. Ghandhom jitqiesu biss il-pompi tas-sħana li l-output tagħhom jeċċeddi b' mod sinjifikanti l-enerġija primarja meħtieġa għat-tħaddim tagħhom.

↓ 2009/28/KE Premessa 32

(23) Sistemi ta' enerġija passiva jużaw id-disinn tal-bini biex jisfruttaw l-enerġija. Din hija kkunsidrata bħala enerġija ffrankata. Għalhekk, biex ikun evitat il-kalkolu doppju, l-enerġija kkontrollata b'dan il-mod m'għandhiex tkun ikkalkulata għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

🡻 2009/28/KE premessa 33 (adattat)

(24) Uħud mill-Istati Membri għandhom sehem kbir tal-avjazzjoni fil-konsum finali gross tal-enerġija tagħhom. Minħabba r-restrizzjonijiet teknoloġiċi u regolatorji attwali li ma jippermettux l-użu ta' bijokarburanti fl-avjazzjoni għall-użu kummerċjali, huwa xieraq li tingħata eżenzjoni parzjali lil dawn l-Isati Membri, billi jiġi eskluż mill-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija tagħhom fit-trasport nazzjonali bl-ajru, l-ammont li bih jeċċedu b'darba u nofs il-medja tal-konsum finali gross tal-enerġija tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫fl-avjazzjoni fl-2005, kif evalwat mill-Eurostat, jiġifieri 6,18 %. Ċipru u Malta, minħabba l-karattru insulari u periferali tagħhom, jiddependu fuq l-avjazzjoni bħala mezz ta' trasport, li huwa essenzjali għaċ-ċittadini u għall-ekonomija tagħhom. Minħabba dan, Ċipru u Malta għandhom konsum finali gross tal-enerġija fit-trasport nazzjonali bl-ajru li huwa sproporzjonatament għoli, jiġifieri iżjed minn tliet darbiet il-medja tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ fl-2005 u għalhekk huma affettwati b'mod sproporzjonat mir-restrizzjonijiet teknoloġiċi u regolatorji attwali. Huwa xieraq li għal dawk l-Istati Membri jiġi previst li l-eżenzjoni għandha tkopri l-ammont li bih jeċċedu l-medja tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ għall-konsum finali gross tal-enerġija fl-avjazzjoni fl-2005 kif evalwat mill-Eurostat, jiġifieri 4,12 %.

⇩ ġdid

(25) Biex jiġi żgurat li l-Anness IX iqis il-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25], il-kriterji tas-sostennibbiltà tal-Unjoni, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Anness ma joħloqx domanda addizzjonali għall-art filwaqt li jippromwovi l-użu tal-iskart u r-residwi, il-Kummissjoni, meta b'mod regolari tivvaluta l-Anness, għandha tqis l-inklużjoni ta' materja prima addizzjonali ma tikkawżax effetti distortivi sinifikanti fuq is-swieq tal-prodotti (sekondarji), l-iskart jew ir-residwi.

🡻 2009/28/KE Premessa 34

~~Sabiex jinkiseb mudell tal-enerġija li jappoġġja l-enerġija minn sorsi rinnovabbli jeħtieġ li tkun inkoraġġita l-kooperazzjoni strateġika bejn l-Istati Membri, li tinvolvi, kif xieraq, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali.~~

🡻 2009/28/KE Premessa 35

~~Filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ikunu inkoraġġiti li jfittxu kull forma ta' kooperazzjoni adatta fir-rigward tal-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva. Din il-kooperazzjoni tista' sseħħ fil-livelli kollha, bilaterali jew multilaterali. Minbarra l-mekkaniżmi b'effett fuq il-kalkolu tal-mira u tal-konformità tagħha, li huma previsti esklużivament f'din id-Direttiva, jiġifieri trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri, proġetti konġunti u skemi ta' appoġġ konġunt, il-kooperazzjoni tista' wkoll tieħdu l-forma ta', pereżempju, skambji ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, kif previsti, b'mod partikolari, fil-~~

[25] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

~~pjattaforma tat-trasparenza stabbilita b'din id-Direttiva, kif ukoll koordinazzjoni oħra volontarja bejn it-tipi kollha ta' skemi ta' appoġġ.~~

---

🡻 2009/28/KE premessa 36 (adattat)
⇨ ġdid

(26) Biex jinħolqu opportunitajiet biex jitnaqqsu l-ispejjeż biex ~~jinkisbu~~ ⌦ tintlaħaq ⌫ l-mira ⌦ tal- ⌫ Unjoni~~stabbiliti~~ stabbilita f'din id-Direttiva ⇨ u biex tingħata l-flessibbiltà lill-Istati Memrbi ħalli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li ma jaqgħux taħt il-miri nazzjonali tagħhom tal-2020 wara l-2020 ⇦ , huwa xieraq kemm li jkun iffaċilitat il-konsum fl-Istati Membri ta' enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli fi Stati Membri oħra, u li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkalkulaw l-enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmata fi Stati Membri oħra⇨ mas-sehem tagħhom tal-enerġija rinovabbli ⇦ ~~mal-miri nazzjonali tagħhom stess~~. Għal din ir-raġuni, ~~miżuri ta' flessibbiltà~~ ⇨ mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ⇦ huma meħtieġa~~, iżda dawn jibqgħu taħt il-kontroll tal-Istati Membri sabiex ma jaffettwawx l-abbiltà tagħhom li jilħqu l-miri nazzjonali~~ ⇨ biex jikkumplimentaw l-obbligi li jinfetaħ appoġġ għal proġetti li jinsabu fi Stati Membri oħra ⇦ . Dawn~~il-miżuri ta' flessibbiltà~~⇨ il-mekkaniżmi ⇦ ⌦ jinkludu ⌫ ~~jieħdu l-forma ta'~~ trasferimenti statistiċi, ta' proġetti konġunti bejn l-Istati Membri jew ta' skemi ta' appoġġ konġunt.

---

🡻 2009/28/KE premessa 35 (adattat)
⇨ ġdid

(27) ~~Filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva,~~ L-Istati Membri għandhom ikunu inkoraġġiti li jfittxu kull forma ta' kooperazzjoni adatta fir-rigward tal-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva. Din il-kooperazzjoni tista' sseħħ fil-livelli kollha, bilaterali jew multilaterali. Minbarra l-mekkaniżmi b'effett fuq il-kalkolu tal-mira ⇨ tas-sehem tal-enerġija rinovabbli ⇦ u tal-konformità tagħha, li huma previsti esklużivament f'din id-Direttiva, jiġifieri trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri, proġetti konġunti u skemi ta' appoġġ konġunt, il-kooperazzjoni tista' wkoll tieħdu l-forma ta', pereżempju, skambji ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, kif previsti, b'mod partikolari, fil-~~pjattaforma tat-trasparenza~~ ⌦ pjattaforma elettronika ⌫ stabbilita b~~'din id-Direttiva,~~ ⇨ ir-Regolament [Governance], ⇦ kif ukoll koordinazzjoni oħra volontarja bejn it-tipi kollha ta' skemi ta' appoġġ.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 37 (adattat)
⇨ ġdid

(28) Għandu jkun possibbli li l-elettriku impurtat, prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli barra mill- ⌦ Unjoni ⌫ ~~Komunità,~~ jgħodd mas-~~-~~⇨ sehem tal-enerġija rinovabbli tal-Istati Membri ⇦ ~~miri. Madankollu, biex tkun evitata żieda netta f'emissjonijiet tal-gass b'effett serra permezz tad-devjazzjoni tas-sorsi rinnovabbli eżistenti u s-sostituzzjoni sħiħa jew parzjali tagħhom b'sorsi ta' enerġija konvenzjonali, l-elettriku prodott biss minn impjanti ta' enerġija rinnovabbli li jsiru operattivi wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jew permezz tal-kapaċità miżjuda ta' impjant li ġie rinovat wara dik id-data għandu jkun eliġibbli biex jingħadd.~~ Sabiex

ikun garantit effett xieraq tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tieħu post l-enerġija konvenzjonali ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ kif ukoll f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jkun żgurat li dawn l-importazzjonijiet jistħu jkunu sorveljati u li jingħata kont tagħhom b'mod affidabbli. Ftehim ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' tali negozju fl-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ser jiġu kkunsidrati Jekk, bis-saħħa ta' deċiżjoni meħuda skont it-Trattat tal-Komunità dwar l-Enerġija[26] għal dak l-effett, il-partijiet kontraenti għal dak it-~~t~~Trattat ~~jintrabtu~~ ⌦ jintrabtu ⌫ mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, il-miżuri ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri previsti f'din id-Direttiva ~~ser~~ ⌦ għandhom ⌫ ikunu applikabbli għalihom.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 38

~~Meta Stati Membri jimpenjaw ruħhom fi proġetti konġunti ma' pajjiż terz wieħed jew aktar fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, huwa xieraq li dawn il-proġetti konġunti jkunu relatati biss ma' impjanti li nbnew ġodda jew ma' impjanti b'kapaċità li żdiedet mill-ġdid. Dan għandu jgħin biex jiżgura li l-proporzjon ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija ta' pajjiż terz ma jitnqqasx minħabba l-importazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-Komunità. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiffaċilitaw l-użu domestiku mill-pajjiż terz ikkonċernat ta' parti tal-produzzjoni ta' elettriku mill-impjanti koperti mill-proġett konġunt. Barra minn dan, il-pajjiż terz ikkonċernat għandu jiġi inkuraġġit mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżviluppa politika tal-enerġija rinnovabbli li tinkludi miri ambizzjużi.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 39

~~Filwaqt li jiġi nnutat li proġetti ta' interess kbir Ewropew f'pajjiżi terzi, bħall-Pjan Solari għall-Mediterran, jista' jkollhom bżonn ta' perijodu twil ta' introduzzjoni qabel ma' jsiru interkonnessi kompletament mat-territorju tal-Komunità, huwa xieraq li l-iżvilupp tagħhom jiġi ffaċilitat billi l-Istati Membri jitħallew jikkunsidraw fil-miri nazzjonali tagħhom ammont limitat ta' elettriku prodott minn proġetti bħal dawn waqt il-bini tal-interkonnessjoni.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 40 (adattat)

(29) Il-proċedura użata ~~mill-amministrazzjoni responsabbli~~ għall-~~kontroll tal-~~awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ta' impjanti tal-enerġija rinovabbli għandha tkun oġġettiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u proporzjonata meta jkunu qed jiġi applikati r-regoli għal proġetti speċifiċi. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġi evitat kwalunkwe piż bla bżonn li jista' jinqala' mill-klassifikazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinovabbli taħt installazzjonijiet li jirrappreżentaw riskju għoli għas-saħħa.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 42

(30) Għall-benefiċċju tal-iżvilupp mgħaġġel ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u bil-ħsieb tal-kwalità sostenibbli ġeneralment għolja u li hija ta' benefiċċju għall-ambjent, l-Istati Membri għandhom, meta japplikaw regoli amministrattivi, jippjanaw strutturi u leġislazzjoni li huma maħsuba għal-liċenzjar ta' impjanti fir-rigward tat-tnaqqis tat-

---

26 ĠU L 198, 20.7.2006, p. 18.

tniġġis u l-kontroll tal-impjanti industrijali, għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja u l-prevenzjoni jew minizzazzjoni tal-ħruġ ta' sustanzi perikolużi fl-ambjent, jikkunsidraw il-kontribut tas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima, b' mod partikolari meta mqabbla ma' impjanti tal-enerġija mhux rinnovabbli.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 43

~~Sabiex jiġi stimulat il-kontribut miċ-ċittadini individwali għall-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li l-awtorizzazzjonijiet jiġu sostitwiti minn sempliċi notifika lill-entità kompetenti meta jiġi installat tagħmir deċentralizzat żgħir għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 44 (adattat)

(31) Il-koerenza bejn l-objettivi ta' din id-Direttiva u l-leġislazzjoni ambjentali oħra tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ għandha tiġi żgurata. B'mod partikolari, waqt il-proċeduri ta' evalwazzjoni, ippjanar u liċenzjar għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-leġislazzjoni ambjentali kollha tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ u l-kontribut mis-sorsi rinnovabbli tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari meta mqabbla ma' impjanti tal-enerġija mhux rinnovabbli.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 45 (adattat)
⇨ ġdid

(32) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali u rekwiżiti oħra li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ~~98/34/EC~~ (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⌦ [27] ⌫ ~~tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u għar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni~~[28] relatati pereżempju ma' livelli ta' kwalità, metodi ta' ttestjar jew kondizzjonijiet ta' użu, ma għandhomx joħolqu ostakli għall-kummerċ f'tagħmir u sistemi ta' enerġija rinnovabbli. Għalhekk, skemi ta' sostenn għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli m'għandhomx jippreskrivu speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li jiddevjaw minn standards~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ eżistenti jew jeħtieġu li t-tagħmir jew is-sistemi sostnuti jkunu ċertifikati jew ittestjati f'lokalità speċifika jew minn entità speċifika.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 46

~~Hu xieraq għall-Istati Membri li jqisu mekkaniżmi għall-promozzjoni ta' tisħin u tkessiħ distrettwali minn enerġija minn sorsi rinnovabbli.~~

---

[27] Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

[28] ~~ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.~~

🡻 2009/28/KE Premessa 47 (adattat)

(33) Fil-livell nazzjonali u reġjonali, regoli u obbligi għal rekwiżiti minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'bini ġdid jew irrenovat wasslu għal żidiet konsiderevoli fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dawk il-miżuri għandhom jiġu inkoraġġiti f'kuntest ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ usa', filwaqt li jkun promoss l-użu ta' applikazzjonijiet ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli b'aktar effiċjenza tal-enerġija f'regolamenti u kodiċijiet tal-bini.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 48 (adattat)
⇨ ġdid

(34) ~~Jista' jkun xieraq għall-Istati Membri, s~~Sabiex jiffaċilitaw u jħaffu l-iffissar ta' livelli minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-bini~~, li jipprevedu li tali livelli jinlaħqu billi jiġi inkorporat fattur għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti minimi fir-riżultati tal-enerġija skont id-Direttiva 2002/91/KE, fir-relazzjoni ma' tnaqqis kemm jista' jkun kbir fl-ispejjeż mill-emissjonijiet ta' karbonju għall-kull binja.~~ ⇨ Il-kalkolu ta' dawk il-livelli minimi f'binjiet ġodda jew eżistenti suġġetti għal rinovazzjoni maġġuri għandu jkun konsistenti mal-metodoloġija stabbilita fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. ⇦

---

⇩ ġdid

(35) Biex jiġi żgurat li miżuri nazzjonali għall-iżvilupp tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli huma bbażati fuq ippjanar u analiżi komprensivi nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli u tal-enerġija moħlija potenzjali u jipprovdu għal aktar integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija u ta' sorsi ta' tisħin u tkessiħ moħlija, huwa xieraq li l-Istati Membri jiġu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tal-potenzjal nazzjonali tagħhom ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-użu ta' tisħin u tkessiħ moħlija fit-tisħin u t-tkessiħ, partikolarment biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ effiċjenti u kompetittiv u l-promozzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali kif definit mill-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30]. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' rekwiżiti ta' effiċjenza enerġetika għat-tisħin u t-tkessiħ u jitnaqqas il-piż amministrattiv ta' din il-valutazzjoni għandhom jiġu inklużi fin-netwerk valutazzjonijiet li jsiru u jiġu notifikati b'konformità mal-Artikolu 14 ta' dik id-Direttiva.

---

[29] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[30] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

| ⬇ 2009/28/KE Premessa 41<br>⇨ ġdid |
|---|

(36) In-nuqqas ta' regoli trasparenti u ta' koordinazzjoni bejn il-korpi ta' awtorizzazzjoni differenti deher li fixkel l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. ⇨ L-istabbiliment ta' punt ta' kuntatt amministrattiv uniku li jintegra jew jikkoordina l-proċessi kollha għall-għoti tal-permessi għandu jnaqqas il-kumplessità u jżid l-effiċjenza u t-trasparenza. ⇦ ~~Għalhekk l-istruttura speċifika tas-settur tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun ikkunsidrata meta l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jirrevedu l-proċeduri amministrattivi tagħhom biex jingħata l-permess għall-bini u l-operazzjoni ta' impjanti u infrastrutturi tan-networks marbuta mat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ jew karburanti għat-trasport minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.~~ Il-proċeduri ta' approvazzjoni amministrattiva għandhom ikunu semplifikati bi skedi ta' żmien għall-impjanti li jużaw enerġija minn sorsi rinnovabbli. Ir-regoli u l-linji gwida għall-ippjanar għandhom ikunu adattati biex jikkunsidraw tagħmir għat-tisħin u t-tkessiħ u l-elettriku rinnovabbli li huwa ta' nfiq effettiv u ta' benefiċċju għall-ambjent. ⇨ Din id-Direttiva, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni u t-tul ta' żmien tal-proċess tal-għoti tal-permessi, għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dritt internazzjonali u għal-liġi tal-Unjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ambjent u ta' saħħet il-bniedem. ⇦

| ⇩ ġdid |
|---|

(37) Proċeduri amministrattivi li jieħdu fit-tul iservu ta' ostaklu amministrattiv kbir u jiswew il-flus. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi, assoċjata ma' limitu ta' żmien ċar biex tittieħed id-deċiżjoni mill-awtoritajiet rispettivi fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-proġett għandha tistimola t-trattament tal-proċeduri b'mod aktar effiċjenti u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi.

(38) Ostaklu ieħor għal użu kosteffikaċi tal-enerġija rinnovabbli huwa n-nuqqas ta' prevedibbiltà mill-investituri fuq l-użu mistenni tal-appoġġ mill-Istati Membri. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investituri jkollhom prevedibbiltà suffiċjenti dwar l-użu ppjanat tal-appoġġ mill-Istati Membri. Din tippermetti li l-industrija tkun tista' tippjana u tiżviluppa katina tal-provvista, u twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż globali tal-installazzjoni.

| ⬇ 2009/28/KE Premessa 39 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(39) Sabiex jiġi ~~stimulat~~ ⌦ ffaċilitat ⌫ il-kontribut ⇨ tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u ⇦ miċ-ċittadini individwali għall-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, ~~l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li jiġu sostitwiti~~ l-awtorizzazzjonijiet ⇨ għandhom jiġu sostitwiti ⇦ minn sempliċi notifika lill-entità kompetenti ~~meta jiġi installat~~ ⇨ fil-każ ta' proġetti tal-enerġija rinovabbli żgħar, inklużi dawk ta' ⇦ deċentralizzazzjoni ⇨ bħal installazzjonijiet solari fuq il-bjut. Meta wieħed iqis il-ħtieġa li kull ma jmur qed tikber għat-tħaddim mill-ġdid ta' impjanti eżistenti tal-enerġija rinovabbli, għandhom jitfasslu proċeduri tal-għoti tal-permessi aktar mgħaġġla ⇦ ~~mezzi għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli~~.

↓ 2009/28/KE Premessa 49

(40) Lakuni fl-informazzjoni u t-taħriġ, speċjalment fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, għandhom jitneħħew bil-għan li jkun inkoraġġit l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

↓ 2009/28/KE Premessa 50

(41) Sakemm l-aċċess għall-professjoni ta' installatur jew l-eżerċizzju ta' din il-professjoni ikun wieħed regolat, il-prekondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali huma stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali~~ [31]. Din id-Direttiva għalhekk tapplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE.

↓ 2009/28/KE Premessa 51

(42) Filwaqt li d-Direttiva 2005/36/KE tistabbilixxi rekwiżiti għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, inkluż għall-periti, hemm ħtieġa oħra li jkun żgurat li l-periti u min jippjana jikkunsidraw b'mod xieraq l-aħjar taħlita ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji b'livell għoli ta' effiċjenza u fil-pjanti u d-disinni tagħhom. L-Istati Membri għalhekk għandhom jipprovdu gwida ċara f'dan ir-rigward. Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36/KE u b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 49 tagħha.

↓ 2009/28/KE Premessa 52
(adattat)

(43) Il-garanziji tal-oriġini, maħruġa għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom il-funzjoni unika li ~~jagħtu prova~~ ⌦ juru ⌫ lill-konsumatur finali li sehem jew kwantità speċifika ta' enerġija ġiet prodotta minn sorsi rinnovabbli. Garanzija tal-oriġini tista' tiġi trasferita, indipendentement mill-enerġija li tirrelata magħha, minn detentur għall-ieħor. Madankollu, bil-ħsieb li jiġi żgurat li unità tal-~~elettriku minn~~ ~~sorsi ta'~~ enerġija rinnovabbli tiġi rilaxxata darba biss lil klijent, il-kalkolar doppju u r-rilaxx doppju tal-garanziji tal-oriġini għandhom jiġu evitati. L-enerġija rinnovabbli li fir-rigward tagħha l-garanzija tal-oriġini li takkumpanjaha ġiet mibjugħa separatament mill-produttur m'għandhiex tiġi rilaxxata jew mibjugħa lill-klijent finali bħala enerġija minn sorsi rinnovabbli. ~~Hu importanti li jkun hemm distinzjoni bejn ċertifikati ħodor użati għal skemi ta' appoġġ u garanziji tal-oriġini.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 53
(adattat)
⇨ ġdid

(44) Huwa xieraq li s-suq tal-konsumaturi ~~emerġenti~~ għall-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jitħalla jikkontribwixxi għall-~~kostruzzjoni~~ ⇨ iżvilupp ⇦ ~~ta'impjanti ġodda għall-~~ enerġija minn sorsi rinnovabbli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ~~ikunu jistgħu~~ jeħtieġu li l-fornituri tal-elettriku li jiżvelaw it-taħlita tagħhom ta' enerġija lill-

[31] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

klijenti finali skont l-Artikolu X 3(6) tad-Direttiva [Market Design] 2003/54/EC, ⇨ jew li jikkumerċjalizzaw l-enerġija ⇦ biex jinkludu ⇨ konsumaturi ⇦ b'persentaġġ minimumu ⇨ referenza għall-konsum tel-enerġija minn sorsi rinovabbli, sabiex jużaw ⇦ ta' garanziji tal-oriġini minn impjanti mibnija reċentement li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli, bil-kondizzjoni li dan ir-rekwiżit ikun konformi mal-liġi Komunitarja.

---

| ↓ 2009/28/KE Premessa 54 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(45) Huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni dwar kif l-elettriku sostnut hu allokat lill-klijenti aħħarin skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE. Sabiex il-kwalità ta' dik l-informazzjoni għall-konsumaturi tittejjeb, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli prodott minn impjanti ġodda, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effikaċja tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri ⇨ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini jinħarġu għall-unitajiet kollha tal-enerġija rinovabbli li tiġi prodotta. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jiġi evitat kumpens doppju, il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli li jkunu diġà qed jirċievu appoġġ finanzjarju m'għandhomx jirċievu garanziji tal-oriġini. Madankollu, dawn il-garanziji tal-oriġini għandhom jintużaw għad-divulgazzjoni sabiex il-konsumaturi finali jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni ċara, affidabbli u evidenza adegwata dwar l-oriġini rinnovabbli tal-unitajiet rilevanti tal-enerġija. Barra minn hekk, għall-elettriku li rċieva appoġġ, il-garanziji tal-oriġini għandhom ikunu rkantati fis-suq u d-dħul għandu jintuża biex jitnaqqsu s-sussidji pubbliċi għall-enerġija rinnovabbli. ⇦

---

| ↓ 2009/28/KE Premessa 55 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(46) Id-Direttiva 2004/8/KE 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija[32] tipprevedi garanziji tal-oriġini biex tiġi ppruvata l-oriġini tal-elettriku prodott minn impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza kbira. ⇨ Madankollu, l-ebda użu mhu speċifikat għal ⇦ Ddawn il-garanziji tal-oriġini ma jistgħux ⇨ , ħalli jkunu jistgħu ukoll ⇦ jintużaw fl-iżvelar tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE peress li dan jista' jirriżulta f'konteġġ doppju u żvelar doppju. 2012/27/KE dwar l-effiċjenza tal-enerġija tipprevedi garanziji tal-oriġini biex tiġi ppruvata l-oriġini tal-elettriku prodott minn impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza kbira. Madankollu, l-ebda użu mhu speċifikat għal dawn il-garanzija tal-oriġini ma jistgħux, biex ikun jistgħu jintużaw ukoll fl-iżvelar tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE peress li dan jista' jirriżulta f'konteġġ doppju u żvelar doppju ⇨ effiċjenza għolja tas-CHP ⇦.

---

32 ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

🡻 2009/28/KE Premessa 56 (adattat)

~~Il-garanziji tal-oriġini waħedhom ma jagħtux dritt li wieħed jibbenefika minn skemi ta' appoġġ nazzjonali.~~

⇩ ġdid

(47) Il-garanziji tal-oriġini, li huma attwalment fis-seħħ għall-elettriku rinnovabbli u t-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, għandhom jiġu estiżi biex ikopru l-gass rinnovabbli. Dan ikun jipprovdi mezz konsistenti ta' prova lill-klijenti finali dwar l-oriġini ta' gassijiet rinovabbli bħall-bijometan u jiffaċilita aktar il-kummerċ transkonfinali tat-tali gassijiet. Huwa jippermetti wkoll il-ħolqien ta' garanziji tal-oriġini għal gassijiet rinovabbli oħrajn bħalma hu l-idroġenu.

🡻 2009/28/KE Premessa 57 (adattat)
⇨ ġdid

(48) Jeħtieġ tkun appoġġata l-integrazzjoni tal-enerġija imnn sorsi rinnovabbli fil-grilja ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni u l-użu ta' sistemi tal-ħażna tal-enerġija għall-produzzjoni integrata u ~~intermittenti~~ ⇨ varjabbli ⇦ tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ⇨ b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli li jmexxu l-bgħit u l-aċċess għall-grilja. Id-Direttiva [Electricity Market Design] tistabbilixxi l-qafas għall-integrazzjoni fil-grilja tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.. Madankollu, dan il-qafas ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja tal-gass. Huwa għalhekk neċessarju li dawn jinżammu f'din id-Direttiva. ⇦

🡻 2009/28/KE Premessa 58

~~L-iżvilupp ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi "proġetti tal-enerġija rinnovabbli ta' interess Ewropew" taħt il-Programm għan-Netwerk Trans-Ewropew għall-Enerġija (TEN-E) għandhu jitħaffef. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha wkoll tanalizza kif l-iffinanzjar ta' dawn il-proġetti jista' jittejjeb. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-proġetti ta' enerġija rinnovabbli li jikkontribwixxu biex tiżdied b'mod sinifikattiv is-sikurezza tal-provvista tal-enerġija fil-Komunità u fil-pajjiżi ġirien.~~

🡻 2009/28/KE Premessa 3 (adattat)

(49) Ġew rikonoxxuti l-opportunitajiet li jkun stabbilit it-tkabbir ekonomiku permezz tal-innovazzjoni u politika sostenibbli dwar l-enerġija kompetittiva. Il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli spiss tiddependi minn ~~kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (~~SMEs~~)~~ lokali jew reġjonali. L-opportunitajiet għat-tkabbir u l-impjiegi li jġibu l-investimenti reġjonali u lokali fl-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-Istati Membri u fir-reġjuni tagħhom huma importanti. Għalhekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw miżuri ta' żvilupp reġjonali u nazzjonali f'dawk l-oqsma, jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi

rinnovabbli bejn inizjattivi ta' żvilupp lokali u reġjonali u jippromwovu l-użu tal-finanzjament ~~strutturali~~ tal-politika ta' koeżjoni f'dan il-qasam.

---

⬇ 2009/28/KE Premessa 4

(50) Fl-aġevolment tal-iżvilupp tas-suq għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli, jeħtieġ li jitqies l-impatt pożittiv fuq l-opportunitajiet ta' żvilupp reġjonali u lokali, il-prospetti għall-esportazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet ta' impjieg, b' mod parikolari fir-rigward ta' SMEs kif ukoll produtturi indipendenti tal-enerġija.

---

⇩ ġdid

(51) Is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda hija rikonoxxuta fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Is-settur tal-enerġija fir-reġjuni l-aktar imbiegħda huwa ħafna drabi kkaratterizzat minn iżolament, provvista limitata u d-dipendenza fuq il-karburanti fossili filwaqt li dawn ir-reġjuni jibbenefikaw minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli lokali importanti. Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda jistgħu għalhekk iservu bħala eżempji tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi tal-enerġija għall-Unjoni. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi promoss l-użu tal-enerġija rinnovabbli sabiex jintlaħaq livell ogħla ta' awtonomija tal-enerġija għal dawk ir-reġjuni u tiġi rikonoxxuta s-sitwazzjoni speċifika tagħhom f'termini tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u l-ħtiġijiet ta' appoġġ pubbliku.

---

⬇ 2009/28/KE Premessa 6 (adattat)
⇨ ġdid

(52) Hu xieraq li tkun ~~appoġġjata l-fażi ta' dimostrazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni~~ ⇨ jitħalla jsir l-iżvilupp ⇦ ta' teknoloġiji deċentralizzati ta' enerġija rinnovabbli ⇨ taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u bla xkiel għall-finanzjament tal-investimenti fl-infrastruttura ⇦ .Il-bidla għall-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija għandha ħafna benefiċċji inkluż l-utilizzazzjoni tas-sorsi tal-enerġija lokali, iż-żieda fis-sigurtà lokali tal-provvista tal-enerġija, distanzi iqsar ta' trasport u tnaqqis fit-telf tal-enerġija trażmessa. Din id-deċentralizzazzjoni tiffavorixxi wkoll żvilupp u koeżjoni Komunitarja billi tipprovdi sorsi ta' dħul u toħloq impjiegi lokalment.

---

⇩ ġdid

(53) Bl-importanza li qed tikber tal-awtokonsum tal-elettriku rinnovabbli, jinħtieġu definizzjoni ta' awtokonsumatur rinnovabbli u qafas regolatorju li jagħti s-setgħa lill-awtokonsumaturi li jiġġeneraw, jaħżnu, jużaw u jbiegħu l-elettriku mingħajr ma jiffaċċjaw piżijiet sproporzjonati. L-awtokonsum kollettiv għandu jkun permess f'ċerti każijiet sabiex iċ-ċittadini li jgħixu f'appartamenti jkunu jistgħu, pereżempju, jibbenefikaw mis-setgħa tal-konsumaturi bl-istess mod bħal unitajiet domestiċi f'dar ta' familja waħda.

(54) Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini lokali fi proġetti ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli rriżultat f'valur miżjud sostanzjali f'termini ta' aċċettazzjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli u aċċess għal kapital privat addizzjonali.

Dan l-involviment lokali se jkunu dejjem aktar importanti f'kuntest ta' żieda fil-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli fil-futur.

(55) Il-karatteristiċi speċifiċi ta' komunitajiet lokali tal-enerġija rinnovabbli f'termini ta' daqs, struttura ta' sjieda u n-numru ta' proġetti jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni tagħhom fuq bażi ugwali ma' atturi fuq skala kbira, jiġifieri l-kompetituri bi proġetti akbar jew differenti. Miżuri li jikkumpensaw dawk l-iżvantaġġi jinkludu l-permess lill-komunitajiet tal-enerġija li joperaw fis-sistema tal-enerġija u l-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq.

(56) Peress li jirrappreżentaw madwar nofs il-konsum aħħari tal-enerġija tal-Unjoni, it-tisħin u t-tkessiħ huwa meqjusa bħala settur ewlieni fl-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Barra minn hekk, dan huwa wkoll settur strateġiku fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija, billi huwa previst li madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli sal-2030 għandu jiġi minn enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ. S'issa, in-nuqqas ta' strateġija armonizzata fil-livell tal-Unjoni, in-nuqqas ta' internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni u l-frammentazzjoni fis-swieq tat-tisħin u t-tkessiħ wasslu għal progress relattivament kajman f'dan is-settur.

(57) Diversi Stati Membri implimentaw miżuri fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ li jilħqu mira tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Madankollu, fin-nuqqas ta' miri nazzjonali vinkolanti għall-perjodu wara l-2020, il-bqija tal-inċentivi nazzjonali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq perjodu twil ta' żmien għall-2030 u l-2050. Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn l-għanijiet, tissaħħaħ iċ-ċertezza għall-investituri u jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' suq tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, filwaqt li jiġi rrispettat l-ewwel prinċipju tal-effiċjenza tal-enerġija, huwa xieraq li jiġu nkoraġġuti l-isforzi tal-Istati Membri fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ħalli jikkontribwixxu għal żieda progressiva fl-enerġija rinnovabbli. Minħabba n-natura frammentata ta' xi swieq tat-tisħin u t-tkessiħ, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata flessibilità fit-tfassil ta' sforzi bħal dawn. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-użu potenzjali tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ma jkollux effetti sekondarji ta' ħsara ambjentali.

(58) It-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bħalissa jirrappreżenta madwar 10 % tad-domanda għas-sħana madwar l-Unjoni, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. L-istrateġija tal-Kummissjoni dwar it-tisħin u t-tkessiħ għarfet il-potenzjal għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tat-tisħin permezz ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

(59) L-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija għarfet ukoll rwol iċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija, fejn iċ-ċittadini jieħdu s-sjieda tat-tranżizzjoni tal-enerġija, jibbenefikaw minn teknoloġiji ġodda biex jitnaqqsu l-kontijiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq.

(60) Is-sinerġiji potenzjali bejn sforz biex jiżdied l-użu ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli u l-iskemi eżistenti fid-Direttivi 2010/31/UE u 2012/27/UE għandhom jiġu enfasizzati. L-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli, jkollhom il-possibbiltà li jużaw l-istrutturi amministrattivi eżistenti biex jiġi implimentat dan l-isforz, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

(61) Fil-qasam tat-tisħin distrettwali, huwa għalhekk kruċjali li titħalla ssir il-bidla mill-karburanti lejn l-enerġija rinovabbli u jiġi evitat lock-in regolatorju u teknoloġiku u lock-out teknoloġiku permezz ta' drittijiet imsaħħa għall-produtturi tal-enerġija rinnovabbli u l-konsumaturi finali, u billi l-għodod jitwasslu għand il-konsumaturi finali biex tiġi ffaċilitata l-għażla tagħhom bejn is-soluzzjoni l-aktar għolja f'dik li hi prestazzjoni tal-enerġija b'qies tal-ħtiġiet tat-tisħin u t-tkessiħ futuri b'konformità mal-kriterji mistennija tal-prestazzjoni tal-bini.

(62) L-Istrateġija Ewropea għal mobilità b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ta' Lulju 2016 ġibdet l-attenzjoni li l-bijokarburanti magħmula mill-ikel għandhom rwol limitat fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u għandhom jiġu eliminati b'mod gradwali u sostitwiti minn bijokarburanti avanzati. Bi tħejjija għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avanzati u li jimminimizzaw l-impatti indiretti kumplessivi tat-tibdil fl-użu tal-art, ikun jixraq li jitnaqqas l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf li jista' jingħadd lejn il-mira tal-Unjoni stabbiliti f'din id-Direttiva.

(63) Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] tistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien proposta komprensiva għal politika kosteffiċjenti u teknoloġikament newtrali għal wara l-2020, sabiex toħloq perspettiva fit-tul għall-investiment f'bijokarburanti sostenibbli b'riskju baxx li jikkawżaw tibdil indirett fl-użu tal-art u f'mezzi oħra għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. L-inkorporazzjoni ta' obbligu fuq il-fornituri tal-karburant tista' tipprovdi ċ-ċertezza għall-investituri u tinkoraġġixxu l-iżvilupp kontinwu ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli alternattivi inklużi l-bijokarburanti avanzati, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku rinnovabbli fit-trasport. Huwa xieraq li jiġi stabbilit l-obbligu fuq il-fornituri tal-karburant fl-istess livell għal kull Stat Membru biex tkun żgurata konsistenza fl-ispeċifikazzjonijiet u d-disponibbiltà tal-karburanti għat-trasport. Minħabba li l-karburanti għat-trasport huma faċilment ikkummerċjalizzati, il-fornituri tal-karburanti fl-Istati Membri li jipposjedu ftit mir-riżorsi rilevanti faċilment se jkunu jistgħu jakkwistaw il-bijokarburanti minn x'imkien ieħor.

(64) Il-bijokarburanti avvanzati u bijokarburanti oħra u l-biijogass prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku rinnovabbli fit-trasport jistgħu jikkontribwixxu biex jistimulaw emissjonijiet baxxi tal-karbonju u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv, filwaqt li jtejbu fost oħrajn id-diversifikazzjoni tal-enerġija fis-settur tat-trasport filwaqt li jippromwovu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. L-obbligu tal-inkorporazzjoni fuq il-fornituri tal-karburanti għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp kontinwu ta' karburanti avvanzati, inklużi il-bijokarburanti, u huwa importanti li jiġi żgurat li l-obbligu tal-inkorporazzjoni jagħti inċentiv għal titjib fil-prestazzjoni tal-gass b'effett ta' serra tal-karburanti fornuti biex jilħqu dan l-għan. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-innovazzjoni teknoloġika u s-sostenibbiltà ta' dawk il-karburanti.

[33] Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 1).

(65) Il-promozzjoni ta' karburanti fossili b'livell baxx ta' karbonju li huma prodotti minn flussi ta' skart jistgħu wkoll jikkontribwixxi lejn l-għanijiet tal-politika ta' diversifikazzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Huwa għalhekk xieraq li jiġu inklużi dawk il-karburanti fl-obbligu tal-inkorporazzjoni fuq il-fornituri tal-karburant.

(66) Materja prima għall-ipproċessar industrijali u produttiv li għandha impatti baxxi fuq it-tibdil indirett fl-użu tal-art meta tkun użata għall-bijokarburanti, għandha tiġi promossa sabiex tagħti kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. B'mod partikolari materja prima għal bijokarburanti avvanzati, li tapplika teknoloġija aktar innovattiva u anqas matura u li għalhekk jeħtieġ livell ogħla ta' appoġġ, għandha tiġi inkluża f'Anness ma' din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat li dan l-Anness jiġi aġġornat mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġu evitati l-effetti negattivi mhux intenzjonati, għandha ssir evalwazzjoni wara l-adozzjoni tad-Direttiva sabiex tivvaluta l-possibbiltà li l-Anness jiġi estiż għal materja prima ġdida.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 94

~~Billi l-miżuri previsti fl-Artikoli 17 sa 19 għandhom effett ukoll fuq il-funzjonament tas-suq intern billi jarmonizzaw il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u bijolikwidi għall-iskopijiet tal-miri tal-kontabilità taħt din id-Direttiva, u għalhekk jiffaċilitaw, skont l-Artikolu 17(8), il-kummerċ bejn l-Istati Membri fil-bijokarburanti u bjolikwidi oħra li jikkonformaw ma' dawk il-kondizzjonijiet, dawn huma bbażati fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 59

~~L-interkonnesjoni fost il-pajjiżi tiffaċilita l-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Minbarra li ttejjeb il-varjabilità, l-interkonnessjoni tista' tnaqqas l-ispejjeż ta' bbilanċjar, tinkoraġġixxi l-kompetizzjoni reali li twassal għal prezzijiet aktar baxxi, u tappoġġa l-iżvilupp tan-networks. Barra minn dan, il-qsim u l-użu ottimali tal-kapaċità tat-trasmissjoni tista' tgħin biex tiġi evitata l-ħtieġa ċċċessiva ta' kapaċità mibnija ġdida.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 60

~~L-aċċess ta' prijorità u l-aċċess garantit għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli huma importanti biex sorsi ta' enerġija rinovabbli jkunu integrati fis-suq intern tal-elettriku, f'konformità mal-Artikolu 11(2) u l-iżvilupp ulterjuri tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/54/KE. Ir-rekwiżiti relatati maż-żamma tal-affidabilità u s-sikurezza tal-grilja u mad-distribuzzjoni jistgħu jvarjaw skont il-karatteristiċi tal-grilja nazzjonali u l-operat sikur tagħha. L-aċċess ta' prijorità għall-grilja jipprovdi assigurazzjoni mogħtija lill-ġeneraturi tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli konnessi li jkunu kapaċi jbiegħu u jittrasmettu l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli skont ir-regoli ta' konnessjoni f'kull ħin, kull meta s-sors ikun disponibbli. Fil-każ li l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinovabbli jkun integrat fis-suq tal-komoditajiet, l-aċċess ta' garanzija għandu jiżgura li l-elettriku kollu mibjugħ u appoġġat ikollu aċċess għall-grilja, filwaqt li jippermetti l-użu ta' ammont massimu ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinovabbli minn impjanti konnessi mall-grilja. Madankollu, dan ma jimplika l-ebda obbligu tal-Istati Membri li jappoġġaw jew li jintroduċu obbligi ta' xiri għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. F'sistemi oħra, għall-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jiġi definit prezz fiss, ħafna drabi flimkien ma' obbligu ta' xiri għall-operatur tas-sistema. F'dan il-każ, diġà ngħata aċċess ta' prijorità.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 61

~~F'ċerti ċirkostanzi mhux possibbli li jkunu għal kollox żgurati t-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mingħajr ma tiġi affettwata l-affidabbiltà jew is-sikurezza tal-grilja. F'dawn iċ-ċirkustanzi jista' jkun xieraq li jingħata kumpens finanzjarju lil dawk il-produtturi. Madankollu, l-objettivi ta' din id-Direttiva jirrikjedu żieda sostnuta fit-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli mingħajr ma jiġu affettwati l-affidabbiltà jew is-sikurezza tal-grilja. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jippermettu penetrazzjoni ogħla tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inter alia billi jikkunsidraw l-ispeċifitajiet ta' riżorsi varjabbli u riżorsi li għadhom ma jistgħux jiġu maħżuna. Sa fejn rikjest mill-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, il-konnessjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli ġodda għandhom ikunu permessi mill-aktar fis possibbli. Sabiex jitħaffew il-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilji, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu konnessjoni ta' prijorità jew kapaċitajiet ta' konnessjoni riżervati għal impjanti ġodda li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 62 (adattat)

(67) L-ispejjeż ta' konnessjoni ta' produtturi ġodda tal-~~elettriku u l-~~gass minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mal-~~elettriku u l-~~grilji tal-gass għandhom ikunu ⌦ ibbażati ⌫ fuq ⌦ kriterji ⌫ oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u għandu jitqies il-benefiċċju li ~~produtturi fissi tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u~~ produtturi lokali fissi tal-gass minn sorsi rinnovabbli jipprovdu għall-grilji tal-gass ~~u tal-elettriku~~.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 63

~~Il-produtturi tal-elettriku li jridu jisfruttaw il-potenzjal tal-enerġija minn sorsi rinovabbli fir-reġjuni periferali tal-Komunità, b'mod partikolari fir-reġjuni insulari u f'reġjuni li għandhom densità tal-popolazzjoni baxxa, għandhom, kull meta jkun fattibbli, jibbenefikaw minn spejjeż għall-konnessjoni raġjonevoli biex jiżguraw li huma ma jiġux żvantaġġati b'mod inġust meta mqabbla ma' produtturi li jinsabu f'żoni iktar ċentrali, iktar industrijalizzati u li għandhom densità ta' popolazzjoni ogħla.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 64

~~Id-Direttiva 2001/77/KE tistabbilixxi l-qafas għall-integrazzjoni fil-grilja tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, hemm varjazzjoni sinifikanti bejn l-Istati Membri fil-grad ta' integrazzjoni realment miksub. Għal din ir-raġuni huwa meħtieġ li jissaħħaħ il-qafas u li ssir reviżjoni perijodika tal-applikazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali~~.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 24 (adattat)
⇨ ġdid

(68) Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-bijomassa ⇨ bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użi tagħha għall-materjali u l-

enerġija ⇦, l-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ u l-Istati Membri għandhom jippromwovu mobilizzazzjoni⇨ sostenibbli ⇦ akbar tal-injam eżistenti ~~tar-riżervi~~ ⇨ u tar-riżorsi agrikoli ⇦u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' silvikultura ⇨ u produzzjoni agrikola⇦.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 65
(adattat)
⇨ ġdid

(69) ~~Il-produzzjoni tal-bijokarburanti għandha tkun sostenibbli.~~ Biokarburanti ⇨, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa għandhom dejjem jiġu prodotti b'manjiera sostenibbli. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ użati għall-konformità mal-mira ⌦tal-Unjoni ⌫ ~~miri~~ stabbiliti f'din id-Direttiva, ~~u dawk~~ ⌦ li ⌫ jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn ~~nazzjonali~~ s, għandhom għalhekk jiġu meħtieġa jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra⇦.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 66
(adattat)
⇨ ġdid

(70) ~~Il-Komuità~~ ⌦L-Unjoni ⌫ għandha tieħu passi xierqa fil-kuntest ta' din id-Direttiva, inkluża l-promozzjoni ta' kriterji ta' sostenibilità ⇨ u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ għall-bijokarburanti ⇨ , u għall-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ ~~u l-iżvilupp ta' bijokarburanti tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni fil-Komunità u madwar id-dinja, u li ssaħħaħ ir-riċerka agrikola u l-ħolqien ta' għarfien f'dawk l-oqsma~~.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 67

~~L-introduzzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti m'hijiex ser tikseb l-objettiv tagħha jekk dawk il-prodotti li ma jissodisfawx il-kriterji u li kieku kienu jintużaw bħala bijokarburanti jintużaw, minflok, bħala bijolikwidi fis-setturi tat-tisħin jew tal-elettriku. Għal din ir-raġuni, il-kriterji ta' sostenibbiltà għandhom japplikaw ukoll għall-bijolikwidi b'mod ġenerali.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 68
(adattat)

~~(68) Il-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007 stieden lill-Kummissjoni biex tipproponi Direttiva komprensiva dwar l-użu tas-sorsi rinovabbli kollha tal-enerġija, li jista' jkun fiha kriterji u dispożizzjonijiet li jiżguraw il-provvista u l-użu sostenibbli tal-bijoenerġija. Dawn il-kriterji ta' sostenibbiltà għandhom jiffurmaw parti koerenti minn skema usa' li tkopri l-bijolikwidi kollha u mhux biss il-bijokarburanti. Kriterji ta' sostenibbiltà bħal dawn għalhekk għandhom jiġu inklużi f'din id-Direttiva. Bil-għan li jiġi żgurat approċċ koerenti bejn il-linji politiċi tal-enerġija u tal-ambjent, u biex jiġu evitati l-ispejjeż addizzjonali għan-negozju u l-inkoerenza ambjentali li tkun assoċjata ma' approċċ inkonsistenti, huwa essenzjali li jiġu pprovduti l-istess kriterji ta' sostenibbiltà għall-użu ta' bijokarburanti għall-finijiet ta' din id-Direttiva minn naħa waħda, u d-Direttiva 98/70/KE min-naħa l-oħra. Għall-istess raġunijiet, rappurtar doppju għandu jiġi evitat f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom fil-qafas ta' kumitat~~

~~speċifikament responsabbli għall-aspetti ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, fl-2009 l-Kummissjoni għandha tanalizza l-inklużjoni possibbli ta' applikazzjonijiet oħra tal-bijomassa, u l-modalitajiet relatati magħhom.~~

---

| ↓ 2009/28/KE Premessa 69 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(71) I~~d-domanda dinjija dejjem tikber~~ ⇨ l-produzzjoni ta' materja prima agrikola ⇦ għall-bijokarburanti~~,~~ ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦, u l-inċentivi għall-użu tagħhom previst f'din id-Direttiva, m'għandhomx ikollhom l-effett li jinkoraġġixxu l-qerda ta' artijiet bijodiversi~~. Dawn ir-~~ ⌦ It-tali ⌫ riżorsi limitati, rikonoxxuti f'diversi strumenti internazzjonali bħala li huma ta' valur għall-bnedmin kollha, għandhom ikunu ppreservati. ~~Flimkien ma dan, il-konsumaturi fil-Komunità jsibuha moralment inaċċettabbli li l-użu miżjud tagħhom tal-bijokarburanti u bijolikwidi jista' jkollu l-effett li jeqred l-artijiet bijodiversi.~~ ~~Għal dawn ir-raġunijiet, j~~Jeħtieġ ⌦ għalhekk ⌫ li jiġu pprovduti kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra⇦ li jiżguraw li l-bijokarburanti~~,~~ ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦ ~~jistgħu~~ jikkwalifikaw għall-inċentivi biss meta ⌦ jkun ⌫ ~~jista' jiġi~~ ggarantit li ~~dawn~~ ⇨ il-materja prima agrikola ⇦ ~~ma joriġinawx~~ ⌦ ma toriġinax⌫ f'żoni bijodiversi jew, fil-każ ta' żoni ddedikati għal skopijiet ta' protezzjoni tan-natura jew għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu, l-awtorità kompetenti rilevanti turi li ⌦jintwera li ⌫ l-produzzjoni tal-materja prima ⇨ agrikola ⇦ ma tinterferix ~~ma' dawk l-i~~ ⌦ mat-tali ⌫ skopijiet. ~~Il-kriterji ta' sostenibbiltà għandhom iqisu l-foresta~~ ⌦ Il-foresti għandhom jitqiesu ⌫ bħala bijodiversi ⌦ skont il-kriterji tas-sostennibbiltà, ⌫ meta ⌦ jkunu ⌫ ~~tkun~~ foresti ⌦ ⌫~~foresta~~primarji kont id-definizzjoni użata mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fl-evalwazzjoni tagħha dwar ir-Riżorsi Globali tal-Foresti, ~~li l-pajjiżi globalment jużaw madwar id-dinja biex jirrappurtaw dwar il-limitu tal-foresta primarja~~jew fejn ~~hija protetta~~ ⌦ huma protetti⌫ mil-liġijiet nazzjonali għall-protezzjoni tan-natura. Żoni fejn isir⌦ il-⌫ġbir ta' prodotti forestali minbarra l-injam għandhom jiġu⌦ meqjusa bħala foresti bijodiversi ⌫ ~~inklużi~~, bil-kondizzjoni li l-impatt tal-bniedem ikun żgħir. Tipi oħra ta' foresti kif definiti mill-FAO, bħal foresti naturali modifikati, foresti semi-naturali u pjantaġġuni, m'għandhomx jitqiesu bħala foresti primarji. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura b'bijodiversità għolja ta' ċerti artijiet bil-ħaxix, kemm moderati u kemm tropikali, inklużi savani, steppi, artijiet neqsin mix-xita u prateriji b'bijodiversità għolja, lill-bijokarburanti⇨, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ magħmulin minn materja prima ⇨agrikola⇦ li toriġina minn artijiet bħal dawn m'għandhomx jikkwalifikaw għall-inċentivi previsti f'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji xierqa ~~u firxiet ġeografiċi xierqa~~ biex tiddefinixxi artijiet bil-ħaxix bħal dawn li għanddom bijodiversità għolja skont l-aqwa provi xjentifiċi disponibbli u l-istandards internazzjonali rilevanti.

---

| ↓ 2009/28/KE Premessa 70 |
|---|

~~Jekk art b'ħażniet kbar ta' karbonju fil-ħamrija jew il-veġetazzjoni tagħha tiġi kkonvertita għall-kultivazzjoni ta' materja prima għall-bijokarburanti u bijolikwidi oħra, ftit mill-karbonju maħżun ġeneralment jiġi rilaxxat fl-atmosfera, li jwassal għall-formazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju. L-impatt negattiv tal-gass b'effett serra li jirriżulta jista' jinnewtralizza l-impatt~~

~~pożittiv tal-gass b'effett serra tal-bijokarburanti jew tal-bijolikwidi, f'xi każi b'marġni wiesa'. L-effetti sħaħ tal-karbonju ta' din il-konverżjoni għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra ta' bijokarburanti u bijolikwidi partikolari. Dan huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra jikkunsidra t-totalità tal-effetti tal-karbonju bl-użu ta' bijokarburanti u bijolikwidi.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 71

~~Meta wieħed jikkalkula l-impatt tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tal-konverzjoni tal-art, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jużaw valuri attwali għall-ħażniet tal-karbonju assoċjati mal-użu ta' referenza tal-art u mal-użu tal-art wara l-konverzjoni. Huma għandhom ukoll ikunu jistgħu jużaw valuri standard. Il-ħidma tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima huwa l-bażi xierqa għal dawn il-valuri standard. Dik il-ħidma bħalissa mhijiex espressa f'forma li hija applikabbli immedjatament mill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tipproduċi gwida billi tuża din il-ħidma biex isservi bħala l-bażi għall-kalkolu tal-bidliet tal-ħażniet tal-karbonju għall-finijiet ta' din id-Direttiva, inkluż tibdiliet bħal dawn għal żoni afforestati b'kopertura ta' ħaxix ta' bejn 10 % u 30 %, savani, artijiet neqsin mix-xita u prateriji.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 72

~~Huwa xieraq li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġiji bil-ħsieb li tevalwa l-impatt tad-dranaġġ ta' art bil-peat fuq l-emissjonijiet b' effett serra.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 73 (adattat)
⇨ ġdid

(72) L-art m'għandhiex tkun ikkonvertita għall-produzzjoni ta' ⇨ materja prima agrikola għall- ⇦ bijokarburanti⇨, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ⇦jekk it-telf tal-ħażna tagħha tal-karbonju wara l-konverżjoni ma setgħetx, f'perijodu raġonevoli, b'kont meħud tal-urġenza li jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima, tiġi kkumpensata bl-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra li jirriżultaw mill-produzzjoni ⇨ u l-użu ⇦ ta' bijokarburanti~~,~~ ~~jew~~ bijolikwidi ⇨u karburanti mill-bijomassa⇦. Dan jevitata riċerka impenjattiva bla bżonn mill-operaturi ekonomiċi u l-konverżjoni ta' art b'ħażna għolja ta' karbonju li tirriżulta li mhix eliġibbli għall-produzzjoni ta' materja prima ⇨ agrikola ⇦ għall-bijokarburanti~~,~~ ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦. L-inventarji ta' ħażniet ta' karbonju madwar id-dinja jindikaw li artijiet mistagħdra u żoni kontinwament ifforestati b'kopertura ta' ħaxix ta' aktar minn 30 % għandhom ikunu inklużi f'dik il-kategorija. ~~Żoni ifforestati b'kopertura ta' ħaxix ta' bejn 10 % u 30 % għandhom ikunu inklużi wkoll, sakemm ma jkunx hemm evidenza li turi li l-ħażna tal-karbonju tagħhom hija baxxa biżżejjed biex tiġġustifika l-konverzjoni tagħhom skont ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva. Ir-referenza għall-artijiet mistagħdra għandha tikkunsidra d-definizzjoni stabbilita fil-Konvenzjoni dwar l-Artijiet Mistagħdra ta' Importanza Internazzjonali, b' mod partikolari bħala Ħabitat tal-Għasafar tal-Ilma, adottata fit-2 ta' Frar 1971 f'Ramsar.~~

⇩ ġdid

(73) Il-materja prima agrikola mill-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ma għandhiex tiġi prodotta minn art tal-pit peress li l-kultivazzjoni tal-materja prima fuq art tal-pit tirriżulta f'telf sinifikanti tal-istokk tal-karbonju jekk l-art tkompli tiġi iddrejnjata għal dak il-għan filwaqt li n-nuqqas tat-tali drenaġġ ma jkunx jista' jiġi vverifikat faċilment.

(73) Fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni, il-bdiewa tal-Unjoni għandhom jikkonformaw ruħhom ma' ġabra komprensiva ta' rekwiżiti ambjentali ħalli jirċievu appoġġ dirett. Il-konformità ma' dawk il-kriterji tista' tiġi vverifikata bl-aktar mod effettiv fil-kuntest tal-politika agrikola. L-inklużjoni ta' dawk ir-rekwiżiti fl-iskema tas-sostennibbiltà ma tkunx xierqa peress li l-kriterji tas-sostennibbiltà fil-każ tal-bijoenerġija għandhom jistipulaw regoli li jkunu oġġettivi u li japplikaw globalment. Il-verifika tal-konformità skont din id-Direttiva tkun tipperikola wkoll li tikkawża piż amministrattiv bla ħtieġa.

(75) Jixraq li jiddaħħlu kriterji madwar l-Unjoni kollha dwar is-sostennibbiltà u l-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-karburanti mill-bijomassa użati fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tisħin u t-tkessiħ, ħalli jitkompla jiġi żgurat l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra bi tqabbil mal-karburanti fossoli, biex b'hekk jiġu evitati impatti mhux intenzjonati fuq is-sostennibbiltà, u jitħeġġeġ is-suq intern.

(76) Biex jiġi żgurat dan, minkejja d-domanda kull ma jmur qed tikber għall-bijomassa mill-foresti, il-ħsad isir b'mod sostenibbli fil-foresti fejn ir-riġenerazzjoni hija żgurata, tingħata attenzjoni speċjali lil dawk iż-żoni li huma espliċitament magħżula għall-protezzjoni tal-bijodiversità, lil pajsaġġi u elementi naturali speċifiċi, jiġu kkonservati r-riżorsi tal-bijodiversità u jiġu ttraċċati l-istokkijiet tal-karbonju, bil-materja prima tal-injam tiġi biss minn foresti li huma maħsuda skont il-prinċipji tal-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti skont proċessi forestarji internazzjonali bħal Forest Europe u bl-implimentazzjoni permezz tal-liġijiet nazzjonali jew l-aħjar prattiċi ta' mmaniġġjar fil-livell tal-azjendi forestali. L-operaturi għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jimminimizzaw ir-risju li jużaw bijomassa mill-foresti mhux sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijoenerġija. Għal dan il-għan, l-operaturi għandhom iqiegħdu fis-seħħ approċċ imsejjes fuq ir-riskju. F'dan il-kuntest, jixraq li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida operattiva dwar il-verifikazzjoni tal-konformità mal-approċċ imsejjes fuq ir-riskju, wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, u l-Kumitat Forestrarju Permanenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE[34].

(77) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, il-kriterji tal-Unjoni dwar is-sostennibbiltà u l-iffrankar tal-gass b'effett ta' serra għandhom japplikaw biss għall-elettriku u t-tisħin mill-karburanti mill-bijomassa prodotti fi stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar.

(78) Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jiġu konvertiti f'elettriku u sħana b'mod effiċjenti ħalli jiġu masimizzati s-sigurtà tal-enerġija u l-iffrankar fil-gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll biex jitrażżnu l-emissjonijiet tal-pollutanti tal-arja u tiġi minimizzata l-pressjoni fuq ir-riżorsi limitati tal-bijomassa. Għal dan il-għan, l-appoġġ pubbliku għal stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar, jekk ikun

[34] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE tad-29 ta' Mejju 1989 li tistabilixxi il-Kumitat Forestrarju Permanenti (OJ L 165, 15.6.1989, p. 14).

meħtieġ, għandu jingħata biss lil stallazzjonijiet effiċjenti ħafna li jikkombinaw il-produzzjoni tal-qawwa elettrika u s-sħana kif definit fl-Artikolu 2(34) tad-Direttiva 2012/27/UE. L-iskemi ta' appoġġ eżistenti għall-elettriku msejjes fuq il-bijomassa għandhom madankollu jitħallew sakemm jaslu fi tmiemhom għall-istallazzjonijiet kollha tal-bijomassa. Barra minn hekk, l-elettriku prodott mill-bijomassa f'stallazzjonijiet ġodda b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar għandu jgħodd biss bħala parti mill-miri u l-obbligi dwar l-enerġija rinnovabbli fil-każijiet ta' stallazzjonijiet effiċjenti ħafna li jikkumbinaw il-ġenerazzjoni tal-qawwa elettrika u s-sħana . Skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom madankollu jitħallew jagħtu appoġġ pubbliku għall-produzzjoni tas-sorsi rinnovabbli lill-istallazzjonijiet, u jgħoddu l-elettriku li jipproduċu mal-miri u l-obbligi dwar l-enerġija rinnovabbli, ħalli tiġi evitata dipendenza akbar fuq il-karburanti fossili b'impatti ambjentali u klimatiċi akbar f'każijiet fejn, wara li ġew eżawsti l-possibiltajiet tekniċi u ekonomiċi kollha biex jiġu stallati stallazzjonijiet tal-bijomassa effiċjenti ħafna li jikkombinaw is-sħana mal-qawwa elettrika, l-Istati Membri jisfaw iħabbtu wiċċhom ma' riskju sostanzjat ta' skarsezza tal-provvista tal-elettriku.

(79) Il-limitu minimu tal-iffrankar tal-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra fil-każ tal-bijokarburanti u l-bijokarburanti prodotti fi stallazzjonijiet ġodda għandu jinżied biex itejjeb il-bilanċ kumplessivi tagħhom tal-gassijiet b'effett ta' serra filwaqt li jaqta' qalb li jsiru aktar investimenti fi stallazzjonijiet bi prestazzjoni baxxa fl-iffrankar tal-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra. Din iż-żieda tipprovdi salvagwardji għall-investiment fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi.

(80) Abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni prattika tal-kriterji tas-sostennibbiltà tal-Unjoni, jixraq li jissaħħaħ ir-rwol tal-iskemi taċ-ċertifikazzjoni nazzjonali u internazzjonali volontraji għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà b'mod armonizzat.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 74

~~L-inċentivi previsti f'din id-Direttiva ser jinkoraġġixxu produzzjoni akbar ta' bijokarburanti u bijolikwidi madwar id-dinja. Fejn il-bijokarburanti u bijolikwidi huma magħmula minn materja prima prodotta fil-Komunità, huma għandhom ikunu wkoll konformi mar-rekwiżiti ambjentali tal-Komunità għall-agrikoltura, inklużi dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ, u mar-rekwiżiti soċjali. Madankollu, hemm tħassib li l-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi f'ċerti pajjiżi terzi jistgħu ma jirrispettawx ir-rekwiżiti minimi ambjentali jew soċjali. Hu għalhekk opportun li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' strumenti ta' ftehim multilaterali u bilaterali u skemi internazzjonali jew nazzjonali volontarji li jkopru aspetti ambjentali u soċjali essenzjali, sabiex tingħata promozzjoni għas-sostenibbiltà fil-produzzjoni madwar id-dinja tal-bijokarburanti u bijolikwidi. Fin-nuqqas ta' strumenti ta' ftehim jew skemi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operaturi ekonomiċi biex jirrappurtaw dwar dawk il-kwsitjonijiet.~~

---

↓ 2009/28/KE Premessa 75

~~Ir-rekwiżiti għal skema ta' sostenibbiltà għal użi enerġetiċi tal-bijomassa, minbarra bijolikwidi u bijokarburanti, għandhom ikunu analizzati mill-Kummissjoni fl-2009, billi tkun ikkunsidrata l-ħtieġa li riżorsi ta' bijomassa jkunu ġestiti b'mod sostenibbli.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 76

~~Il-kriterji ta' sostenibbiltà jkunu effettivi biss jekk iwasslu għal tibdiliet fl-imġiba tal-atturi fis-suq. Dawk it-tibdiliet iseħħu biss jekk il-bijokarburanti u bijolikwidi li jissodisfaw dawk il-kriterji jkunu jgwadu minn vantaġġ fil-prezz meta imqabbla ma' dawk li ma jissodisfawhomx. Skont il-metodu tal-bilanċ tal-massa tal-verifika tal-konformità, hemm rabta fiżika bejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi li jilħqu l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-konsum ta' bijokarburanti u bijolikwidi fil-Komunità, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn il-provvista u d-domanda u tassigura vantaġġ fil-prezz li huwa ikbar milli f'sistemi fejn m'hemmx din ir-rabta. Biex ikun żgurat li bijokarburanti u bijolikwidi li jilħqu l-kriterji ta' sostennibiltà jistgħu jinbiegħu bi prezz ogħla, il-metodu tal-bilanċ tal-massa għandha għalhekk tintuża biex tkun ivverifikata l-konformità. Dan għandu jżomm l-integrità tas-sistema filwaqt li fl-istess ħin jevita l-impożizzjoni ta' piż mhux raġonevoli fuq l-industrija. Madankollu, jeħtieġ li jiġu vverifikati metodi oħra ta' verifika.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 77

~~Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra debitament l-Evalwazzjoni tal-Ekosistema għall-Millenju li fiha data utli għall-konservazzjoni ta' mill-inqas dawk l-oqsma li jipprovdu servizzi bażiċi tal-ekosistema f'sitwazzjonijiet kritiċi bħall-protezzjoni tal-art fejn ix-xmajjar jibdlu d-direzzjoni u l-kontroll tal-erożjoni.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 78

~~Huwa xieraq li jkun immonitorjat l-impatt tal-kultivazzjoni tal-bijomassa, per eżempju permezz ta' tibdiliet fl-użu tal-art, inkluż l-ispustjar, l-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi u effetti oħra fuq il-bijodiversità, u effetti fuq il-produzzjoni tal-ikel u l-prosperità lokali. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra s-sorsi rilevanti kollha tal-informazzjoni, inkluża l-mappa tal-ġuħ tal-FAO. Il-bijokarburanti għandhom ikunu promossi b'mod li tkun inkoraġġita produttività agrikola ikbar u l-użu ta' art degradata.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 79 (adattat)
⇨ ġdid

(81) Huwa fl-interess tal-~~Komunità~~ ⌦Unjoni⌫ li jkun inkoraġġit l-iżvilupp ta' ~~strumenti ta' ftehim multilaterali u bilaterali u~~ skemi volontarji internazzjonali u nazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, ~~u~~ bijolikwidi ⇨, u karburanti mill-bijomassa ⇦ u li jiċċertifikaw li l-produzzjoni ta' bijokarburanti, ~~u~~bijolikwidi ⇨, u karburanti mill-bijomassa ⇦ tissodisfa dawk l-istandards. Għal dik ir-raġuni, għandu jkun hemm provvediment biex jiġi rikonoxxut li ~~dawn il-ftehim jew~~ l-iskemi⌦ ⌫ jagħtu evidenza u data affidabbli, ⌦ meta ⌫~~bil-kundizzjoni li~~ jilħqu standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u verifika indipendenti. ⇨ Sabiex ikun żgurat li l-konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra tkun verifikata b'mod b'saħħtu u armonizzat u b'mod partikolari biex jiġu evitati l-frodi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi regoli implimentattivi dettaljati, inklużi standard adegwati rigward l-affidabbiltà, it-trasparenza u l-awditjar indipendenti li jiġu applikati mill-iskemi volontarji.⇦

⇩ ġdid

(82) L-iskemi volontarji jilgħabu parti kull ma jmur dejjem aktar importanti fil-provvediment ta’ evidenza ta’ konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta’ serra fil-każijiet tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa. Jixraq għaldaqstant li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi volontarji, inklużi dawk li diġà huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni, jirrapportaw regolarment dwar l-attività tagħhom. It-tali rapporti għandhom isiru pubbliċi ħalli tiżdied it-trasparenza u tittejjeb is-superviżjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, it-tali rappurtar ikun jipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-operat tal-iskemi volontraji bil-ħsieb li tiġi identifikata l-aħjar prattika u biex tiġi ppreżentata proposta, jekk dan ikun jixraq, ħalli t-tali prattika tajba tiġi promossa aktar.

(83) Biex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern, l-evidenza li tirrigwardja l-kriterji tas-sostennibbiltà u l-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta’ serra fil-każijiet tal-bijomassa għall-enerġija li tkun inkisbet skont xi skema li ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni teħtieġ li tiġi aċċettata mill-Istati Membri kollha. L-Istati Membri jeħtieġu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni tal-iskemi volontarji billi jissorvelja l-operat tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali u billi jinfurmaw lill-iskemi volontarji dwar l-osservazzjonijiet rilevanti.

---

🡻 2009/28/KE Premessa 80

~~Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti regoli ċari għall-kalkolu ta’ emissjonijiet ta’ gass b’effett serra mill-bijokarburanti u bijolikwidi u l-karburanti fossili ta’ riferiment tagħhom.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 81

~~Il-prodotti sekondarji mill-produzzjoni u l-użu ta’ karburanti għandhom ikunu kkunsidrati fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett serra. Il-metodu ta’ sostituzzjoni huwa adatt għall-finijiet ta’ analiżi tal-politika iżda mhux għar-regolamentazzjoni ta’ operaturi ekonomiċi individwali u kunsinni individwali ta’ karburanti għat-trasport. F’dawk il-każijiet il-metodu ta’ allokazzjoni ta’ enerġija huwa l-aktar metodu xieraq peress li huwa faċilment applikat, huwa prevedibbli maż-żmien, jimminimizza inċentivi kontro-produċenti u jipproduċi riżultati li huma ġeneralment komparabbli ma’ dawk mogħtija mill-metodu ta’ sostituzzjoni. Għall-finijiet ta’ analiżi tal-politika l-Kummissjoni għandha wkoll, fir-rappurtar tagħha, tippreżenta riżultati bl-użu tal-metodu ta’ sostituzzjoni.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 82 (adattat)
⇨ ġdid

(84) Bil-għan li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat, għandha tiġi stabbilita lista ta’ valuri awtomatiċi għal mogħdijiet komuni ta’ produzzjoni tal-bijokarburanti ⇨ , il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ u dik il-lista għandha tiġi aġġornata u għandha titwessa’ meta jkun hemm disponibbli aktar data affidabbli. L-operaturi ekonomiċi għandhom dejjem ikunu intitolati li jikklejmjaw il-livell ta’ ffrankar tal-

emissjonijiet ta' gass b'effett serra fir-rigward tal-bijokarburanti~~, u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦ stabbiliti minn dik il-lista. Fejn il-valur awtomatiku għall-iffrankar tal- emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra minn mogħdija tal-produzzjoni huwa taħt il-livell minimu meħtieġ tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra, il-produtturi li jixtiequ juru l-konformità tagħhom ma' dan il-livell minimu għandhom jintalbu juru li l-emissjonijiet reali mill-proċess tagħhom ta' produzzjoni huma iktar baxxi minn dawk li kienu maħsuba fil-kalkolu tal-valuri awtomatiċi.

---

⇩ ġdid

(85) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti regoli ċari għall-kalkolu tal-emissjoni ta' gass b'effett serra mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u l-karburanti fossili ta' riferiment tagħhom.

(86) Skont l-għarfien tekniku u xjentifiku attwali, il-metodoloġija tal-kontabbiltà tal-gassijiet b'effett ta' serra teħtieġ tqis it-trasformazzjoni tal-karburanti mill-bijomassa solidi u gassużi f'enerġija finali ħalli tkun konsistenti mal-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli għall-finijiet ta' għadd lejn il-mira tal-Unjoni stabbilita f'din id-Direttiva. L-allokazzjoni ta' emissjonijiet għal koprodotti, b'distinzjoni mill-iskart u r-residwi, teħtieġ li tiġi riveduta wkoll f'każijiet fejn l-elettriku u/jew it-tisħin u t-tkessiħ huma prodotti f'impjanti ta' koġenerazzjoni jew multiġenerazzjoni.

(87) Biex tiġi żgurata l-konsistenza u l-paragunabilità tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti mill-bijomassa għat-tisħin u t-tkessiħ, u l-ġenerazzjoni tal-elettriku fi Stati Membri differenti, jixraq li tiġi applikata referenza ta' tqabbil mal-karburanti fossili abbażi tal-emissjonijiet medji tal-Unjoni fis-setturi tat-tisħin u l-elettriku.

(88) Jekk art b'ħażniet kbar ta' karbonju fil-ħamrija jew il-veġetazzjoni tagħha tiġi kkonvertita għall-kultivazzjoni ta' materja prima għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, parti mill-karbonju maħżun ġeneralment tiġi rilaxxata fl-atmosfera u twassal għall-formazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju. L-impatt negattiv tal-gass b'effett serra li jirriżulta jista' jinnewtralizza l-impatt pożittiv tal-gass b'effett serra tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, f'xi każi b'marġni wiesa'. L-effetti sħaħ tal-karbonju ta' din il-konverżjoni għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa partikolari. Dan huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra jikkunsidra t-totalità tal-effetti tal-karbonju bl-użu tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.

(89) Meta wieħed jikkalkula l-impatt tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tal-konverzjoni tal-art, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jużaw valuri attwali għall-ħażniet tal-karbonju assoċjati mal-użu ta' referenza tal-art u mal-użu tal-art wara l-konverzjoni. Huma għandhom ukoll ikunu jistgħu jużaw valuri standard. Il-metodoloġija tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima huwa l-bażi xierqa għal dawn il-valuri standard. Dik il-ħidma bħalissa mhijiex espressa f'forma li hija applikabbli immedjatament mill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni, għalhekk, teħtieġ li tirrevedi l-linji gwida tal-10 ta' Ġunju 2010 għall-kalkolu tal-istokkijiet tal-

karbonju tal-art għall-finijiet tal-Anness V ta' din id-Direttiva, filwaqt li tiżgura l-koerenza mar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35].

(90) Il-prodotti sekondarji mill-produzzjoni u l-użu ta' karburanti għandhom ikunu kkunsidrati fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra. Il-metodu ta' sostituzzjoni huwa adatt għall-finijiet ta' analiżi tal-politika iżda mhux għar-regolamentazzjoni ta' operaturi ekonomiċi individwali u kunsinni individwali ta' karburanti għat-trasport. F'dawk il-każijiet il-metodu ta' allokazzjoni ta' enerġija huwa l-aktar metodu xieraq peress li huwa faċilment applikat, huwa prevedibbli maż-żmien, jimminimizza inċentivi kontroproduċenti u jipproduċi riżultati li huma ġeneralment komparabbli ma' dawk mogħtija mill-metodu ta' sostituzzjoni. Għall-finijiet ta' analiżi tal-politika l-Kummissjoni għandha wkoll, fir-rappurtar tagħha, tippreżenta riżultati bl-użu tal-metodu ta' sostituzzjoni.

(91) Il-prodotti sekondarji huma differenti mir-residwi u r-residwi agrikoli, peress li dawn huma l-għan primarju tal-proċess tal-produzzjoni. Jixraq għalhekk li jiġi ċċarat li r-residwi tal-għelejjel agrikoli huma residwi u mhux prodotti sekondarji. Dan ma għandu l-ebda implikazzjoni fuq il-metodoloġija eżistenti iżda jiċċara d-dispożizzjonijiet eżistenti.

(92) Il-metodu stabbilit li tintuża allokazzjoni tal-enerġija bħala regoli għad-diviżjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra bejn prodotti sekondarji ħadem sew u jeħtieġ jitkompla. Jixraq li l-metololoġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra li jiġu mill-użu tal-koġenerazzjoni tas-sħana u l-elettriku (CHP) meta is-CHP jintuża fl-ipproċessar tal-bijokarburanti, il-bijokarburanti u l-karburanti mill-bijomassa tiġi allinjata mal-metodoloġija applikata għal CHP li jkun użu aħħari.

(93) Il-metodoloġija tqis l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mnaqqsa bis-saħħa tal-użu tas-CHP, bi tqabbil mal-użu tal-impjanti tal-elettriku u s-sħana biss, billi tqis l-utilità tas-sħana mqabbla mal-elettriku, u l-utilità tas-sħana f'temperaturi differenti. Isegwi li t-temperaturi ogħla jeħtiġilhom jerfgħu parti ogħla mit-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, mis-sħana f'temperatura baxxa, meta s-sħana hija koprodotta mal-elettriku. Il-metodoloġija tqis il-mogħdija kollha sal-enerġija finali, inkluż il-konverżjoni għal sħana jew elettriku.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 84

~~Bil-għan li jkun evitat l-inkoraġġiment tal-kultivazzjoni ta' materja prima għal bijokarburanti u bijolikwidi f'postijiet fejn dan jista' jwassal għal emissjonijiet għoljin ta' gass b'effett serra, l-użu ta' valuri awtomatiċi għall-kultivazzjoni għandu jkun limitat għal reġjuni fejn dan l-effett jista' jkun eskluż b'mod affidabbli. Madankollu, biex ma jkunx hemm piż amministrattiv sproporzjonat, jaqbel li l-Istati Membri jistabbilixxu medji nazzjonali jew reġjonali għall-emissjonijiet mill-kultivazzjoni, inkluż mill-użu ta' fertilizzanti.~~

---

35 Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13)

➘ 2009/28/KE Premessa 83 (adattat)

(94) Huwa xieraq li d-data użata fil-kalkolu tal-valuri awtomatiċi tinkiseb minn sorsi esperti xjentifiċi, indipendenti u li tiġi aġġornata kif xieraq hekk kif dawn is-sorsi jagħmlu progress fil-ħidma tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lil dawk is-sorsi biex jindirizzaw, fl-aġġornament tal-ħidma tagħhom, l-emissjonijiet mill-kultivazzjoni, l-effett tal-kondizzjonijiet reġjonali u klimatoloġiċi, l-effetti ta' kultivazzjoni li tuża agrikoltura sostenibbli u metodi agrikoli organiċi, u l-kontribuzzjoni xjentifika tal-produtturi, fil-Komunità ⌦ fl-Unjoni ⌫ u f'pajjiżi terzi, u s-soċjetà ċivili.

➘ 2009/28/KE Premessa 85 (adattat)
⇨ ġdid

(95) Id-domanda globali għall-prodotti agrikoli qed tikber. Parti minn dik iż-żieda fid-domanda ser tkun sodisfatta permezz ta' żieda fl-ammont ta' art riżervata għall-agrikoltura. Ir-ristawr ta' art li ddeterjorat b'mod gravi jew li sofriet minn kontaminazzjoni qawwija u għalhekk ma tistax tintuża, fl-istat attwali tagħha, għal finijiet agrikoli huwa mod kif tiżdied il-medda ta' art disponibbli għall-kultivazzjoni. L-iskema ta' sostenibbiltà għandha tippromwovi l-użu ta' art degradata ristawrata peress li l-promozzjoni tal-bijokarburanti, u il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ ser tikkontribwixxi għal żieda fid-domanda għall-prodotti bażiċi agrikoli. Anke jekk il-bijokarburanti nnifishom isiru mill-materja prima minn art li diġà qed tintuża għall-agrikoltura, iż-żieda netta fid-domanda għal prodotti agrikoli kkawżata mill-promozzjoni ta' bijokarburanti tista' twassal għal żieda netta fl-art użata għall-produzzjoni agrikola. Dan jista' jaffetwa l-art b'ħażna tal-karbonju għoli, bir-riżultat li jkun hemm telf fil-ħażniet tal-karbonju li jagħmlu ħsara. Biex jitnaqqas dak ir-riskju, huwa xieraq li jkunu introdotti miżuri ta' akkumpanjament li jinkoraġġixxu rata għola tal-produttività fuq art li diġà hija użata għall-produzzjoni agrikola, l-użu ta' art degradata, u l-adozzjoni ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà, kumparabbli ma' dawk stabbiliti f'din id-Direttiva għall-konsum Komunitarju tal-bijokarburanti, f'pajjiżi oħra li jikkunsmaw il-bijokarburanti. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa metodoloġija konkreta biex timminimiżża l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra kkawżati minn bidliet indiretti fl-użu tal-art. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tanalizza, fuq il-bbażi tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, b' mod partikolari, l-inklużjoni ta' fattur għal tibdiliet indiretti fl-użu tal-art fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra u l-ħtieġa li tinċentivizza bijokarburanti sostenibbli li jimminimizzaw l-impatt ta' tibdiliet indiretti fl-użu tal-art u li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti fir-rigward tat-tibdiliet indiretti fl-użu tal-art. Fl-iżvilupp ta' dik il-metodoloġija, il-Kummissjoni għandha, inter alia, tindirizza t-tibdiliet indiretti potenżjali fl-użu tal-art li jirriżultaw minn bijokarburanti prodotti minn materjal ċellulożiku mhux tal-ikel u materjal linjoċellulożiku.

↓ 2009/28/KE Premessa 86

~~Bil-għan li jkun jista' jinkiseb schem tas-suq adegwat tal-bijokarburanti, huwa meħtieġ li jkun żgurat li jitpoġġew fis-suq ta' diżil li fih taħlit ta' bijodiżil f'perċentwali ogħla minn dawk previsti mill-istandard EN590/2004.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 87

~~Bil-għan li jkun żgurat li bijokarburanti li jiddiversifikaw il-firxa ta' għalf użata jsiru kummerċjalment vijabbli, dawk il-bijokarburanti għandhom jirċievu ippeżar żejjed taħt l-obbligi nazzjonali tal-bijokarburanti.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 88

~~Rappurtar regolari huwa meħtieġ biex ikun żgurat iffukar kontinwu fuq il-progress fl-iżvilupp ta' enerġiji minn sorsi rinnovabbli fil-livell nazzjonali u Komunitarju. Huwa xieraq li jkun meħtieġ l-użu ta' format armonizzat għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli li l-Istati Membri għandhom jissottomettu. Dawn il-pjanijiet jistgħu jinkludu l-ispejjez u l-benefiċċji stmati tal-miżuri maħsuba, il-miżuri relatati mal-estensjoni meħtieġa jew it-tisħiħ tal-infrastruttura tal-grilja eżistenti, l-ispejjeż u l-benefiċċji stmati biex tiġi żviluppata enerġija minn sorsi rinnovabbli 'l fuq mil-livell meħtieġ mit-trajettorja indikattiva, informazzjoni dwar l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali u informazzjoni dwar l-użu tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'binjiet ġodda jew renovati.~~

↓ 2009/28/KE Premessa 89

~~Fit-tfassil tas-sistemi ta' sostenn tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu l-użu ta' bijokarburanti li jagħtu benefiċċji addizzjonali, — inkluż il-benefiċċji ta' diversifikazzjoni mogħtija minn bijokarburanti magħmulin mill-iskart, residwi, materjal ċellulożiku mhux tal-ikel, u materjal linjoċellulożiku u alka, kif ukoll pjanti mhux irrigati mkabbrin f'żoni aridi biex tiġi miġġielda d-deżertifikazzjoni, billi jikkunsidraw b'mod debitu l-ispejjeż differenti fil-produzzjoni ta' enerġija minn bijokarburanti tradizzjonali minn naħa waħda u ta' dawn il-bijokarburanti li jagħtu benefiċċji addizzjonali min-naħa l-oħra. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġixxi fir-riċerka u fl-iżvilupp investiment fir-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward ta' dawk it-teknoloġiji u ta' oħrajn tal-enerġija rinnovabbli li jeħtieġu ż-żmien biex isiru kompetittivi.~~

⇩ ġdid

(96) Biex tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tallinjaha mal-aħħar evidenza xjentifika, il-Kummissjoni teħtieġ li tingħata s-setgħa li tadatta l-prinċipji metodoloġiċi u l-valuri neċessarji għall-valutazzjoni ta' jekk il-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ġewx issodisfati u li tiddeċiedi jekk ir-rapporti mressqa mill-Istati Membri u pajjiżi terzi fihomx data preċiża dwar l-emissjonijiet tal-kultivazzjoni tal-materja prima.

🡻 2009/28/KE Premessa 22 (adattat)

(97) Il-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva titlob li l-~~Komunità~~ ⌦Unjoni ⌫ u l-Istati Membri jiddedikaw ammont sinifikanti ta' riżorsi finanzjarji għar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għandu jagħti prijorità kbira lir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli.

🡻 2009/28/KE Premessa 90

(98) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tirrifletti, fejn rilevanti, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għat-Tagħrif, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Tiswir tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali, partikolarment kif implimentata permezz tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali~~[36].

⇩ ġdid

(99) Biex jiġu emendati jew issupplimentati l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, is-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-lista tal-materji prima għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati, li l-kontribut tagħhom lejn l-obbligu tal-fornituri tal-karburant fit-trasport huwa limitat. l-adattament tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport għall-progress xjentifiku u tekniku; il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-bijokarburant li jirriżulta mill-ipproċessar tal-bijomassa bil-karburanti fossili f'proċess komuni; l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar l-għarfien reċiproku tal-garanziji tal-oriġini; l-istabbiliment ta' regoli għall-monitoraġġ tat-tħaddim tas-sistema tal-garanziji tal-oriġini; u r-regoli għall-kalkolu tal-impatt tal-gass b'effett serra tal-bijokarburanti, bijolikwidi u tal-karburant fossili ta' referenza għat-tqabbil magħhom Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

🡻 2009/28/KE Premessa 91 (adattat)
⇨ ġdid

(100) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont ~~id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999~~ ⇨ir-Regolament

[36] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilltat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

(UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011[37] ⇦ ~~li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [38].~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 92

~~B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-prinċipji u l-valuri metodoloġiċi meħtieġa biex ikun valutat jekk il-kriterji ta' sostennibbiltà ġewx sodisfatti fir-rigward tal-bijokarburanti u bijolikwidi, u li tadatta l-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport għall-progress tekniku u xjentifiku, sabiex tistabbilixxi kriterji u mheddedgeografiċi għad-determinazzjoni tal-artijiet tal-ħaxix b'bijodiversità għolja, u biex jistabbilixxu definizzjonijiet dettaljati għal art degradata jew kontaminata serjament. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissuplimentawha b' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom ikunu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 93

~~Dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/77/KE u tad-Direttiva 2003/30/KE li jidħlu fuq id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jitħassru mill-aħħar mument possibbli għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk li għandhom x'jaqsmu ma' miri u rappurtar għall-2010 għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-aħħar tal-2011. Huwa għalhekk meħtieġ li d-Direttiva 2001/77/KE u d-Direttiva 2003/30/KE jkunu emendati kif meħtieġ.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 95

~~L-iskema ta' sostenibbiltà m'għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli jikkunsidraw, fl-iskemi tagħhom ta' appoġġ nazzjonali, l-ispiża ogħla ta' produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi li jagħtu benefiċċji li jeċċedu l-valuri minimi stabbiliti fl-iskema ta' sostenibbiltà.~~

---

🡻 2009/28/KE Premessa 96
(adattat)
⇨ ġdid

(101) Billi l-objettivi ~~ġenerali~~ ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jintlaħaq sehem ta' ~~a 20 %~~ ⇨ mill-inqas 27% ⇦ ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ ~~u sehem ta' 10 % enerġiji minn sorsi rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija għat-trasport f'kull Stat Membru~~sal-~~2020~~ ⇨ 2030 ⇦, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ~~u~~ ⌦ iżda ⌫ ~~għalhekk~~ ⌦ jistgħu ⌫, minħabba fl-iskala tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ l-~~il-Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-

---

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p.13).

[38] ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~

Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

---

↓ 2009/28/KE Premessa 97

~~B'konformità mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Leġislazzjoni Aħjar[39], l-Istati Membri huma mħeġġa li jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess li juru, kemm jista' jkun, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u li jagħmluhom pubbliċi,~~

---

⇩ ġdid

(102) L-obbligu li tiġi trasposta din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula, joħroġ mid-Direttiva preċedenti.

(103) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011 ⇨ [40] ⇦, l-Istati Membri ħadu l-impenn li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni b'wieħed jew aktar mid-dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.

(104) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fil-Parti B tal-Anness XI.

---

↓ 2009/28/KE(adattat) (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett~~,~~ ~~u kamp ta' applikazzjoni~~**

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi ⌦ mira vinkolanti ⌫ ~~mandatorji~~ ~~nazzjonali~~ ⇨ tal-Unjoni⇦ ~~miri~~ għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija ⇨ fl-2030 ⇦ ~~u għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport~~. Hija ⌦ tistabbilixxi wkoll ⌫ regoli ⌦ dwar ⌫ ~~relatati mat-trasferimenti tal-istatistika bejn l-Istati Membri, il-proġetti konġunti~~ ⇨ appoġġ finanazjarju għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli, għall-awtokonsum tal-elettriku rinnovabbli, u għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi tat-tisħin u t-tkessiħ u t-trasport, il-kooperazzjoni reġjonali ⇦ bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, garanziji tal-oriġini, proċeduri amministrattivi~~,~~ ⌦ u ⌫ informazzjoni u taħriġ~~, u aċċess għall-grilja tal-elettriku għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli~~. Hija

---

[39] ~~ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.~~

[40] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ għall-bijokarburanti, u il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦.

---

🡻 2009/28/KE Artikolu 2 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet fid-Direttiva 2003/54/KE 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] japplikaw.

Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll:

(a)"enerġija minn sorsi rinnovabbli" tfisser l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b' mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx ⇨(solari termiċi u solari fotovoltajċi) u ⇦, aerotermika,, ⇨enerġija ġeotermika⇦ idrotermika u ⇨ , sħana ambjentali, marea, mewġ u enerġija oħra⇦ oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-dranaġġ u bijogassijiet;

---

⇩ ġdid

(b) "sħana ambjentali" tfisser enerġija mis-sħana f'livell ta' temperatura siewi li hija estratta jew maqbuda permezz ta' pompi tas-sħana li jeħtieġu l-elettriku jew xi enerġija awżiljarja oħra biex jaħdmu, u li tista' tinħażen fl-arja ambjentali, taħt wiċċ art solida jew f'wiċċ l-ilma. Il-valuri rappurtati għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-istess metodoloġija użata għar-rappurtar tal-enerġija tas-sħana estratta jew maqbuda mill-pompi tas-sħana;

---

🡻 2009/28/KE Artikolu 2 (adattat)
⇨ ġdid

(b) "enerġija aerotermika" tfisser enerġija maħżuna fil-forma ta' sħana fl-arja ambjentali;

(c) "enerġija ġeotermali" tfisser l-enerġija maħżuna fil-forma ta' sħana taħt il-wiċċ ta' art solida;

(d) "enerġija idrotermali" tfisser enerġija maħżuna f'forma ta' sħana f'ilma tal-wiċċ;

(ec)"bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, (inklużi sustanzi veġetali u mill-annimali), l-industrija forestali u industriji relatati inkluż is-sajd u l-akwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' ⇨skart, inkluż ⇦ skart industrijali u muniċipali ⇨ ta' oriġini bijoloġika ⇦ ;

[41] Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

(~~f~~d)“konsum finali gross tal-enerġija” tfisser il-prodotti tal-enerġija mwassla għal għanijiet enerġetiċi lill-industrija, it-trasport, id-djar, is-servizzi inklużi s-servizzi pubbliċi, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, inkluż il-konsum ta’ elettriku u sħana mill-fergħa tal-enerġija għall-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana u inkluż it-telf ta’ elettriku u sħana fid-distribuzzjoni u t-trasmissjoni;

(~~g~~e)“tisħin distrettwali” jew “tkessiħ distrettwali” tfisser id-distribuzzjoni ta’ enerġija termali f’forma ta’ fwar, ilma sħun jew likwidi mkessħin, minn sors ta’ produzzjoni ċentrali permezz ta’ network lill-bini jew siti multipli, għall-użu ta’ tisħin jew tkessiħ ta’ spazju jew proċess;

(~~h~~f)“bijolikwidi” tfisser karburant likwidu għal għanijiet ta’ enerġija minbarra għat-trasport, inklużi l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ, prodott mill-bijomassa;

(~~i~~g)“bijokarburanti” tfisser karburant likwidu ~~jew gassuż~~ għat-trasport prodott mill-bijomassa;

(~~j~~h)“garanzija tal-oriġini” tfisser dokument elettroniku li għandu l-funzjoni unika li jagħti prova lil konsumatur finali li parti jew kwantità speċifikata ta’ enerġija kienet prodotta minn sorsi rinnovabbli ~~kif meħtieġ mill-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE~~;

(~~k~~i)“skema ta’ sostenn” tfisser kull strument, skema jew mekkaniżmu applikat minn Stat Membru jew grupp ta’ Stati Membri, li jippromwovu l-użu ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli billi titnaqqas l-ispiża ta’ dik l-enerġija, b’żieda tal-prezz li bih tista’ tinbiegħ, jew b’żieda, permezz ta’ obbligu ta’ enerġija rinnovabbli jew b’mod ieħor, tal-volum ta’ din l-enerġija mixtrija. Dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat biss għal, l-għajnuna għall-investiment, l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis mit-taxxi, ir-rifużżjonijiet tat-taxxa, l-iskemi ta’ sostenn għall-obbligu ta’ enerġija rinnovabbli, u l-iskemi ta’ sostenn, inklużi dawk li jużaw ċertifikati ekoloġiċi, iżda wkoll l-iskemi diretti ta’ sostenn għall-prezzijiet, inklużi tariffi “feed-in” u ħlasijiet ta’ primjums;

(~~l~~j)“obbligu ta’ enerġija rinnovabbli” tfisser skema ta’ sostenn ~~nazzjonali~~ li tirrikjedi li l-produtturi tal-enerġija jinkludu fil-produzzjoni tagħhom proporzjon speċifikat ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli, li tirrikjedi li l-fornituri ta’ enerġija jinkludu proporzjon speċifikat ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-provvista tagħhom, jew tirrikjedi li l-konsumaturi ta’ enerġija jinkludu fil-konsum tagħhom proporzjon speċifikat ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dan jinkludi skemi li bihom dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu sodisfatti permezz tal-użu ta’ ċertifikati ekoloġiċi;

(~~m~~k)“valur reali” tfisser l-iffrankar ta’ emissjonijiet ta’ gass b’effett serra għall-fażijiet kollha, jew uħud minnhom, ta’ proċess ta’ produzzjoni ta’ bijokarburant speċifiku kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V;

(~~n~~l)“valur tipiku” tfisser stima tal-emissjonijiet~~rappreżentattiv~~ ta’ gass b’effett serra ⌦ u ⌫ l-iffrankar ta’ emissjonijiet għal linja ta’ produzzjoni ta’ bijokarburant⇨, bijolikwidu jew bijokarburant mill-bijomassa ⇦ partikolari⌦, li huwa rappreżentattiv tal-konsum tal-Unjoni⌫;

(~~o~~m)“valur awtomatiku” tfisser valur idderivat minn valur tipiku permezz tal-applikazzjoni ta’ fatturi determinati minn qabel u li jista’, f’ċirkostanzi speċifikati f’din id-Direttiva, jintuża minflok valur reali;

(~~p~~n)"skart" għandha tkun iddefinita bħalma hi ddefinita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~~~[42]~~; sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment biex ikunu skont id-definizzjoni ma jkunux koperti minn din id-definizzjoni;

(~~q~~o)"għelejjel b'kontenut għoli ta' lamtu" tfisser għelejjel li jinkludu prinċipalment ċereali (irrispettivament minn jekk jintużawx biss il-qmuħ jew il-pjanta kollha bħal fil-każ ta' qamħirrun aħdar, tuberi u għelejjel tal-għeruq (bħal patata, artiċokks, patata ħelwa, kassava u jam), u għelejjel corm (bħal taro u cocoyam);

(~~r~~p)"materjal linjoċellulożiku" tfisser materjal magħmul minn linjin, ċelluloża u emiċelluloża bħal bijomassa li joriġinaw minn foresti, għelejjel ta' injam għall-enerġija u residwi u skart ta' industriji li huma bbażati fuq il-foresti;

(~~s~~q)"materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser materja prima prinċipalment magħmula minn ċelluloża u emiċelluloża, u b'kontenut aktar baxx ta' linjin minn materjal linjoċellulożiku; hija tinkludi residwi tal-ikel u tal-għalla tal-ikel (bħal tiben, magħlef, ħlief u qxur), għelejjel tal-enerġija ta' ħaxix b'kontenut baxx ta' lamtu (bħal sikrana, switchgrass, miscanthus, kannamieli kbira u, għelejjel ta' kopertura qabel u wara l-għelejjel ewlenin), residwi industrijali (inklużi minn għelejjel għall-ikel u l-għalf wara li żjut veġetali, zokkrijiet, lamti u proteini jkunu ġew estratti), u materjal mill-bijoskart;

(~~t~~r~~)~~"residwu ~~tal-ipproċessar~~ " tfisser sustanza li mhijiex il-prodott(i) tal-aħħar li proċess ta' produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament; din mhijiex għan primarju tal-proċess ta' produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta biex jipproduċiha;

(~~u~~s)"karburanti rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika" tfisser karburanti likwidi jew gassużi, għajr il-bijokarburanti, li l-kontenut enerġetiku tagħhom joriġina minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għajr il-bijomassa, u li jintużaw fit-trasport;

(~~v~~t)"residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija" tfisser residwi li huma ġenerati direttament mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija; dawn ma jinkludux residwi minn industriji relatati jew minn ipproċessar relatat;

(~~w~~u)'"bijokarburanti u bijolikwidi ta' riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art" tfisser bijokarburanti u bijolikwidi, li l-materja prima tagħhom ġiet prodotta fi skemi li jnaqqsu l-ispostament tal-produzzjoni għal finijiet minbarra dawk ta' produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi u li ġew prodotti f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għal bijokarburanti u bijolikwidi mniżżla fl-Artikolu ~~17~~ 26;.

---

[42] ~~Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).~~

⇩ ġdid

(x) “operatur tas-sistema tad-disrtibuzzjoni” tfisser operatur kif definit bħal fl-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2009/72/KE;

(y) “sħana jew kesħa mormija” tfisser sħana jew kesħa li hija ġġenerata bħala prodott sekondarju fi stallazzjonijiet industrijali jew tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u li tiġi dissipata bla ma tintuża fl-arja jew fl-ilma bla aċċess għal sistema ta’ tisħin jew tkessiħ distrettwali;

(z) “repowering” tfisser it-tiġdid ta’ impjanti tal-qawwa elettrika li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli, inkluż is-sostituzzjoni sħiħa jew parzjali tal-istallazzjonijiet jew is-sistemi u t-tagħmir tal-operazzjoni, sabiex tinbidel il-kapaċità jew tiżdied l-effiċjenza;

(aa) “awtokonsumatur ta’ sorsi rinnovabbli” tfisser konsumatur kif tiddefinixxih id-Direttiva [MDI Directive] li jikkonsma u jista’ jaħżen u jbiegħ l-elettriku minn sorsi rinnovabbli li jiġġenera fil-bini tiegħu, inkluż blokka ta’ għadd ta’ appartamenti, sit kondiviż jew kummerċjali jew sistema ta’ distribuzzjoni magħluqa, sakemm, fil-każ ta’ awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli li mhumiex unitajiet domestiċi, dawk l-attivitajiet ma jikkostitwixxux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom.

(bb) “awtokonsum ta’ sorsi rinnovabbli” tfisser il-ġenerazzjoni u l-konsum, u, fejn applikabbli, il-ħażna, ta’ elettriku minn sorsi rinnovabbli minn konsumaturi ta’ sorsi rinnovabbli;

(cc) “ftehim dwar ix-xiri tal-qawwa elettrika” tfisser kuntratt li bih persuna ġuridika taqbel li tixtri l-elettriku minn sorsi rinnovabbli direttament minn ġeneratur tal-enerġija;

(dd) “għelejjel tal-ikel u l-għalf” tfisser għelejjel rikki fil-lamtu, għelejjel taz-zokkrijiet u żejt prodotti fuq art agrikola bħala għelejjel ewlenin bl-esklużjoni tar-residwi u materjal imwarrab jew linjoċellulożiku;

(ee) “bijokarburanti avvanzati” tfisser biokarburanti li huma prodotti mill-materji prima elenkati fil-Parti A tal-Anness IX;

(ff) “karburanti fossili bbażati fuq l-ilma” tfiser karburanti likwidi u gassużi prodotti minn flussi tal-iskart ta’ oriġini mhix rinnovabbli, inklużi gassijiet mill-ipproċessar tal-iskart u gassijiet tal-egżost;

(gg) “fornitur tal-karburant” tfisser l-entità li tforni l-karburant fis-suq responsabbli għat-tgħoddija tal-karburant jew l-enerġija minn punt ta’ dazju tas-sisa jew, fejn l-ebda sisa mhi dovauta, kwalunkwe entità relevanti oħra maħtura minn Stat Membru;

(hh) “bijomassa agrikola” tfisser bijomassa prodotta mill-agrikoltura;

(ii) “bijomassa tal-foresta” tfisser bijomassa prodotta mill-forestrija;

(jj) “permess tal-ħsad” tfisser dokument uffiċjali li jagħti d-dritt li tinħasad il-bijomassa tal-foresta;

(kk) “SME” tfisser intrapriża mikro, żgħira jew medja kif tiddefinixiha r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[43];

(ll) “riġenerazzjoni tal-foresti” tfisser l-istabbiliment mill-ġdid ta’ art forestata permezz ta’ mezzi naturali jew artifiċjali wara t-tneħħija ta’ art forestata preċedenti bil-qtugħ tas-siġar jew minħabba kawżi naturali, inklużi nar jew maltempata;

(mm) “azjenda forestarja” tfisser medda jew aktar ta’ foresta u art imsaġġra oħra li tikkostitwixxi unità waħdanija mill-punt di vista ta’ mmaniġġjar jew utilizzazzjoni;

(nn) “bijoskart” tfisser skart tal-ġonna jew il-parks, skart tal-ikel u tal-kċina mill-unitajiet domestiċi, ir-ristoranti, il-caterers u l-postijiet tal-bejgħ, u skart simili mill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel;

(oo) “taħlita ta’ enerġija residwali” tfisser it-taħlita tal-enerġija annwali totali għal Stat Membru, eskluża l-parti koperta mill-garanzija tal-oriġini kkanċellati;

(pp) “karburanti tal-bijomassa” tfisser karburanti solidi u gassużi prodotti mill-bijomassa;

(qq) “bijogass” tfisser karburanti gassużi prodotti mill-bijomassa;

(rr) “offerta miftuħa” tfisser proċedura tal-offerti għall-istallazzjoni ta’ impjanti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli organizzata minn Stat Membru u miftuħa għat-tfigħ tal-offerti minn proġetti li jinsabu fi Stat Membru wieħed jew aktar;

(ss) “offerta konġunta” tfisser proċedura tal-offerti għall-istallazzjoni ta’ impjanti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli organizzata minn żewġ Stati Membri jew aktar, li hija miftuħa għal proġetti li jinsabu fl-Istati Membri kollha involuti;

(tt) “skema ta’ ċertifikat miftuħ” tfisser skema ta’ ċertifikati implimentata minn Stat Membru, li hija miftuħa għal installazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membru wieħed jew aktar;

(uu) “strumenti finanzjarji” tfisser strumenti finanzjarji kif jiddefinixxihom ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44].

---

| ➔ 2009/28/EC (adapted) |
|---|

~~*Artikolu 3*~~

~~Miri u miżuri globali nazzjonali mandatorji għall-użu ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli~~

~~1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli, ikkalkulat skont l-Artikoli 5 sa 11, fil-konsum finali gross ta’ enerġija fl-2020 jkun mill-inqas il-mira globali nazzjonali tiegħu għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f’dik is-sena, kif stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. Dawn il-miri globali nazzjonali mandatorji huma konsistenti ma’ mira ta’ sehem ta’ mill-inqas 20 % mill-enerġija minn sorsi~~

[43] Commission Recommendation of 6 May 2003 concerning the definition of micro, small and medium-sized enterprises (OJ L 124, 20.5.2003, p. 36)

[44] Ir-Regolament (UR, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir- the financial rules applicable to the general budget of the Union and repealing Council Regulation (EC, Euratom) No 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

~~rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija tal-Komunità fl-2020. Sabiex il-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod aktar faċli, kull Stat Membru għandu jippromwovi u jinkuraġġixxi l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija.~~

---

🡻 2015/1513 Art. 2.2(a)

~~Għall-fini ta' konformità mal-miri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-kontribut konġunt massimu minn bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn ċereali u minn għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, u minn għelejjel taz-zokkor u taż-żejt u minn għelejjel imkabbra bħala għelejjel ewlenin primarjament għal skopijiet ta' enerġija fuq art agrikola ma għandux ikun aktar mill-kwantità ta' enerġija li tkun tikkorrispondi għall-kontribut massimu kif stabbilit fil-paragrafu 4(d)..~~

---

🡻 2009/28/EC (adapted)

~~2. L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri mfassla b'mod effikaċi biex jiżguraw li s-sehem ta' enerġija mis-sorsi rinnovabbli tkun ugwali għal jew taqbeż dawk murija fit-trajettorja indikattiva stabbilita fil-Parti B tal-Anness I.~~

~~3. Sabiex jintlaħqu l-miri mniżżla fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu, inter alia, japplikaw il-miżuri li ġejjin:~~

~~(a) skemi ta' sostenn;~~

~~(b) miżuri ta' kooperazzjoni bejn Stati Membri differenti u ma' pajjiżi terzi għall-kisba tal-miri globali nazzjonali tagħhom skont l-Artikoli 5 sa 11.~~

~~Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jiddeċiedu skont l-Artikoli 5 sa 11 ta' din id-Direttiva, sa fejn huma jsostnu enerġija minn sorsi rinnovabbli li tkun prodotta fi Stat Membru differenti.~~

~~4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 huwa mill-inqas 10 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru.~~

~~Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:~~

---

🡻 2015/1513 Art. 2.2(b) (adapted)

~~(a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-ammont ta' enerġija totali kkunsmat fit-trasport għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom jitqiesu biss il-petrol, id-diżil il-bijokarburanti kkunsmati fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija, u l-elettriku, inkluż l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew tal-gass ta' oriġini mhux bijoloġika;~~

---

🡻 2009/28/EC
➔1 2015/1513 Art. 2.2(b)

~~(b) għall-kalkolu tan-numeratur, jiġifieri l-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmat fit-trasport għall-għanijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom jitqiesu t-tipi kollha ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli użati fil-forom kollha ta'~~

trasport. ➔1 Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-punt (d) ta' dan il-paragrafu u l-Artikoli 17(1)(a); ➔

---

▼ 2015/1513 Art. 2.2(b)

(c) għall-kalkolu tal-kontribut mill-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli u kkunsmat f'kull tip ta' vettura elettrika u għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew tal-gass ta' oriġini mhux bijoloġika għall-fini tal-punti (a) u (b), l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw il-medja tas-sehem tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Unjoni jew is-sehem tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'pajjiżhom stess kif imkejjel sentejn qabel dik is-sena partikolari. Barra minn hekk, għall-kalkolu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kkunsmat mit-trasport tal-ferrovija bl-elettriku, dak il-konsum għandu jitqies li jkun 2,5 darbiet daqs il-kontenut tal-enerġija tad-dħul tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Għall-kalkolu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kkunsmat minn vetturi elettriċi tat-triq fil-punt (b), dak il-konsum għandu jitqies li jkun ħames darbiet daqs il-kontenut tad-dħul tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli

---

▼ 2015/1513 Art. 2.2(b)

(d) għall-kalkolu ta' bijokarburanti fin-numeratur, is-sehem ta' enerġija minn bijokarburanti prodotti minn ċereali u minn għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, u minn għelejjel taz-zokkor u taż-żejt u minn għelejjel mkabbra bħala għelejjel ewlenin primarjament għal skopijiet ta' enerġija fuq art agrikola ma għandux ikun aktar minn 7 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport fl-Istati Membri fl-2020.

Bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkati fl-Anness IX m' għandhomx jgħoddu mal-limitu stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li s-sehem ta' enerġija minn bijokarburanti prodotti minn għelejjel imkabbra bħala għelejjel ewlenin primarjament għal skopijiet ta' enerġija fuq art agrikola għajr ċereali u għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, għelejjel taz-zokkor u taż-żejt, ma jgħoddx mal-limitu stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, dment li:

(i) il-verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stipulati fl-Artikolu 17(2) sa (5) twettqet f'konformità mal-Artikolu 18; u

(ii) dawn l-għelejjel tkabbru fuq l-art li taqa' taħt il-punt 8 tal-parti C tal-Anness V u l-bonus korrispondenti 'eB' stabbilit fil-punt 7 tal-parti C tal-Anness V ġie inkluż fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, għall-fini li tintwera l-konformità mal-Artikolu 17(2).

(e) kull Stat Membru għandu jfittex li jilħaq l-għan li jkun hemm livell minimu ta' konsum fit-territorju tiegħu ta' bijokarburanti prodotti minn materja prima u ta' karburanti oħra elenkati fil-parti A tal-Anness IX. Għal dak l-għan, sas-6 ta' April 2017, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mira nazzjonali, li għandu jimpenja ruħu li jikseb. Il-valur għal din il-mira huwa ta' 0,5 punti perċentwali f'kontenut assolut ta' enerġija tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 msemmija fl-ewwel subparagrafu, li għandu jkun issodisfat

b'bijokarburanti prodotti minn materja prima, u karburanti oħra elenkati fil-parti A tal-Anness IX. Barra minn hekk, bijokarburanti magħmula minn materja prima mhux elenkati fl-Anness IX li ġew stabbiliti li huma skart, residwi, materjal taċ-ċelluloża mhux tal-ikel u materjal linjoċelluložiku mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u huma użati f'installazzjonijiet eżistenti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45], jistgħu jingħaddu għall-mira nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mira nazzjonali aktar baxxa mill-valur ta' referenza ta' 0,5 punti perċentwali, ibbażata fuq waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

– (i) fatturi oġġettivi bħal potenzjal limitat ta' produzzjoni sostenibbli ta' bijokarburanti minn materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv u ta' karburanti oħra elenkati fil-parti A tal-Anness IX, jew id-disponibilità limitata ta' bijokarburanti bħal dawn fuq il-prezzijiet kosteffiċjenti fis-suq;

– (ii) il-karatteristiċi speċifiċi tekniċi jew klimatiċi tas-suq nazzjonali għall-karburanti għat-trasport, bħall-kompożizzjoni u l-kondizzjoni tal-flotta tal-vetturi tat-triq; or

– (iii) il-politiki nazzjonali jallokaw riżorsi finanzjarji proporzjonati biex iħeġġu l-effiċjenza tal-enerġija u l-użu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport.

Fl-istabbiliment tal-miri nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni disponibbli dwar il-kwantitajiet ta' bijokarburanti kkunsmata minn materja prima u karburanti oħra elenkati fil-parti A tal-Anness IX.

Meta jiġu stabbiliti politiki għall-promozzjoni tal-produzzjoni ta' karburanti minn materja prima elenkati fl-Anness IX, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod dovut il-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, inklużi d-dispożizzjonijiet tagħha rigward il-mentalità li tqis iċ-ċiklu tal-ħajja fuq l-impatti ġenerali tal-ġenerazzjoni u l-ġestjoni ta' flussi ta' skart differenti.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika skont l-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva:

– il-miri nazzjonali tal-Istati Membri,

– fejn disponibbli, il-pjanijiet tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri nazzjonali,

– fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal differenzjazzjoni tal-miri nazzjonali tal-Istati Membri meta mqabbla mal-valur ta' referenza, innotifikata f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2015/1513, u u

– rapport ta' sintesi dwar il-kisbiet tal-Istati Membri lejn il-miri nazzjonali tagħhom;

[45] Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 1).

(f) bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkati fl-Anness IX għandhom jitqiesu bħala d-doppju tal-kontenut enerġetiku tagħhom għall-fini ta' konformità mal-mira stabbilita fl-ewwel subparagrafu.

---

🡻 2015/1513 Art. 2.2(c)

Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha, fejn adatt, tippreżenta proposta li tippermetti, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, l-ammont sħiħ tal-elettriku li joriġina minn sorsi rinnovabbli li jintuża biex jagħti l-enerġija lit-tipi kollha ta' vetturi elettriċi, u għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew tal-gass ta' oriġini mhux bijoloġika li għandhom jiġu kkunsidrati.

---

🡻 2009/28/EC

Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta ta' metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-idroġenu li joriġina minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita totali tal-karburant.

---

🡻 2015/1513 Art. 2.2(d)

5. Bil-ħsieb li jiġi minimizzat ir-riskju li konsenji uniċi jiġu ddikjarati aktar minn darba fl-Unjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex isaħħu l-kooperazzjoni fost is-sistemi nazzjonali u bejn is-sistemi nazzjonali u skemi volontarji stabbiliti skont l-Artikolu 18, inkluż bl-iskambju ta' data fejn adatt. Biex ikunu evitati l-modifika jew ir-rimi intenzjonali tal-materjali sabiex dawn jaqgħu taħt l-Anness IX, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi li jsibu u jintraċċaw materja prima u l-bijokarburanti li jirriżultaw tul il-katina tal-valur kollha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu skoperti l-frodi, tittieħed azzjoni adatta. L-Istati Membri għandhom sal-31 ta' Diċembru 2017, u kull sentejn wara dan, jirrapportaw dwar il-miżuri li jkunu ħadu jekk ma jkunux ipprovdew informazzjoni ekwivalenti dwar l-affidabbiltà u l-protezzjoni kontra l-frodi fir-rapporti tagħhom dwar il-progress fil-promozzjoni u l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli mfassla f'konformità mal-Artikolu 22(1)(d).

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 25a biex temenda l-lista ta' materja prima fil-parti A tal-Anness IX sabiex iżżid materja prima, iżda mhux biex tneħħiha. Il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat separat fir-rigward ta' kull materja prima li għandu jiżdied mal-lista fil-parti A tal-Anness IX. Kull att delegat għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-progress xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, b'kont debitu meħud tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, u li jappoġġa l-konklużjoni li l-materja prima inkwistjoni ma joħloqx domanda addizzjonali għall-art jew effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi, li jipprovdi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbel ma' karburanti fossili, u li ma għandux ir-riskju li joħloq impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità.

⇩ ġdid

*Artikolu 3*
***Mira kumplessiva vinkolanti tal-Unjoni għall-2030***

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li l-parti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 tkun ta' mill-inqas 27%.

2. Il-kontributi rispettivi tal-Istati Membri lejn din il-mira kumplessiva tal-2030 għandhom jiġu ffissati u nnotifikati lill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjanijiet Integrati Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima skont l-Artikoli minn 3 sa 5 u mill-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament [Governance].

3. Mill-1 ta' Jannar 2020 'il quddiem, il-parti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli mill-konsum finali gross tal-enerġija ta' kull Stat Membru ma għandhiex tkun anqas minn dak li jidher fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw l-konformità ma' din il-linja ta' bażi.

4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-ambizzjoni għolja tal-Istati Membri permezz ta' qafas abilitanti li jikkonsisti fl-użu mtejjeb tal-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istrumenti finanzjarji, speċjalment fid-dawl tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-kapital għal proġetti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

5. F'każ li l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Pjanijiet Integrati Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima skont l-Artikolu 25 tar-Regolament [Governance], issib li l-perkors tal-Unjoni mhux jintlaħaq kollettivament jew jekk il-linja ta' bażi msemmija fil-paragrafu 3 ma tinżammx, għandu japplika l-Artikolu 27(4) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 4*
***Appoġġ finanzjarju għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli***

1. Suġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ffissata fl-Artikolu 3(1), l-Istati Membri jistgħu japplikaw għal skemi ta' appoġġ. L-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jitfasslu b'mod li jevita distorzjonijiet bla bżonn tas-swieq tal-elettriku u li jiżgura li l-produtturi jqisu l-provvista u d-domand tal-elettriku kif ukoll il-limiti possibbli tal-grilja.

2. L-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jitfassal b'mod li jintegra l-elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-suq tal-elettriku u jiżgura li l-produtturi tal-enerġija rinnovabbli qed iwieġbu għas-sinjali tal-prezz tas-suq u jimmassimizzaw l-introjti tagħhom mis-suq.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ għall-elettriku rinnovabbli jingħata b'mod miftuħ, trasparenti, kompetittiv, mhux diskriminatorju u kosteffiċjenti.

4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-effettività tal-appoġġ tagħhom għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli tal-anqas darba kull erba' snin. Id-deċiżjonijiet dwar il-kontinwazzjoni jew il-prolongazzjoni tal-appoġġ u t-tfassil ta' appoġġ ġdid għandhom jissejsu fuq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet.

*Artikolu 5*

***Il-ftuħ tal-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku rinnovabbli***

1. L-Istati Membri għandhom jiftħu l-appoġġ għall-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli lil ġeneraturi li jinsabu fi Stati Membri oħra taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ għal tal-anqas 10% tal-kapaċità ġdida appoġġjata f'kull sena mill-2021 sal-2025 u tal-anqas 15% tal-kapaċità ġdida appoġġjata f'kull sena mill-2026 sal-2030 jkun miftuħ għal stallazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri oħrajn.

3. L-iskemi ta' appoġġ jistgħu jinfetħu għall-parteċipazzjoni transkonfinali permezz, fost oħrajn, ta' offerti miftuħa, offerti konġunti, skemi ta' ċertifikati miftuħa jew skemi ta' appoġġ konġunt. L-allokazzjoni tal-elettriku rinnovabbli li jibbenefika minn appoġġ taħt offerti miftuħa, offerti konġunti jew skemi ta' ċertifikati miftuħa lejn kontribuzzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri għandha tkun suġġetta għal ftehim ta' kooperazzjoni li jiffissa r-regoli għar-rimborż tal-fondi transkonfinali, b'segwiment tal-prinċipju li l-enerġija jeħtieġ li tingħadd lejn l-istallazzjoni tal-fondi tal-Istat Membru.

4. Il-Kummissjoni, fl-2025, għandha tivvaluta l-benefiċċji għall-iskjerament kosteffiċjenti tal-elettriku rinnovabbli fl-Unjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu. Abbazi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi li żżid il-perċentwali ffissati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 6*

***L-istabbilità tal-appoġġ finanzjarju***

Bla ħsara għall-adattamenti neċessarji għall-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell tal-appoġġ mogħti lill-proġetti tal-enerġija rinovabbli, u l-kundizzjonijiet mehmuża miegħu, ma jiġux riveduti b'xi mod li jħalli impatti negattivi fuq id-drittijiet mogħtija hemmekk u fuq l-ekonomija tal-proġetti appoġġati.

---

| ↓ 2009/28/EC (adapted) |
|---|

~~*Artikolu 4*~~

~~**Pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli**~~

~~1. Kull Stat Membru għandu jadotta pjan ta' azzjoni għall-enerġija rinnovabbli. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli għandhom jistabbilixxu l-miri nazzjonali tal-Istati Membri għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmat fit-trasport, l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ fl-2020, filwaqt li jitqiesu l-effetti ta' miżuri ta' politika oħra marbuta mal-effiċjenza tal-enerġija fuq il-konsum finali tal-enerġija, u miżuri adegwati li għandhom jittieħdu biex jinkisbu dawk il-miri globali nazzjonali, inklużi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, it-trasferimenti ppjanati tal-istatistika jew il-proġetti konġunti, il-linji politiċi nazzjonali biex ikunu żviluppati riżorsi eżistenti ta' bijomassa u jkunu mmobilizzati riżorsi ġodda ta' bijomassa għal użi differenti, u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex ikunu mwettqa r-rekwiżiti tal-Artikoli 13 sa 19.~~

~~Sat-30 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni għandha tadotta format għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli. Dan il-format għandu jiġbor fih ir-rekwiżiti minimi~~

stabbiliti fl-Anness VI. Fil-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' dan il-format.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għall-enerġija rinnovabbli lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2010.

3. Kull Stat Membru għandu jippubblika u jinnotifika lill-Kummissjoni, sitt xhur qabel ikun previst il-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu, dokument ta' tbassir li jindika:

(a) il-produzzjoni żejda stmata tiegħu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li titqabbel mat-trajettorja indikattiva li tista' tiġi trasferita lil Stati Membri oħra skont l-Artikoli 6 sa 11, kif ukoll il-potenzjal stmat tiegħu għall-proġetti konġunti, sal-2020; u

(b) id-domanda stmata tagħhom għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tkun sodisfatta permezz ta' mezzi oħra minbarra l-produzzjoni domestika sal-2020.

Din l-informazzjoni tista' tinkludi elementi marbuta mal-ispiża u l-benefiċċji u l-finanzjament. Dik il-previżjoni għandha tiġi aġġornata fir-rapporti tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 22(1)(l) u (m).

4. Stat Membru li s-sehem tiegħu tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli waqgħu taħt it-trajettorja indikattiva fil-perijodu immedjatament preċedenti ta' sentejn stipulata fil-Parti B tal-Anness I, għandu jressaq pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli emendat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, fejn jistabbilixxi l-miżuri adegwati u proporzjonati biex jerġa' jidħol, fi skeda ta' żmien raġonevoli, fit-trajettorja indikattiva fil-Parti B tal-Anness I.

Il-Kummissjoni tista', jekk l-Istat Membru ma jkunx laħaq it-trajettorja indikattiva b'marġni limitat, u filwaqt li jitqiesu l-miżuri attwali u futuri meħuda mill-Istat Membru, tadotta deċiżjoni biex tħoll lill-Istat Membru mill-obbligu li jressaq pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli emendat.

5. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-adegwatezza tal-miżuri previsti mill-Istat Membru skont l-Artikolu 3(2). B'risposta għal pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli jew għal pjan ta' azzjoni nazzjonali emendat, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli u d-dokumenti ta' tbassir fil-forma kif saru pubbliċi fuq il-pjattaforma tat-trasparenza kif imsemmi fl-Artikolu 24(2), kif ukoll kull rakkomandazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

---

| |
|---|
| ➔ 2009/28/EC |
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 57*

**Kalkolu tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli**

1. Il-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'kull Stat Membru għandu jkun ikkalkulat bħala s-somma ta':

(a) konsum finali gross ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(b) konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ; u

(c) konsum finali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport.

Gass, elettriku u idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandhom ikunu kkunsidrati darba biss fil-punt (a), (b) jew (c) tal-ewwel paragrafu, biex ikun ikkalkulat is-sehem tal-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Soġġett għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu ~~17~~ 26 (1), il-bijokarburanti, ~~and~~ il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ li ma jissodisfawx il-kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u l-iffrankar fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ stabbiliti fl-Artikolu 26~~17~~(2) sa ~~(6)~~ (7) m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

---

⇩ ġdid

Għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' Stat Membru tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi, kif ukoll mill-karburanti mill-bijomassa kkonsmati fit-trasport, jekk prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, m'għandux jaqbeż is-7% tal-konsum finali tal-enerġija għat-trasport fit-toroq u l-ferroviji f'dak l-Istat Membru. Dan il-limiti għandu jitnaqqas għal 3.8% fl-2030 b'segwiment tal-perkors stipulat fil-parti A tal-Anness X. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu bejn tipi differenti ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, pereżempju billi jiffissaw limitu aktar baxx għall-kontribut mill-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel mill-ikel u l-għalf, b'qies indirett tal-bidla indiretta fl-użu tal-art.

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~2. Meta Stat Membru jqis li minħabba force majeure, jkun impossibbli li jilħaq is-sehem tiegħu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2020 stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Anness 1, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan mill-aktar fis. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar jekk ġiex ippruvat li kien hemm force majeure. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li ġie pruvat każ ta' force majeure, hija, għandha tiddetermina x' aġġustament għandu jsir fil-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-Istat Membru għas-sena 2020.~~

~~3~~2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1(a), il-konsum finali gross ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandu jkun ikkalkulat bħala l-kwantità ta' elettriku prodott fi Stat Membru minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ⇨ inkluż il-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi u komunitajiet tal-enerġija tas-sorsi rinnovabbli u ⇦ bl-esklużjoni tal-produzzjoni ta' elettriku f'unitajiet ta' ppumpjar tal-ħażniet minn ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq.

F'impjanti multi-kombustibbli li jużaw sorsi rinnovabbli u konvenzjonali, il-parti biss tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandha tkun ikkunsidrata. Għall-għanijiet ta' dan il-kalkolu, il-kontribut ta' kull sors ta' enerġija għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut tiegħu ta' enerġija.

L-elettriku ġġenerat bl-idroenerġija u bl-enerġija mir-riħ għandu jkun ikkunsidrat skont ir-regoli ta’ normalizzazzjoni stabbiliti fl-Anness II.

~~4~~3. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1(b), il-konsum finali gross ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ għandu jkun ikkalkulat bħala l-kwantità ta’ tisħin u tkessiħ distrettwali prodotta fi Stat Membru minn sorsi rinnovabbli, miżjuda bil-konsum ta’ enerġija oħra minn sorsi rinnovabbli fl-industrija, fid-djar, fis-servizzi, fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd għal finijiet ta’ tisħin, tkessiħ u ta’ pproċessar.

F’impjanti multi-kombustibbli li jużaw sorsi rinnovabbli u konvenzjonali, għandha tkun ikkunsidrata biss il-parti tat-tisħin u t-tkessiħ prodotta minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli. Għall-għanijiet ta’ dan il-kalkolu, il-kontribut ta’ kull sors ta’ enerġija għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut tiegħu ta’ enerġija.

⇨ L-enerġija termali ambjentali ⇦ ~~aerotermika, ġeotermali u idrotermali~~ maqbuda minn pompi tas-sħana għandha titqies għall-iskopijiet tal-pargrafu 1(b) bil-kondizzjoni li l-output finali tal-enerġija jisboq sew l-input ta’ energija primarja meħtieġ biex jitħaddmu l-pompi tat-tisħin. Il-kwantita’ ta’ sħana li għandha tiġi meqjusa bħala enerġija minn sorsi rinovabbli għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva għandu jiġi kkalkulat skont il-metodoloġija stabblilita fl-Anness VII.

L-enerġija termali ġġenerata minn sistemi ta’ enerġija passiva, li taħthom jinkiseb passivament konsum inqas ta’ enerġija permezz tad-disinn tal-bini jew minn sħana ġġenerata minn enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli, m’għandhiex tkun ikkunsidrata għall-għanijiet tal-paragrafu 1(b).

---

⇩ ġdid

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(c), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport għandu jiġi kkakulat bħala s-somma tal-bijokarburanti, il-karburanti mill-bijomassa u l-karburanti rinnovabbli tat-trasport likwidi u gassużi ta’ oriġini mhix bijoloġika kollha kkonsmati mis-settur tat-trasport. Madankollu, il-karburanti rinnovabbli tat-trasport likwidi u gassużi ta’ oriġini mhix bijoloġika li huma prodotti mill-elettriku rinnovabbli għandhom jitqiesu biss bħala parti mill-kalkolu skont il-paragrafu 1(a) meta tiġi kkalkulata l-kwantità tal-elettriku prodott fi Stat Membru mis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

(b) Għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija fit-trasport, għandhom jintużaw il-valuri li jirrigwardjaw il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport, kif jistipula l-Anness III. Għad-determinazzjoni tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport mhux inklużi fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom jużaw l-istandards rispettivi tal-ESO għad-determinazzjoni tal-valuri kalorifiċi tal-karburanti. Fejn l-ebda standard tal-ESO ma ġie adottat għal dan il-għan, għandhom jintużaw l-istandards rispettivi tal-ISO.

5. Bil-ħsieb li jiġi minimizzat ir-riskju li konsenji uniċi jiġu ddikjarati aktar minn darba fl-Unjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fost is-sistemi nazzjonali u bejn is-sistemi nazzjonali u skemi volontarji stabbiliti skont l-Artikolu 27, inkluż bl-iskambju ta' data fejn adatt.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-lista ta' materja prima fil-partijiet A u B tal-Anness IX sabiex iżżid materja prima, iżda mhux biex tneħħiha. Kull att delegat għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-progress xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, b'kont debitu meħud tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, b'mod konformi mal-kriterji tas-sostennibilità tal-Unjoni, u li jappoġġa l-konklużjoni li l-materja prima inkwistjoni ma toħloqx domanda addizzjonali għall-art u tħeġġeġ l-użu tal-iskart u r-residwi filwaqt li tevita effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi, li tipprovdi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla ma' karburanti fossili, u li ma toħloqx impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità.

Kull sentejn (2), il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-lista ta' materji prima fil-partijiet A u B tal-Anness IX ħalli żżid, il-materji prima, b'konformità mal-prinċipji ffissati f'dan il-paragrafu. L-ewwel valutazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara [date of entry into force of this Directive]. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati biex temenda l-lista ta' materji prima fil-partiijet A u B tal-Anness IX sabiex iżżid materji prima, iżda mhux biex tneħħihom.

---

| ↓ 2015/1513 Art. 2.3 (adattat) |
|---|

~~5~~6. Il-Kummissjoni ~~għandha~~⌦ ⌫tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu ~~25a~~ 32 25a fir-rigward tal-adattament tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti għat-trasport kif stabbilit fl-Anness III, għall-progress xjentifiku u tekniku

---

| ↓ 2009/28/KE (adattat) |
|---|

~~6~~7. Is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu jkun ikkalkulat bħala l-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli diviż bil-konsum finali gross ta' enerġija mis-sorsi kollha ta' enerġija, mogħti bħala perċentwali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, is-somma msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi aġġustata skont l-Artikoli~~6, 8, 10 u 11~~ 8, 10, 12 u 13 .

Meta jsir il-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru għall-iskop li titkejjel il-konformità tiegħu mal-miri u t-trajettorja indikattiva stabbilita f'din id-Direttiva, il-kwantità ta' enerġija kkunsmata fl-avjazzjoni għandha, bħala proporzjon tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' dak l-Istat Membru, titqies li mhijiex aktar minn 6,18 %. Fil-każ ta' Ċipru u Malta, l-ammont ta' enerġija ikkonsmata fl-avjazzjoni għandha, bħala proporzjon tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' dawk l-Istati Membri, jiġi kkunsidrat li m'huwiex aktar minn 4,12 %.

~~7~~8. Il-metodoloġija u d-definizzjonijiet użati fil-kalkolu tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandhom ikunu dawk tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija~~~~[46]~~.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koerenza tal-informazzjoni statistika użata fil-kalkolu ta' dawk l-ishma settorjali u globali u l-informazzjoni statistika rappurtata lill-Kummissjoni taħt ir-Regolament dwar l-Istatistika tal-Enerġija (KE) Nru 1099/2008.

---

46 ~~ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.~~

*Artikolu ~~6~~8*

**Trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri**

---

| ⬇ 2015/1513 Art. 2.4 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

1. L-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar ~~u jistgħu jagħmlu arranġamenti għat-~~trasferiment statistiku ta' ammont speċifikat ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha:

(a) titnaqqas mill-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kejl ⇨ tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-⇦ ~~tal-konformità mill-~~ Istat Membru li jwettaq it-trasferimen ⇨ għall-finijiet ta' din id-Direttiva ⇦ ~~mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1), (2) u (4)~~; u

(b) tiżdied mal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kejl ~~konformità minn Stat Membru ieħor~~ ⇨ tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru ⇦ li jaċċetta t-trasferiment ~~mar-rekwiżiti tal-Artikolu3(1), (2) u (4)~~ ⇨ għall-finijiet ta' din id-Direttiva⇦.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 ~~ta' dan l-Artikolu~~ ~~fir-rigward tal-Artikolu 3(1), (2) u (4)~~ jista' jkollhom durata ta' sena waħda jew aktar. Dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ~~tliet xhur~~ ⇨ 12 ⇦ wara t-tmiem ta' kull sena li fiha jkollhom effett. It-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni għandu jinkludi l-kwantità u l-prezz tal-enerġija involuta.

---

| ⬇ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

3. It-trasferimenti għandhom isiru effettivi biss wara li kull Stat Membru involut fit-trasferiment ikun innotifika t-trasferiment lill-Kummissjoni.

*Artikolu ~~7~~9*

**Proġetti konġunti bejn l-Istati Membri**

1. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jikkooperaw għal kull tip ta' proġetti konġunti marbuta mal-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin jew it-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dik il-kooperazzjoni tista' tinvolvi operaturi privati.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli prodott minn kwalunkwe proġett konġunt fit-territorju tagħhom, li beda jaħdem wara 25 ta' Ġunju 2009, jew mill-kapaċità miżjuda ta' impjantli ġie renovat wara dik id-data, li għandu jkun ikkunsidrat bħala li jgħodd ~~għall-mira globali~~ ⇨ għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli nazzjonali kumplessiv ⇦ ta' Stat Membru ieħor għall-finijiet ~~tal-kejl tal-konformità mar-rekwiżiti~~ta' din id-Direttiva.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha:

(a) tiddeskrivi l-impjant propost jew tidentifika l-impjant rinnovat;

(b) tispeċifika l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott mill-impjant li għandu jitqies bħala li jgħodd ~~għall-mira globali~~ ⇨ għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli nazzjonali kumplessiv ⇦ ta' Stat Membru ieħor;

(c) tidentifika l-Istat Membru li qed jibbenefika min-notifika; u

(d) tispeċifika l-perijodu, f'sena kalendarja sħiħa, li matulha l-elettriku jew it-tisħin jew it-tkessiħ prodott mill-impjant minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandu jitqies bħala li jgħodd ~~għall-mira globali~~ ⇨ għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli nazzjonali kumplessiv ⇦ ta' Stat Membru ieħo.

4. ~~Il-perijodu speċifikat taħt il-punt (d) tal-paragrafu 3 m'għandux jestendi lil hinn mill-2020.~~ It-terminu ta' proġett konġunt jista' jestendi lil hinn mill-~~2020~~ ⇨ 2030 ⇦ .

5. Notifika li ssir skont dan l-Artikolu m'għandhiex tinbidel jew tiġi rtirata mingħajr il-qbil konġunt tal-Istat Membru li jagħmel in-notifika u l-Istat Membru identifikat taħt il-punt (c) tal-paragrafu 3.

*Artikolu ~~8~~10*

**Effetti tal-proġetti konġunti bejn l-Istati Membri**

1. Fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull sena li taqa' fil-perijodu speċifikat fil-punt (d) tal-Artikolu ~~7~~ 9 (3)(d), l-Istat Membru li jkun għamel in-notifika skont l-Artikolu~~7~~9 għandu joħroġ ittra ta' notifika li tiddikjara:

(a) l-ammont totali ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott matul is-sena minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-impjant li kien is-suġġett tan-notifika skont l-Artikolu ~~7~~ 9; u

(b) l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott matul is-sena minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli minn dak l-impjant li tgħodd ~~għall-mira globali~~ ⇨ għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli nazzjonali kumplessiv ⇦ ta' Stat Membru ieħor skont it-termini tan-notifika.

2. L-Istat Membru li jinnotifika għandu jibgħat l-ittra ta' notifika lill-Istat Membru li jibbenefika min-notifika u lill-Kummissjoni.

3. Għall-finijiet ~~tal-kejl tal-konformità mar-rekwiżiti~~ ta' din id-Direttiva~~dwar miri nazzjonali globali~~, l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli nnotifikat skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu:

(a) jitnaqqas mill-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat, fil-kejl ~~tal-konformità tal-~~ ⇨tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-⇦ Istat Membru li joħroġ l-ittra ta' notifika skont il-paragrafu 1; u

(b) itnaqqas mill-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat~~,~~ fil-kejl ~~tal-konformità tal-~~ ⇨tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-⇦ ~~tal-konformità tal-~~Istat Membru li joħroġ l-ittra ta' notifika skont il-paragrafu 1.

*Artikolu ~~9~~ 11*

**Proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi**

1. Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jikkooperaw ma' pajjiż terz jew aktar dwar kull tip ta' proġetti konġunti rigward il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Din il-kooperazzjoni tista' tinvolvi operaturi privati.

2. L-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'pajjiż terz għandu jkun ikkunsidrat biss għall-finijiet ta' kejl ~~tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva f'dak li jirrigwarda l-objettivi nazzjonali kollha~~ ⇨ tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri ⇦jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-elettriku jiġi kkunsmat ~~fil-Komunità~~ ⌦fl-Unjoni. Dan ⌫ ir-rekwiżit ~~li~~ jiġi kkunsidrat li ġie ssodisfatt fejn:

(i) ammont ekwivalenti ta' elettriku għall-elettriku kkunsidrat ġie nnominat b'mod deċiż għall-kapaċità ta' interkonnessjoni allokata mill-Operaturi tas-Sistema ta' Trasmissjoni fil-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni u, jekk rilevanti, kull pajjiż terz ta' tranżitu;

(ii) mmont ekwivalenti ta' elettriku għall-elettriku kkunsidrat ġie rreġistrat b'mod deċiż fl-iskeda ta' bilanċ mill-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni min-naħa ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ ta' interkonnettur; u

(ii) il-kapaċità nominata u l-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz tal-installazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(b) għall-istess perijodu ta' żmien;

(b) l-elettriku jiġi prodott minn impjant li għadu kif inbena li sar operattiv wara 25 ta' Ġunju 2009* jew permezz taż-żieda fil-kapaċità ta' impjant li ġie rinnovat wara dik id-data, taħt proġett konġunt kif imsemmi fil-paragrafu 1; u

(c) l-ammont ta' elettriku prodott u esportat ma rċeviex appoġġ minn skema ta' appoġġ ta' pajjiż terz minbarra għajnuna għall-investiment li ngħatat lill-impjant.

3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw lill-Kummissjoni, għall-finijiet tal-Artikolu ~~5~~7, sabiex jittieħed kont tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u kkunsmati minn pajjiż terz, fil-kuntest tal-bini ta' interkonnettur b'tul ta' żmien twil ħafna bejn l-Istat Membru u pajjiż terz jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni tal-interkonnettur bdiet sal-31 ta' Diċembru ⇨ 2026 ⇦ ~~2016~~;

(b) m'għandux ikun possibbli li l-interkonnettur isir operattiv sal-31 ta' Diċembru ⇨ 2030 ⇦ ~~2020~~;

(c) għandu jkun possibbli li l-interkonnettur isir operattiv sal-31 ta' Diċembru ⇨ 2032 ⇦ ~~2022~~;

(d) wara li jibda jopera, l-interkonnettur ser jintuża għall-esportazzjoni lejn ~~il-Komunità~~ ⌦l-Unjoni ⌫,skont il-paragrafu 2, tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(e) l-applikazzjoni tirrigwarda proġett konġunt li jissodisfa l-kriterji fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2 u li ser juża l-interkonnettur wara li jibda jaħdem, u għal kwantità ta' elettriku li ma tkunx aktar mill-kwantità li ser tiġi esportata~~fil-Komunità~~ ⌦fl-Unjoni ⌫ wara li l-interkonnettur jibda jaħdem.

4. Il-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku prodott minn kwalukwe impjant fit-territorju ta' pajjiż terz, li għandu jiġi meqjus bħala li jgħodd ~~għall-mira globali~~ ⇨għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli nazzjonali kumplessiv ⇦ ta' Stat Membru wieħed jew aktar għall-għanijiet ⇨ ta' din id-Direttiva ⇦ ~~tal-kejl tal-konformità mal-Artikolu 3~~, għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni. Meta aktar minn Stat Membru wieħed huwa kkonċernat, id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri ta' dan il-proprzjon jew l-ammont għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni. Dak il-proporzjon jew l-ammont m'għandux jaqbeż il-proporzjon jew l-ammont verament esportat lejn u kkonsumat ~~fil-Komunità~~ ⌦fl-Unjoni⌫, li jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 2(a)(i) u (iii) ta' dan l-Artikolu u li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (2)(a) tiegħu. In-notifika għandha ssir minn kull Stat Membru lil dawk li l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku għandu jgħodd għall-objettiv globali nazzjonali tiegħu.

5. In-notifika msemmija fil-paragrafu 4 għandha:

(a) tiddeskrivi l-impjant propost jew tidentifika l-impjant rinnovat;

(b) tispeċifika l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku prodott mill-impjant li għandu jitqies bħala li jgħodd ~~għall-mira nazzjonali~~ ⇨ għas-sehem nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli ⇦ta' Stat Membru kif ukoll, soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, l-arranġamenti finanzjarji ekwivalenti;

(c) tispeċifika l-perijodu, fi snin kalendarji sħaħ, li matulu l-elettriku għandu jitqies bħala li jgħodd~~għall-mira ġenerali nazzjonali~~ ⇨ għas-sehem ġenerali nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli ⇦ tal-Istat Membru; u

(d) tinkludi dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-għarfien tal-punti (b) u (c) minn pajjiż terz li fit-territorju tiegħu għandu jibda' jaħdem l-impjant u l-proporzjoni jew ammont ta' elettriku prodott mill-impjant li ser ikun għall-użu domestiku minn dak il-pajjiż terz.

6. ~~Il-perijodu speċifikat taħt il-punt (c) tal-paragrafu 5 ma jistax jestendi lil hinn mill-2020.~~ It-terminu ta' proġett konġunt jista' jestendi lil hinn mill-~~2020~~ ⇨ 2030 ⇦ .

7. Notifika li ssir taħt dan l-Artikolu ma tistax tinbidel jew tiġi rtirata mingħajr il-qbil konġunt tal-Istat Membru li jagħmel in-notifika u l-Istat terz li rrikonoxxa l-proġett konġunt skont il-punt (d) tal-paragrafu 5.

8. -Istati Membri u l-~~Komunità~~ ⌦Unjoni ⌫għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi rilevanti tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija biex, skont it-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija, jieħdu miżuri meħtieġa sabiex il-partijiet kontraenti fit-trattat ikunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni stabbiliti f'din fid-Direttiva bejn l-Istati Membri.

*Artikolu ~~10~~12*

**Effetti tal-proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi**

1. Fi żmien⇨ 12 ⇦ ~~3 xhur~~ mit-tmiem ta' kull sena li taqa' fil-perijodu speċifikat taħt l-Artikolu ~~9~~ 11 (5)(c), l-Istat Membru li jkun għamel in-notifika skont l-Artikolu ~~9~~ 11 għandu joħroġ ittra ta' notifika li tiddikjara:

(a) l-ammont totali ta' elettriku prodott matul dik is-sena minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-impjant li kien is-suġġett tan-notifika skont l-Artikolu ~~9~~ 11;

(b) l-ammont ta' elettriku prodott matul is-sena minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli minn dak l-impjant li jgħodd ~~għall-mira globali nazzjonali~~ ⇨ għas-sehem ġenerali nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli ⇦ skont it-termini tan-notifika skont l-Artikolu ~~9~~ 11 ; u

prova ta' konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ~~9~~ 11 (2).

2. L-Istat Membru għandu jibgħat l-ittra ta' notifika lill-pajjiż terz li jkun irrikonoxxa l-proġett skont l-Artikolu ~~9~~ 11 (5)(d) u lill-Kummissjoni.

3. Għall-finijiet tal-~~kejl tal-konformità tal-objettiv mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva dwar~~ ⇨ kalkolu tal-ishma⇦ nazzjonali globali ⇨ tal-enerġija rinnovabbli skont din id-Direttiva ⇦ ~~il-miri globali nazzjonali~~, tl-ammont ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli nnotifikat skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jiġi miżjud mal-ammont tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jitqies, fil-kejl ⇨ tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli tal-⇦ ~~tal-konformità mill-~~ Istat Membru li joħroġ l-ittra ta' notifika.

*Artikolu ~~11~~13*

**Skemi konġunti ta' appoġġ**

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri taħt l-Artikolu ~~3~~ 5, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi volontarja, biex jgħaqqdu jew jikkoordinaw parzjalment l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom. F'tali każijiet, ċertu ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli prodott fit-territorju ta' Stat Membru parteċipanti wieħed jista' jgħodd ~~għall-mira globali nazzjonali~~ ⇨ għas-sehem globali nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli ⇦ta' Stat Membru parteċipanti ieħor jekk l-Istati Membri kkonċernati:

(a) jagħmlu trasferiment statistiku tal-ammonti speċifikati tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor skont l-Artikolu ~~6~~ 8; jew

(b) jistabbilixxu regola tad-distribuzzjoni miftehma mill-Istati Membri parteċipanti li talloka ammonti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw. Tali regola għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem tal-ewwel sena li fiha tidħol fis-seħħ.

2. Fi żmien 3 xhur mit-tmiem ta' kull sena kull Stat Membru li jkun għamel notifika taħt l-paragrafu 1(b) għandu joħroġ ittra ta' notifika li tiddikjara l-ammont totali ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli prodotta matul is-sena li għandha tkun is-suġġett tar-regola ta' distribuzzjoni.

3. Għall-finijiet tal- ~~kejl tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva dwar~~ ⇨ kalkolu tal-ishma⇦ nazzjonali globali ⇨tal-enerġija rinnovabbli skont din id-Direttiva ⇦ ~~miri globali nazzjonali~~, l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli

nnotifikat skont il-paragrafu 2 għandu jiġi allokat mill-ġdid bejn l-Istati Membri konċernati skont ir-regola ta' distribuzzjoni nnotifikata.

*Artikolu ~~12~~14*

**Żidiet fil-kapaċità**

Għall-fini tal-Artikolu ~~7~~ 9 (2) u l-Artikolu ~~9~~ 11 (2)(b), unitajiet ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli attribwibbli għal żieda fil-kapaċità ta' impjant għandhom ikunu ttrattati daqs li kieku kienu prodotti minn impjant separat li sar operattiv fil-mument li fih seħħet iż-żieda fil-kapaċità.

---

| ➔ 2009/28/KE (adattat) |
|---|

*Artikolu ~~13~~15*

**Proċeduri amministrattivi, regolamenti u kodiċijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal impjanti u trasmissjoni assoċjata u infrastrutturi tan-netwerk tad-distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u għall-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti jew prodotti tal-enerġija oħra, jkunu proporzjonati u meħtieġa.

L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu l-passi adatti biex jiżguraw li:

~~(a) soġġett għal differenzi bejn l-Istati Membri fl-istrutturi amministrattivi u organizzattivi tagħhom, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-korpi amministrattivi nazzjonali, reġjonali u lokali għal proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar inkluż l-ippjanar ġeografiku huma kkoordinati u definiti b'mod ċar, bi skedi ta' żmien trasparenti biex jiġu ddeterminati applikazzjonijiet għall-ippjanar u l-bini;~~

~~(b) tagħrif komprensiv dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar għall-impjanti ta' enerġija rinnovabbli u dwar l-għajnuna disponibbli għall-applikanti jsiru disponibbli fil-livell xieraq;~~

(a) ~~(c)~~ il-proċeduri amministrattivi huma simplifikati u mgħaġġla fil-livell amministrattiv xieraq;

(b) ~~(d)~~ir-regoli li jirregolaw l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ikunu oġġettivi, trasparenti, proporzjonali, ma jiddiskriminawx bejn l-applikanti u jikkunsidraw bis-sħiħ il-partikolaritajiet ta' teknoloġiji individwali ta' enerġija rinnovabbli;

(c) ~~(e)~~ it-tariffi amministrattivi mħallsa minn konsumaturi, pjanifikaturi, periti, bennejja u installaturi u fornituri ta' tagħmir u sistemi huma trasparenti u relatati mal-ispiża; u

(d) ~~(f)~~ jiġu stabbiliti proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u inqas impenjattivi, anke permezz ta' notifikazzjoni ssempliċi jekk tiġi permessa mill-qafas regolatorju

applikabbli, ~~għal proġetti iżgħar u~~ għal strumenti deċentralizzati għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli~~, fejn xieraq~~.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar kull speċifikazzjoni teknika li għandha tiġi sodisfatta minn tagħmir u sistemi ta' enerġija rinnovabbli biex jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn. Fejn jeżistu standards Ewropej, inklużi eko-tikketti, tikketti tal-enerġija u sistemi oħra ta' referenza teknika stabbiliti minn korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej, dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu espressi skont dawk l-istandards. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi m'għandhomx jippreskrivu fejn it-tagħmir u s-sistemi għandhom jiġu ċċertifikati u m'għandhomx jimpedixxu l-funzjonament tas-suq intern.

---

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investituri għandhom biżżejjed previdibbiltà tal-appoġġ ippjanat għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u jippubblikaw skeda fuq medda twila ta' żmien b'relazzjoni mal-allokkazzjoni mistennija tal-appoġġ, li tkopri tal-anqas it-tliet snin li jkun imiss u li tinkludi għal kull skema t-tqassim taż-żmien indikattiv, il-kapaċità, il-baġit li mistenni li jiġi allokat, kif ukoll konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar it-tfassil tal-appoġġ.

---

🡻 2009/28/KE Artikolu 13 (adattat)
⇨ ġdid

~~4~~3. L-Istati Membri għandhom ~~jirrakkomandaw lill-atturi kollha, b'mod partikolari l-korpi amministrattivi lokali u reġjonali biex jiżguraw li jiġu installati tagħmir u sistemi għall-użu ta' elettriku, tisħin u tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għal tisħin u tkessiħ distrettwali~~ ⇨ jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jinkludu dispożizzjonijiet għall-integrazzjoni u l-iskjerament tal-enerġija rinnovabbli u l-użu ta' sħana u kesħa mormija li ma jistgħux jiġu evitati⇦ fl-ippjanar, id-diżinjar, il-bini u r-renovazzjoni ta' ⇨ infrastrutturi urbani, ⇦ żoni industrijali jew residenzjali ⇨ u fl-infrastruttura tal-enerġija, inklużi n-netwerks tal-elettriku, tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, tal-gass naturali u tal-karburanti alternattivi⇦. ~~L-Istati Membri għandhom, b'mod partikulari, jinkoraġġixxu korpi amministrattivi lokali u reġjonali biex jinkludu t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-ippjanar tal-infrastruttura ta' belt, fejn xieraq.~~

~~5~~4. L-Istati Membri għandhom jintroduċu fir-regolamenti u l-kodiċi tal-bini miżuri xierqa sabiex tiżdied id-distribuzzjoni ta' kull tip ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini.

Fl-istabbiliment ta' dawn il-miżuri, jew fl-skemi tal-appoġġ ~~reġjonali~~ tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw miżuri nazzjonali relatati ma żidiet sostanzjali fl-effiċjenza tal-enerġija u relatati mal-koġenerazzjoni u ma' bini b'enerġija passiva, b'ammont ta' enerġija baxxa jew dawk b'ammont ta' enerġija żero.

~~Sal-31 ta' Diċembru 2014,~~ l-Istati Membri għandhom, fir-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom jew b'mezzi oħra b'effett ekwivalenti, ~~fejn xieraq ,~~ eħtieġu l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-bini ġdid u fil-bini eżistenti li huwa soġġett għal rinnovazzjoni estensiva⇨, b'riflessjoni tar-riżultati tal-kalkolu kostottimali li sar skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/31/UE. ⇦ L-Istati Membri għandhom jippermettu li dawk il-

livelli minimi jiġu ssodisfatti inter alia, ~~permezz ta' tisħin u tkessiħ distrettwali prodott~~ bl-użu ta' proporzjon sinifikani ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Ir-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-forzi armati, biss safejn l-applikazzjoni tagħha ma tikkawżax konflitt man-natura u l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-forzi armati u bl-eċċezzjoni ta' materjal użat b'mod esklussiv għal finijiet militari.

6~~5~~. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bini pubbliku ġdid, u l-bini pubbliku eżistenti li huwa soġġett għal rinnovazzjoni estensiva, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokal jiżvolġu rwol eżemplari fil-kuntest ta' din id-Direttiva mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem. L-Istati Membri jistgħu, inter alia, jagħtu permess li dan l-obbligu jiġi ssodisfatt ~~billi jikkonformaw mal-istandards ta' djar b'enerġija żero, jew~~ billi jipprovdu li l-bjut ta' bini pubbliku jew bini kemm tal-pubbliku kif ukoll privat jiġu użati minn partijiet terzi għall-impjanti li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli.

7~~6~~. Fir-rigward tar-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu ta' sistemi u tagħmir għat-tisħin u t-tkessiħ b'enerġija rinnovabbli li jiksbu tnaqqis sinifikanti ta' konsum ta' enerġija. L-Istati Membri għandhom jużaw tikketti tal-enerġija jew eko-tikketti jew ċertifikati jew standards oħra xierqa żviluppati fil-livell nazzjonali jew~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ fejn dawn jeżistu, bħala l-bażi biex jinkoraġġixxu dawn is-sistemi u tagħmir.

~~Fil-każ tal-bijomassa, l-Istati Membri għandhom jippromwovu teknoloġiji ta' konverżjoni li jiksbu effiċjenza ta' konverżjoni ta' mhux inqas minn 85 % għal applikazzjonijiet residenzjali u kummerċjali u mhux inqas minn 70 % għal applikazzjonijiet industrijali.~~

~~Fil-każ tal-pompi tas-sħana, l-Istati Membri għandhom jippromwovu dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tal-ekotikkettar stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/742/KE tad-9 ta' Novembru 2007li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass[47].~~

~~Fil-każ tal-enerġija termali solari, l-Istati Membri għandhom jippromwovu tagħmir u sistemi ċċertifikati bbażati fuq standards Ewropej, fejn dawn jeżistu, inkluż eko-tikketti, tikketti tal-enerġija u sistemi ta' referenza tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej.~~

~~Fil-valutazzjoni tal-effiċjenza ta' konverżjoni u tal-proporzjon ta' dħul/ħruġ ta' sistemi u tagħmir għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jużaw proċeduri Komunitarji jew, fin-nuqqas tagħhom, proċeduri internazzjonali jekk tali proċeduri jeżistu.~~

---

⇩ ġdid

8. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzojni tal-potenzjal tagħhom ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija għat-tisħin u t-tkessiħ. Dik il-valutazzjoni għandha tiġi inkluża fit-tieni valutazzjoni komprensiva meħtieġa skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2020 u fl-aġġornamenti tal-valutazzjonijiet komprensivi wara dan.

47 ~~ĠU L 301, 20.11.2007, p. 14.~~

9. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli amminstrattivi għall-ftehimiet ta' xiri korporattiv fuq medda twila ta' żmien għall-finanzjament tas-sorsi rinnovabbli u jiffaċiltaw l-adozzjoni tagħhom.

*Artikolu 16*

***L-organizzazzjoni u t-tul ta' żmien tal-proċess tal-għoti tal-permess***

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom iwaqqfu punt ta' kuntatt amministrattivi singulari wieħed jew aktar li jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi kollu kemm hu għall-applikanti tal-permessi biex jinbnew u jitħaddmu impjanti u infrastrutturi tan-netwerks tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni assoċjata għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

2. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari għandu jiggwida lill-applikant tul il-proċess tal-applikazzjoni b'mod trasparenti, jipprovdi lill-applikant bl-informazzjoni neċessarja kollha, jikkoordina u jinvolvi, fejn jixraq, awtoritajiet oħra, u jagħti deċiżjoni vinkolanti bil-liġi ma' tmiem il-proċess.

3. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari, b'kollaborazzjoni mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, għandu jippubblika manwal tal-proċeduri għall-iżviluppaturi tal-proġetti tar-rinnovabbli, inklużi proġetti fuq skala żgħir u proġetti tar-rinnovabbli minn awtokonsumaturi.

4. Il-proċess li jagħti l-permess imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż it-tliet snin, ħlief fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 16(5) u l-Artikolu 17.

5. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-repowering ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli eżistenti, inter alia, bl-iżgurar ta' proċess tal-għoti tal-permess simplifikat u bla dewmien, li ma għandux jaqbeż is-sena mid-data li fiha r-rikjesta għar-repowering tkun tressqet għand il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari.

*Artikolu 17*

***Proċeduri ta' notifika sempliċi***

1. Il-proġetti ta' demostrazzjoni u l-istallazzjonijiet b'kapaċità tal-elettriku ta' anqas minn 50 kW għandhom jitħallew jitqabbdu mal-grilja wara notifika lill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni.

2. Ir-repowering għandu jitħalla wara notifika lill-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari stabbilit skontl-Artikolu 16, fejn l-ebda impatt ambjentali jew soċjali negattiv sinifikanti mhu mistenni. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari għandu jiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta tassallu n-notifika jekk din hix suffiċjenti.

Meta il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari jiddeċiedi li n-notifika hija suffiċjenti, dan għandu awtomatikament joħroġ il-permess.

Meta il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari jiddeċiedi li n-notifika mhix suffiċjenti, ikun meħtieġ li ssir applikazzjoni għal permess ġdid. F'dan il-każ japplikaw il-limiti taż-żmien imsemmija fl-Artikolu 16(5).

| ➔ 2009/28/KE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Article ~~14~~18*

***Informazzjoni u taħriġ***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar miżuri ta' sostenn issir disponibbli għall-atturi relevanti kollha, fosthom għall-konsumaturi, il-bennejja, l-installaturi, il-periti u l-fornituri ta' tagħmir u sistemi tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-elettriku u għall-vetturi kompatibbli mal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar il-benefiċċji netti, l-ispiża u l-effiċjenza tal-enerġija ta' tagħmir u sistemi għall-użu ta' tisħin, tkessiħ u elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ssir disponibbli jew mill-fornitur tat-tagħmir jew tas-sistema jew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti ~~jsiru disponibbli jew i~~jkunu disponibbli ~~mill-31 ta' Diċembru 2012~~ għall-installaturi ta' bojlers u stufi, sistemi fotovoltajċi solari u sistemi termali solari, sistemi ġeotermali tal-wiċċ u pompi tas-sħana. Dawk l-iskemi jistgħu jikkunsidraw lis-skemi u l-istrutturi eżistenti kif xieraq, u għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikazzjoni mogħtija minn Stati Membri oħra skont dawk il-kriterji.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar skemi ta' ċertifikazzjoni jew iskemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti kif imsemmi fil-paragrafu 3. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu disponibbli l-lista tal-installaturi li huma kwalifikati jew ċertifikati skont id-dispożizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 3.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir disponibbli gwida lill-parteċipanti kollha rilevanti, b'mod partikolari għall-pjanifikaturi u l-periti sabiex dawn ikunu tassew kapaċi jikkunsidraw sew l-aħjar tlaqqigħ ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija, u teknoloġiji b'effiċjenza għolja u ta' tisħin u tkessiħ distrettwali matul l-ippjanar, l-iddiżinjar, il-bini u r-rinnovazzjoni ta' żoni industrijali, ⇨ kummerċjali ⇦ jew residenzjali.

6. L-Istati Membri, bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jiżviluppaw tagħrif xieraq, sensibilizzazzjoni, programmi ta' gwida jew ta' taħriġ sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-benefiċċji u l-prattiċitajiet tal-iżviluppar u tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

| ➔ 2009/28/KE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu ~~15~~19*

**Garanziji tal-oriġini tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ prodotti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli**

1. Għall-finijiet li jiġi provat lill-klijenti finali s-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'taħlita tal-enerġija ta' produttur tal-enerġija ⇨ u fl-enerġija fornuta lill-konsumaturi skont kuntratti kkummerċjalizzati b'referenza għall-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbali ⇦ skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oriġini tal-elettriku ⌦ enerġija prodotta ⌫ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tista' tkun garantita bħala tali fit-tifsira ta' din id-Direttiva, skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

2. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinħareġ garanzija tal-oriġini bi tweġiba għal talba minn produttur tal-elettriku ⌦ enerġija ⌫ minn enerġija soursi rinnovabbli. L-Istati Membri jistgħu jirranġaw biex il-garanziji għall-oriġini jinħarġu ⇨ għal sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli. ⇦ bi tweġiba għal talba minn produtturi tat-tisħin u t-tkessih minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Arranġament bħal dan ⇨ Il-ħruġ tal-garanziji tal-oriġini ⇦ jista' jsir soġġett għal limitu minimu ta' kapaċità. Garanzija tal-oriġini għandha tkun tad-daqs standard ta' 1 MWh. M'għandhiex tinħareġ aktar minn garanzija ta' oriġini waħda għal kull unità ta' enerġija prodotta.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istess unità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli titqies darba biss.

Stat Membru jista' jipprovdi ⇨ għandu jiżgura ⇦ li ma jingħata l-ebda appoġġ ⇨ jinħarġu l-ebda garanziji tal-oriġini ⇦ lil produttur limeta dakproduttur jirċievi ⇨ appoġġ finanzjarju minn skema ta' appoġġ ⇦ garanzija tal-oriġini għall-istess produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. ⇨ Stat Membru għandu joħroġ it-tali garanziji tal-oriġini u jittrasferihom lis-suq billi jirkantahom. L-introjtu mdaħħal permezz tal-irkantar għandu jintuża biex ipatti għall-ispejjeż tal-appoġġ għar-rinnovabbli. ⇦

Il-garanzija tal-oriġini m'għandhiex funzjoni f'dak li jirrigwarda l-konformità ta' Stat Membru mal-Artikolu 3. It-trasferimenti ta' garanziji tal-oriġini, b'mod separat jew flimkien mat-trasferiment fiżiku tal-enerġija, m'għandux ikollu effett fuq id-deċiżjoni tal-Istati Membri li jużaw trasferimenti statistiċi, proċeduri konġunti jew skemi konġunti ta' appoġġ għall-konformità mal-miri jew fuq il-kalkolu tal-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkalkulat skont l-Artikolu 5 7.

3. Kwalunkwe użu ta' garanzija tal-oriġini għandu jsir fi żmien tnax-il xahar mill-produzzjoni tal-unità ta' enerġija korrispondenti. Garanzija tal-oriġini għandha tiġi kkanċellata la darba tkun ġiet użata.

---

⇩ ġdid

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-garanziji tal-oriġini għandhom ikunu validi fir-rigward tas-sena kalendarja li fiha tiġi prodotta l-unità tal-enerġija. Sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini kollha mis-sena kalendarja preċedenti li ma ġewx kanċellati għandhom jiskadu. Il-garaziji tal-oriġini skaduti għandhom jiġu inklużi mill-Istati Membri fil-kalkolu tat-taħlita tal-enerġija residwa.

4. Għall-finijiet ta' żvelar imsemmija fil-paragrafi 8 u 13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini jiġu kkanċellati mill-kumpaniji tal-enerġija sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li b'relazzjoni magħha jinħarġu l-garanziji tal-oriġini.

↓ 2009/28/KE
⇨ ġdid

~~4~~5. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura għandhom jissorveljaw il-ħruġ, it-trasferiment u l-ikkanċellar ta' garanziji tal-oriġini. Il-korpi kompetenti maħtura għandu jkollhom responsabbiltajiet ġeografiċi distinti minn xulxin u jkunu indipendenti minn attivitajiet ta' produzzjoni, kummerċ u provvista.

~~5~~6. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura għandhom idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi adatti biex jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini għandhom jinħarġu, jiġu ttrasferiti u jiġu kanċellati elettronikament u jkunu preċiżi, affidabbli u reżistenti għall-frodi. ⇨ L-Istati Membri u l-korpi kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li jimponu jkunu konformi mal-istandard CEN - EN 16325. ⇦

~~6~~7. Garanzija tal-oriġini għandha tispeċifika, għall-inqas:

(a) is-sors ta' enerġija li minnu ġiet prodotta l-enerġija u d-dati ta' bidu u ta' tmiem tal-produzzjoni;

(b) jekk din hijiex relatata ma':

(i) l-elettriku; jew

⇩ ġdid

(ii) il-gass, jew

↓ 2009/28/KE (adattat)

(~~ii~~iii) it-tisħin jew it-tkessiħ;

(c) l-identità, il-post, it-tip u l-kapaċità tal-impjant fejn ġiet prodotta l-enerġija;

(d) jekk~~u sa liema livell~~ l-impjant ibbenefika minn appoġġ għall-investiment ⌦ u ⌫ jekk ~~u sa liema livell~~ l-unità tal-enerġija bbenefikat b'xi mod minn skema ta' appoġġ nazzjonali, u t-tip ta' skema ta' appoġġ;

(e) id-data li fiha l-impjant sar operattiv; u

(f) id-data u l-pajjiż ta' ħruġ u numru ta' identifikazzjoni uniku.

⇩ ġdid

Informazzjoni simplifikata tista' tkun speċifika għall-garanziji tal-oriġini minn stallazzjonijiet ta' skala żgħira.

| ⬇ 2009/28/KE (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

~~8~~7. Fejn fornitur tal-elettriku huwa meħtieġ jagħti prova tas-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita ta' enerġija għall-iskopijiet tal-Artikolu 3(~~6~~9) tad-Direttiva ~~2003/54/KE~~2009/72/KE, ~~jista'~~ ⇨ għandu ⇦ jagħmel dan billi juża l-garanziji tal-oriġini ~~tiegħu~~. ⇨ Bl-istess mod, il-garanziji tal-oriġini maħluqa skont l-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/KE għandhom jintużaw biex jissostanzjaw kwalunkwe rekwiżit li jipprova l-kwantità tal-elettriku prodottt minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-telfiet fit-trażmissjoni jitqiesu bis-sħiħ meta l-garanziji tal-oriġini jintużaw biex juru l-konsum tal-enerġiji rinnovabbli jew tal-elettriku minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. ⇦

~~8. L-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jikkorrispondi għall-garanziji tal-oriġini ttrasferiti minn fornitur tal-elettriku lil parti terza għandu jiġi mnaqqas mis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tiegħu għall-finijiet tal-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE.~~

9. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-garanziji tal-oriġini maħruġa minn Stati Membri oħrajn skont din id-Direttiva esklużivament bħala prova tal-elementi msemmijin fil-paragrafu 1 u l-paragrafu ~~6~~7 (a) to (f). Stat Membru jista' jiċħad ir-rikonoxximent ta' garanzija tal-oriġini biss fil-każ li jkollu dubji bbażati fuq raġunijiet sodi dwar il-preċiżjoni, l-affidabbiltà jew l-awtentiċità tagħha. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar tali ċaħda u l-ġustifikazzjoni tagħha.

10. Jekk il-Kummissjoni jirriżultalha li ċaħda għar-rikonoxximent ta' garanzija tal-oriġini ma jkollhiex bażi, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li teħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jirrikonoxxiha.

| ⇩ ġdid |
|---|

11. L-Istati Membri ma għandhom jirrikonoxxu garanziji tal-oriġini maħruġa minn pajjiżi terzi ħlief meta l-Kummissjoni tkun iffirmat ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-garanziji tal-oriġini maħruġa mill-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji tal-oriġini stabbiliti f'dak il-pajjiż, meta jkun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 ħalli tinforza dawn il-ftehimiet.

| ⬇ 2009/28/KE (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

~~11~~12. Stat Membru jista' jintroduċi, f'konformità mal-liġi tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-użu ta' garanziji tal-oriġini f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3(~~6~~9) tad-Direttiva~~2003/54/KE~~ 2009/72/KE.

~~12~~13. Meta l-fornituri tal-enerġija jikkummerċjalizzaw l-enerġija minn sorsi rinnovabbli ⇨ jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ⇦ lill-~~konsumaturi~~ klijenti b'referenza għal benefiċċji ambjentali u għal benefiċċji oħra tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ⇨ jew minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ⇦ , l-Istati Membri ~~jistgħu~~ ⇨ għandhom ⇦ jeħtieġu li dawk l-fornituri ta' enerġija ~~jagħmlu disponibbli, fil-qosor, informazzjoni dwar~~ ⇨ jużaw l-

garanziji tal-oriġini biex jiżvelaw ⇦ il-kwantità jew is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ⇨ jew minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ⇦ ~~li ġejja minn impjanti jew minn kapaċità miżjuda li saret operattiva wara 25 ta' Ġunju 2009.~~

---

⇩ ġdid

14. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 li jistabbilixxi r-regoli li jissorveljaw il-funzjonament tas-sistema stipulata f'dan l-Artikolu.

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~16~~20*

***Aċċess għall-grilji u t-tħaddim tagħhom***

~~1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adatti biex jiżviluppaw infrastruttura ta' grilji ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, netwerks intelliġenti, faċilitajiet għall-ħażna u s-sistema tal-elettriku, sabiex jippermettu t-tħaddim sikur tas-sistema tal-elettriku hekk kif din tiffaċċja l-iżvilupp ulterjuri tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża l-interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu passi adatti biex iħaffu l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-infrastruttura tal-grilja u biex jikkoordinaw l-approvazzjoni tal-infrastruttura tal-grilja mal-proċeduri amministrattivi u ta' ppjanar.~~

~~2. Soġġett għar-rekwiżiti marbuta maż-żamma tal-affidabbiltà u s-sigurtà tal-grilja, fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji ddefiniti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti:~~

~~(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jiggarantixxu fit-territorju tagħhom jiggarantixxu t-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;~~

~~(b) L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll jew għal aċċess prijoritarju jew għal aċċess garantit għas-sistema ta' grilja tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;~~

~~(c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-trasmissjoni ta' impjanti li jiġġeneraw l-elettriku, l-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni għandhom jagħtu prijorità lill-impjanti ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli sa fejn tippermetti l-operazzjoni sikura tas-sistema tal-elettriku nazzjonali u fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri operattivi xierqa relatati mal-grilja u mas-suq sabiex ikunu minimizzati r-restrizzjoniet fuq l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fil-każ li jittieħdu miżuri sinifikanti biex jitnaqqsu s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli sabiex tkun garantita s-sigurtà tas-sistema nazzjonali tal-elettriku u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi responsabbli mis-sistema jirrapurtaw lill-awtorità regolatorja kompetenti dwar dawk il-miżuri u jindikaw liema miżuri korrettivi għandhom l-intenzjoni li jieħdu sabiex jevitaw restrizzjonijiet mhux adatti.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni jistabbilixxu u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-regoli standard tagħhom relatati mal-ħlas u l-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-adattamenti tekniċi, bħal ma huma konnessjonijiet mal-grilja u rinfurzar tal-grilja, tħaddim imtejjeb tal-grilja u regoli dwar l-implimentazzjoni mhux diskriminatorja tal-kodiċijiet tal-grilja, li huma meħtieġa biex ikunu integrati produtturi ġodda li jkunu qed jipprovdu elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-grilja interkonnessa.~~

~~Dawk ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji billi jkunu kkunsidrati b'mod partikolari l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-konnessjoni ta' dawk il-produtturi mall-grilja u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-produtturi li qegħdin f'reġjuni periferiċi u f'reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni. Dawk ir-regoli jistgħu jipprovdu għal tipi differenti ta' konnessjoni.~~

~~4. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jħallsu kompletament jew parzjalment l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 3. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejjbu l-oqsfa u r-regoli għall-ħlas u l-kondivizjoni tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 3 sat-30 ta' Ġunju 2011 u kull sentejn wara dan biex jiżguraw l-integrazzjoni ta' produtturi ġodda kif imsemmi f'dak il-paragrafu.~~

~~5. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ta' sistema ta' trasmissjoni u l-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni jipprovdu lil kull produttur ġdid tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jixtieq li jkun konness mas-sistema l-informazzjoni komprensiva u meħtieġa, inklużi:~~

~~(a) stima komprensiva u dettaljata tal-ispejjeż assoċjati mal-konnessjoni;~~

~~(b) skeda ta' żmien raġonevoli u preċiża għar-riċeviment u l-ipproċessar tat-talba għall-konnessjoni mal-grilja;~~

~~(c) skeda ta' żmien indikattiva u raġonevoli għal kwalunkwe konnessjoni proposta mal-grilja.~~

~~L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jixtiequ jkunu konnessi mal-grilja, li joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' konnessjoni.~~

~~6. Il-kondiviżjoni tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 3 għandha tkun infurzata b'mekkaniżmu bbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji li jikkunsidraw il-benefiċċji li inizjalment u sussegwentement produtturi konnessi kif ukoll operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni jieħdu mill-konnessjonijiet.~~

~~7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-talba għall-ħlas ta' tariffi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni ma jiddiskriminawx kontra l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż b'mod partikolari l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli prodott f'reġjuni periferiċi, bħal reġjuni insulari, u f'reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħlas ta' tariffi fuq it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ma jiddiskriminax kontra l-gass minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.~~

~~8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffi mitluba minn operaturi ta' sistema ta' trasmissjoni u minn operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni għat-trasmissjoni u d-~~

~~distribuzzjoni tal-elettriku minn impjanti li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jirriflettu l-benefiċċji f'termini ta' spejjeż fattibbli li jirriżultaw mill-konnessjoni tal-impjant man-. Dawn il-benefiċċji f'termini ta' spejjeż jistgħu joħorġu mill-użu dirett tal-grilja b'vultaġġ baxx.~~

~~9~~1. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jevalwaw il-ħtieġa tal-estensjoni tal-infrastuttura tan-netwerk tal-gass eżistenti sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

~~10~~2. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jippubblikaw regoli tekniċi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali~~[48], b'mod partikolari rigward ir-regoli tal-konnessjoni man-netwerk li jinkludu rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass, l-odorazzjoni tal-gass u l-pressjoni tal-gass. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu wkoll mill-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u ta' sistemi ta' distribuzzjoni li jippubblikaw it-tarriffi ta' konnessjoni biex ikunu konnessi sorsi rinnovabbli ta' gass ibbażati fuq kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji.

~~11~~3 ~~Fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jevalwaw il-ħtieġa li jibnu infrastruttura ġdida għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali prodotti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sabiex tintlaħaq il-mira nazzjonali għall-2020 imsemmija fl-Artikolu 3(1).~~ Soġġett għal evalwazzjoni ~~dik~~ ⌦ tagħhom ⌫, ⇨ inkluża fil-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skontl-Anness I tar-Regolament [Governance], dwar in-neċessità li tinbena infrastruttura ġdida għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali prodotti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli bil-għan li tinkiseb il-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva ⇦ l-Istati Membri għandhom, fejn ikun rilevanti, jieħdu passi bil-għan li tkun żviluppata infrastruttura distrettwali għat-tisħin sabiex takkomoda l-iżvilupp tal-produzzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ minn faċilitajiet kbar tal-bijomassa, solari u ġeotermali.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 21*

***Awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli, individwali jew permezz ta' aggregaturi:

(a) jkunu intitolati li jipprattikaw l-awtokonsum u jbiegħu, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' xiri tal-qawwa elettrika, il-produzzjoni eċċessiva tagħhom ta' elettriku rinnovabbli bla jiġu soġġetti għal proċeduri u imposti sproporzjonati li ma jirriflettux l-ispejjeż.

(b) iżommu d-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi;

(c) ma jitqiesux bħala fornituri tal-enerġija skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni b'relazzjoni mal-elettriku rinnovabbli li jitfgħu fil-grilja li ma jaqbiżx 10 Mwh għall-unitajiet domestiċi u 500 Mwh għall-persuni ġuridiċi fuq bażi annwali; u

48 Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57).

(d) jirċievu ħlas għall-elettriku rinnovabbli awtoġenerat li jitfgħu fil-grilja li jirrifletti l-valur tas-suq tal-elettriku mitfugħ.

L-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitu ogħla minn dak stipulat fil-punt (c).

2. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-awtokonsumaturi tar-rinnovabbli li jgħixu fl-istess blokka b'għadd ta' appartamenti, jew li jinsabu fl-istess sistema magħluqa tad-distribuzzjoni jew sit jew servizz kondiviż kummerċjali, jitħallew jidħlu għal awtokonsum konġunt daqslikieku kienu awtokonsumatur tar-rinnovabbli individwali. F'dan il-każ, il-limiti stipulat fil-paragrafu 1(c) għandu japplika għal kull awtokonsumatur tar-rinnovabbli kkonċernat.

3. L-istallazzjoni rinovabbli tal-awtokonsumatur tista' tiġi mmaniġġjata minn parti terza f'dawk li huma l-istallazzjoni, l-operat, inkluż il-metraġġ, u l-manutenzjoni.

*Artikolu 22*

***Komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jkunu intitolati li jiġġeneraw, jikkonsmaw, jaħżnu u jbiegħu l-enerġija rinnovabbli, permezz ta' ftehimiet ta' xiri tal-qawwa elettrika, bla jiġu soġġetti għal proċeduri u imposti sproporzjonati li ma jirriflettux l-ispejjeż.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, komunità tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun SME jew organizzazzjoni mhux intiża għall-profitt, li s-sidien tal-ishma jew il-membri tagħha jikkooperaw fil-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-forniment tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, filwaqt li jissodisfaw tal-anqas erba' mill-kriterji li ġejjin:

(a) is-sidien tal-ishma jew il-membri jkunu persuni ġuridiċi, awtoritajiet lokali, inklużi l-muniċipalitajiet, jew SMEs li joperaw fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli;

(b) tal-anqas 51 % tas-sidien tal-ishma jew membri bi dritt tal-vot tal-entità jkunu persuni fiżiċi;

(c) tal-anqas 51 % tal-ishma jew tad-drittijiet parteċipatorji tal-entità huma posseduti minn membri lokali, jiġifieri rappreżentanti ta' interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliki jew privati jew ċittadini li jkollhom interess dirett fl-attività tal-komunità u fl-impatti tagħha;

(d) tal-anqas 51 % tas-siġġijiet fil-bord tad-diretturi jew il-korpi tal-maniġment tal-entità jkunu riżervati għall-membri lokali, jiġifieri rappreżentanti ta' interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi jew privati jew ċittadini li jkollhom interess dirett fl-attività tal-komunità u fl-impatti tagħha;

(e) il-komunità ma tkunx stallat aktar minn 18 MW ta' kapaċità rinnovabbli għall-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ u t-trasport bħala medja annwali fil-ħames (5) snin ta' qabel.

2. Bla ħsara għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, meta jfasslu l-iskemi ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ispeċifitajiet tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

*Artikolu 23*

***L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-istallazzjonijiet tat-tisħin u t-tkessiħ***

1. Biex tiġi ffaċilitata l-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, kull Stat Membru għandu jagħmel ħiltu biex iżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ b'tal-anqas punt (1 pp) perċentwali fis-sena, espress f'termini ta' sehem nazzjonali tal-konsum tal-enerġija finali u kkalkulat skont il-metodoloġija stipulat fl-Artikolu 7.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw u jippubblikaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, lista tal-miżuri u tal-entitajiet implimentattivi, bħall-fornituri tal-karburanti, li għandhom jikkontribwixxu għaż-żieda stipulata fil-paragrafu 1.

3. Iż-żieda stipulata fil-paragrafu 1 tista' tiġi implimentata permezz ta' għażla jew aktar minn fost dawn li ġejjin:

(a) inkorporazzjoni fiżika tal-enerġija rinnovabbli fl-enerġija u l-karburant tal-enerġija fornut għat-tisħin u t-tkessiħ;

(b) miżuri ta' mitigazzjoni diretti bħall-istallazzjoni ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli effiċjenti ħafna f'bini jew f'użu tal-enerġija rinnovabbli għal proċessi tat-tisħin u t-tkessiħ industrijali;

(c) miżuri ta' mitigazzjoni indiretti koperti minn ċertifikati kummerċjabbli li jagħtu xhieda tal-konformità mal-obbligu permezz ta' appoġġ għal miżuri ta' mitigazzjoni indiretti, mwettqa minn operatur ekonomiku ieħor bħal installatur tat-teknoloġija tar-rinnovabbli indipendenti jew kumpanija tas-servizzi tal-enerġija - ESCO li tipprovdi servizzi ta' stallazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

4. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrutturi stabbiliti skont l-iskemi nazzjonali ta' obbligu tal-effiċjenza tal-enerġija stipulat fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 2012/27/UE biex jimplimentaw u jissorveljaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2.

5. L-entitajiet maħtura skont il-paragrafu 2 għandhom jiżguraw li l-kontribut tagħhom ikun jista' jitkejjel u jiġi vverifikat u għandhom jirrapportaw ta' kull sena mit-30 ta' Ġunju 2021 lill-awtorità maħtura mill-Istat Membru, dwar:

(a) l-ammont totali ta' enerġija fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;

(b) l-ammont totali ta' enerġija rinnovabbli fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;

(c) is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-ammont totali tal-enerġija fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ; u

(d) it-tip tas-sors tal-enerġija rinnovabbli.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapporti msemmija fil-paragrafu 5 huma suġġetti għall-verifika mill-awtorità kompetenti maħtura.

*Artikolu 24*

***Tisħin u Tkessiħ Distrettwal***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jipprovdu informazzjoni lill-konsumaturi aħħarin dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tagħhom. Tali informazzjoni għandha tkun skont l-istandards użati skont id-Direttiva 2010/31/UE.

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa biex jippermettu li l-klijenti ta' dawk is-sistemi ta' tisħin jew ta' tkessiħ distrettwali li mhumiex "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" fis-sens tal-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE jiġu skonnettjati mis-sistema sabiex jipproduċu tisħin jew tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma stess, jew jaqilbu għal fornitur ieħor tas-sħana jew tal-kesħa li għandu aċċess għas-sistema msemmija fil-paragrafu 4.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu d-dritt li konsumatur jiskonnettja jew jibdel il-fornitur tiegħu meta dan jista' jagħti prova li s-soluzzjoni ta' provvista alternattiva ppjanata għat-tisħin jew għat-tkessiħ tat riżultati b'mod sinifikanti aħjar f'dik li hi prestazzjoni tal-enerġija. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-soluzzjoni ta' provvista alternattiva tista' tkun ibbażata fuq Ċertifikat tal-Prestazzjoni tal-Enerġija kif definit fid-Direttiva 2010/31/UE.

4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw l-miżuri neċessarji biex jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali għas-sħana u l-kesħa prodotti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u għas-sħana u l-kesħa mormija. Dan l-aċċess mhux diskriminatorju għandu jippermetti forniment dirett ta' tisħin jew tkessiħ minn tali sorsi lill-konsumaturi mqabbdin ma' sistema tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali minn fornituri oħra għajr l-operatur tas-sistema tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali.

5. Operatur ta' sistema ta' tisħin jew ta' tkessiħ distrettwali jista' jirrifjuta aċċess għall-fornituri jekk is-sistema ma jkollhiex il-kapaċità neċessarja minħabba provvisti oħrajn tas-sħana jew il-kesħa mormija, tas-sħana jew il-kesħa minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew tas-sħana jew il-kesħa prodotti minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn dan ir-rifjut iseħħ l-operatur ta' sistema ta' tisħin jew ta' tkessiħ distrettwali jipprovdi t-tagħrif rilevanti lill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 9 fuq miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-infurzar tas-sistemi.

6. Sistemi ta' tisħin jew ta' tkessiħ urbani ġodda jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafu 4 għal perjodu ta' żmien definit. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar tali talbiet ta' eżenzjoni fuq bażi ta' każ b'każ. Eżenzjoni għandha tingħata biss jekk is-sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali ġdida tikkostitwixxi "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" fit-tifsira tal-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE u jekk din tisfrutta l-potenzjal għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-sħana jew il-kesħa mormija identifikata fil-valutazzjoni komprensiva mwettqa skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE.

7. Id-dritt li jiskonnettja jew jibdel il-fornitur tiegħu jistgħu jiġu eżerċitati mill-konsumaturi individwali, minn impriżi konġunti magħmula minn klijenti jew minn partijiet li jaġixxu f'isem il-klijenti. Għal blokok ta' għadd ta' appartamenti, tali skonnessjoni tista' biss tiġi eżerċitata fuq il-livell tal-bini kollu.

8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jivvalutaw tal-anqas kull sentejn, b'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ

distrettwali fil-qasam rispettiv tagħhom, il-potenzjal tat-tisħin distrettwali u s-sistemi tat-tkessiħ u sistemi oħra li jipprovdu servizzi ta' bbilanċjar, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin ta' eċċessi ta' elettriku prodotti minn sorsi rinnovabbli u jekk l-użu tal-potenzjal identifikat ikun aktar effiċjenti fir-riżorsi u aktar kosteffiċjenti minn soluzzjonijiet alternattivi.

9. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità indipendenti waħda jew aktar biex jiżguraw li d-drittijiet tal-konsumaturi u r-regoli għat-tħaddim tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali skont dan l-Artikolu huma definiti b'mod ċar u infurzati.

*Artikolu 25*

***L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport***

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri tal-karburanti li jinkludu sehem minimu ta' enerġija minn bijokarburanti avvanzati u bijogass u bijokarburanti oħra prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, minn karburanti fossili bbażati fuq l-iskart u minn elettriku rinnovabbli fl-ammont totali ta' karburanti għat-trasport li huma jfornu għall-konsum jew għall-użu fis-suq matul sena kalendarja.

Is-sehem minimu għandu jkun tal-anqas ugwali għal 1,5 % fl-2021, u jiżdied sa mill-inqas 6,8 % fl-2030, b'segwiment tal-perkors stabbilit fil-parti B tal-Anness X. F'dan is-sehem totali, il-kontribuzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati u l-bijogass prodott minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX għandha tkun ta' mill-inqas 0,5 % tal-karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq mill-1 ta' Jannar 2021, u tiżdied sa mill-inqas 3,6 % sal-2030, b'segwiment tal-perkors stipulat fil-Parti C tal-Anness X.

L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass u bijokarburanti oħra manifatturati minn materja prima elenkata fl-Anness IX għandu jkun ta' mill-anqas 70% mill-1 ta' Jannar 2021.

Għall-kalkolu tal-ishma msemmija fit-tieni subparagrafu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija fornuti għal konsum jew użu fis-suq, għandhom jiġu kkunsidrati l-petrol, id-diżil, il-bijokarburanti, il-gass naturali, il-bijogass, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, l-elettriku u l-karburanti fossili bbażati fuq l-iskart;

b) għall-kalkolu tan-numeratur, tal-kontenut ta' enerġija ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass u bijokarburanti oħra prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, għandhom jiġu kkunsidrati l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, karburanti fossili bbażati fuq l-iskart fornuti lis-setturi kollha tat-trasport, u l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-vetturi tat-triq.

Għall-kalkolu tan-numeratur, il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijogass prodott minn materja prima, inklużi fil-Parti B tal-Anness IX għandu jkun limitat għal 1,7 % tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq u l-kontribut tal-karburanti fornuti fis-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport bil-baħar għandu jitqies li jkun 1,2 darbiet daqs il-kontenut tal-enerġija tagħhom.

c) Għall-kalkolu kemm tan-numeratur kif ukoll tad-denominatur, għandhom jintużaw il-valuri li jirrigwardaw il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti għat-trasport kif stabbilit fl-Anness III. Għad-determinazzjoni tal-kontenut tal-enerġija ta' karburanti tat-trasport mhux inklużi fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom jużaw standards tal-ESO rispettivi għad-determinazzjoni tal-valuri kalorifiċi ta' karburanti. Fejn l-ebda standard ESO ma ġie adottat għal dan l-għan, għandhom jintużaw l-istandards tal-ISO rispettivi.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tippermetti l-fornituri tal-karburanti li jittrasferixxi l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 lil fornituri ta' karburanti oħra u jiżguraw li kull trasferiment huwa ddokumentat fil-bażijiet tad-dejta msemmija fil-paragrafu 4.

3. Sabiex jiġi ddeterminat is-sehem tal-elettriku rinnovabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1, jista' jintuża jew is-sehem medju tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni inkella s-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Istat Membru fejn jiġi fornut l-elettriku, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi kkanċellat ammont ekwivalenti ta' garanziji tal-oriġini maħruġa skont l-Artikolu 19.

Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-karburanti tat-trasport likwidi u gassużi għandu jiġu determinat abbażi tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-input totali tal-enerġija użata għall-produzzjoni tal-karburant.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Meta l-elettriku jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, sew direttament jew inkella għall-produzzjoni ta' prodotti intermedji, tista' tintuża, biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli, jew il-medja tas-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni inkella s-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli f'pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi kkanċellat ammont ekwivalenti ta' garanziji tal-oriġini maħruġa skont l-Artikolu 19.

Madankollu, l-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' stallazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli (i) li tibda taħdem wara jew fl-istess ħin tal-istallazzjoni għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u (ii) mhux konnessa mal-grilja, jista' jingħadd bis-sħiħ bħala elettriku rinnovabbli għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika.

(b) Meta l-bijomassa tiġi pproċessata b'karburantii fossili f'proċess komuni, l-ammont ta' bijokarburant fil-prodott għandu jiġi stabbilit bl-applikazzjoni ta' fatturi ta' konverżjoni xierqa tal-input tal-bijomassa. F'każ li l-proċess jagħti aktar minn prodott wieħed, il-prodotti kollha li jirriżultaw mill-proċess għandhom jiġu preżunti li jkun fihom l-istess sehem ta' bijokarburant. L-istess regoli għandhom japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu 27(1).

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi tad-dejta li tippermetti t-traċċar ta' karburanti tat-trasport li huma eliġibbli għall-għadd biex jintlaħaq in-numeratur stipulat fil-paragrafu 1(b), u jirrikjedu lill-operaturi ekonomiċi rilevanti biex jipprovdu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà għall-karburanti eliġibbli, inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, li jibda mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-fornitur tal-karburanti li jqiegħed il-karburant fis-suq.

Il-bażi tat-data għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rekwiżit fuq il-fornituri tal-karburant imfisser fil-paragrafu 1 u kif ir-rekwiżit jiġi ssodisfat.

Il-bażijiet tad-dejta nazzjonali għandhom ikunu interkonnessi sabiex jippermettu li t-tranżazzjonijiet tal-karburanti bejn l-Istati Membri jiġu ttraċċati. Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-bażjiet tad-dejta nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kontenut u l-użu tagħhom permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31.

5. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar informazzjoni aggregata minn bażijiet tad-dejta nazzjonali, inklużi l-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-karburanti, skont l-Anness VII tar-Regolament [Governance].

6. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 32 biex tispeċifika l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu biex ikun determinat is-sehem ta' bijokarburanti li jirriżultaw minn bijomassa li tkun qed tiġi pproċessata b'karburanti fossili bi proċess komuni, biex tkun speċifikata il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u bbażati fuq l-iskart ta' karburanti fossili u biex jiġi ddeterminat l-iffrankar minimu fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meħtieġ għal dawn il-karburanti għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2025, fil-kuntest ta' valutazzjoni biennali tal-progress mwettqa skont ir-Regolament [Governance], il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 jistimulax b'mod effettiv l-innovazzjoni u jippromwovix l-iffrankar tal-gassijet b'effett ta' serra fis-settur tat-trasport, u jekk applikabbli, jekk ir-rekwiżiti tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-bijokarburanti u l-bijogass humiex xierqa. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta biex timmodifika l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

---

| |
|---|
| 🡻 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~17~~26*

***Kriterji tas-sostennibilità ⇨ u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ għall-bijokarburanti, ~~u~~ l-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦***

1. ~~Irrispettivament minn jekk il-materja prima kenitx ikkultivata ġewwa jew barra t-territorji tal-Komunità,~~ ~~l~~L-enerġija mill-bijokarburanti, ~~u~~ il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ⌦ ta' dan il-paragrafu ⌫ biss jekk tissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ⇨ u l-kriterji stipulati fil-paragrafu 7 dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra⇦ :

(a) ~~il-kejl tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-miri nazzjonali;~~ ⇨il-kontribut lejn il-mira tal-Unjoni u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri⇦;

(b)il-kejl tal-konformità mal-obbligi tal-enerġija rinnovabbli ⇨ , inklużi l-obbligi stipulati fl-Artikolu 23 u 25 ⇦ ;

(c)l-eliġibbiltà għal sostenn finanzjarju għall-konsum ta' bijokarburanti u bijolikwidi, ~~u~~ bijokarburanti ⇨ u karburanti mill-bijomassa⇦ .

Madankollu, il-bijokarburanti, ~~u~~ il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ prodotti mill-iskart u r-residwi, minbarra r-residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akwakultura, is-sajd u l-foresterija, iridu jissodisfaw biss il-kriterju ~~ta' sostenibbiltà~~ ⇨ tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ stabbilit fil-paragrafu ~~2~~7 sabiex jitqiesu għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ⌦ ta' dan il-paragrafu ⌫. ⇨ Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal skart u residwi li huma l-ewwel ipproċessati fi prodott qabel ma jkomplu jiġuproċessat f'bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. ⇦

---

⇩ ġdid

Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostebbibilità u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 7 biss jekk ikunu użati fi stallazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ jew il-karburanti b'kapaċità tal-karburanti ugwali għal jew akbar minn 20 MW f'każ ta' karburant tal-bijomassa solidi u b'kapaċità elettrika ta' 0,5 MW jew aktar fil-każ ta' karburant gassużi mill-bijomassa. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kriterji tas-sostenibilità u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kriterji għal stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant aktar baxxa.

Il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 6 u l-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti fil-paragrafu 7 għandhom japplikaw indipendentement mill-oriġini ġeografika tal-bijomassa.

---

🡻 2009/28/KE Artikolu 17 (adattat)
⇨ ġdid

~~3~~2. Il-bijokarburanti, ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola ⇦ kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità, jiġifieri art li kellha wieħed mill-istati li ġejjin fi jew wara Jannar 2008, kemm jekk l-art għad għandha dan l-istatus u kemm jekk le:

(a) foresta primarja u art oħra bis-siġar, jiġifieri foresta u art oħra bis-siġar ta' speċi nattivi, fejn m'hemmx indikazzjoni ċarament viżibbli ta' attività tal-bniedem u l-proċessi ekoloġiċi mhumiex disturbati b'mod sinifikanti;

(b) żoni indikati:

(i) mil-liġi jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal għanijiet ta' ħarsien tan-natura; jew

(ii) ħall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċi rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu li huma rikonoxxuti minn strumenti ta' ftehim internazzjonali jew inklużi f'listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, soġġett għar-rikonoxximent tagħhom skont l-ewwel~~it-tieni~~ subparagrafu tal-Artikolu ~~18~~27(4);

sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferietx ma' dawk il-finijiet ta' ħarsien tan-natura;

(c) art bil-ħaxix b'bijodiversità għolja ⇨ ta' aktar minn ettaru ⇦ li huwa:

(i) naturali, jiġifieri art bil-ħaxix li ser tibqa' art bil-ħaxix fin-nuqqas ta' intervent tal-bniedem u li żżomm il-kompożizzjoni tal-ispeċi naturali u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi; jew

(ii) mhux naturali, jiġifieri art bil-ħaxix li mingħajr l-intervent tal-bniedem ma tibqax art bil-ħaxix u li hija rikka fl-ispeċijiet u mhijiex degradata ⇨ u li ġiet identifikata bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti relevanti, ⇦ sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ħsad tal-materja prima jkun meħtieġ biex jinżamm l-istatus tagħha ta' ~~art bil-ħaxix~~ ta' art bil-ħaxix ⌦ ta' bijodiversità għolja ⌫ .

---

⇩ ġdid

Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-kriterji biex tiddetermina liema art bil-ħaxix għandha tkun koperta mill-punt (c) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).

---

🡻 2009/28/KE Artikolu 17 (adattat)
⇨ ġdid

~~4~~3. Il-bijokarburant~~,~~ il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola ⇦ kkundistrati għall-finijiet msemmija il-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju, jiġifieri art li kellha waħda mill-istati li ġejjin f'Jannar 2008 u li m'għadx għandha dak l-istatus:

(a) artijiet mistagħdra, jiġifieri art li hija miksija bi jew saturata bl-ilma permanentement jew għal parti sinifikanti tas-sena;

(b) żoni kontinwament ifforestati, jiġifieri art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' aktar minn 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawk il-limiti in situ;

(c) art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' bejn 10 % u 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawn il-limiti in situ, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-ħażna ta' karbonju taż-żona qabel u wara l-konverżjoni hija tali li, meta tiġi applikata l-metodoloġija stabbilita fil- Parti C tal-Anness V, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7~~2~~ ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfatti.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx japplikaw jekk, fiż-żmien meta nkisbet il-materja prima, l-art kellha l-istess status li kellha f'Jannar 2008.

~~5~~4. Il-bijokarburanti~~,~~ ~~u~~ il-bijolikwidi ⇨ u l-karburant mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola ⇦ ikkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 m' għandhomx isiru minn materia prima miksuba minn art li kienet art tal-peat f'Jannar 2008,~~,~~

~~sakemm ma' tkunx ipprovduta evidenza li l-kultivazzjoni u l-ħsad ta' dik il-materja prima ma tinvolvix id-dranaġġ ta' ħamrija li qabel ma' jkunx sarilha dranaġġ~~.

---

⇩ ġdid

5. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet li ġejjin sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' użu mhux sostenibbli tal-produzzjoni tal-bijomassa tal-foresti:

(a) il-pajjiż li fih tkun inħasdet il-bijomassa forestali għandu liġijiet nazzjonali u/jew sottonazzjonali applikabbli għall-qasam tal-ħsad kif ukoll sistemi ta' monitoraġġ u infurzar fis-seħħ li jiżguraw li:

i) il-ħsad isir b'konformità mal-kondizzjonijiet ta' permess tal-ħsad fi ħdan konfini reġistrati legalment;

ii) isseħħ ir-riġenerazzjoni tal-foresta fl-erja li fiha jsir il-ħsad;

iii) żoni ta' valur għoli ta' konservazzjoni, inklużi l-artijiet mistagħdra jew tal-pit, ikunu protetti;

(iv) l-impatti ta' ħsad tal-foresta fuq il-kwalità tal-ħamrija u l-bijodiversità jiġu minimizzati; kif ukoll

v) tal-ħsad ma jaqbiżx il-kapaċità tal-produzzjoni fit-tul tal-foresta;

(b) meta l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk ikunu hemm fis-seħħ sistemi tal-immaniġġar fil-livell ta' azjenda tal-foresta sabiex jiġi żgurat li:

i) il-bijomassa tal-foresti ġiet maħsuda skont permess legali;

ii) isseħħ ir-riġenerazzjoni tal-foresta fl-erja li fiha jsir il-ħsad;

iii) żoni ta' valur għoli ta' konservazzjoni, inklużi l-artijiet mistagħdra jew tal-pit, ikunu identifikati u protetti;

(iv) l-impatti tal-ħsad tal-foresta fuq il-kwalità tal-ħamrija u l-bijodiversità jiġu minimizzati;

v) il-ħsad ma jaqbiżx il-kapaċità tal-produzzjoni fit-tul tal-foresta;

6. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk il-pajjiż jew l-organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali tal-oriġini tal-bijomassa tal-foresti tissodisfa ir-rekwiżiti li ġejjin tal-LULUCF:

(i) hija Parti, u rratifikat, il-Ftehim ta' Pariġi;

(ii) ippreżentat Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li jkopri l-emissjonijiet u l-

assorbimenti mis-settur tal-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art bl-iżgurar li kwalunkwe tibdil fil-ħażna tal-karbonju assoċjata ma' ħsad tal-bijomassa hija kontabilizzata lejn l-impenn tal-pajjiż biex inaqqws jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif speċifikat fin-NDC, jew hemm fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi, applikabbli fiż-żona tal-ħsad, biex jikkonservaw u jsaħħu l-istokkijiet u l-ħażniet (sinks) tal-karbonju;

(iii) għandha sistema nazzjonali għar-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-assorbimenti mill-użu tal-art inkluża l-forestrija u l-agrikoltura, li hija skont ir-rekwiżiti stipulati fid-deċiżjonijiet adottati skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi;

Meta l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk ikun hemm fis-seħħ sistemi tal-immaniġġar fil-livell ta' azjenda tal-foresta sabiex jiġi żgurat li l-livelli tal-istokkijiet u l-ħażniet (sinks) tal-karbonju fil-foresta jinżammu.

Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-evidenza operattiva li turi l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 5 u 6, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).

Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 jimminimizzawx b'mod effettiv ir-riskju tal-użu mhux sostenibbli tal-bijomassa forestali u tindirizza l-ħtiġijiet tas-settur tal-LULUCF, abbażi tad-dejta disponibbli. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta biex timmodifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6.

---

🡻 2009/28/KE

~~6. Materja prima agrikola kkultivata fil-Komunità u użata għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandhom jinkisbu skont ir-rekwiżiti u l-istandards taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija taħt l-intestatura "Ambjent" fil-Parti A u fil-punt 9 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa[49] u skont ir-rekwiżiti minimi għal kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba definita skont l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament.~~

---

⇩ ġdid

7. L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta':

(a) mill-anqas ta' 50 % għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti fi stallazzjonijiet li jkunu joperaw fil-5 ta' Ottubru 2015 jew qabel;

(b) mill-anqas ta' 60 % għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti fi stallazzjonijiet li jibdew joperaw mill-5 ta' Ottubru 2015;

---

[49] ~~ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.~~

(c) mill-anqas ta' 70 % għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti fi stallazzjonijiet li jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2021;

(d) mill-inqas 80 % għall-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn produzzjoni tal-karburanti mill-bijomassa użati fi stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2021 u 85 % għal stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2026.

Stallazzjoni għandha titqies li qed topera jekk tkun bdiet il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti jew bijolikwidi u ta' tisħin u tkessiħ, u ta' elettriku għall-karburanti mill-bijomassa.

---

| |
|---|
| ↓ 2015/1513 Art. 2.5(a)<br>⇨ ġdid |

~~2. It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti u bijolikwidi meqjusin għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun mill-anqas ta' 60 % għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-5 ta' Ottubru 2015. Installazzjoni għandha titqies li qed topera jekk il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti jew bijolikwidi tkun seħħet.~~

~~Fil-każ ta' installazzjonijiet li kienu joperaw fi jew qabel il-5 ta' Ottubru 2015, għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-bijokarburanti u l-bijolikwidi għandhom jiksbu tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-anqas 35 % sal-31 ta' Diċembru 2017 u ta' mill-anqas 50 % mill-1 ta' Jannar 2018.~~

L-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra li jirriżulta mill-użu ta' bijokarburanti, ~~u~~ il-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa użati fi stallazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin, it-tkessiħu u l-elettriku ⇦ għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu ~~19~~ 28(1).

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

8. L-elettriku mill-karburanti mill-bijomassa prodott fi stallazzjonijiet b'kapaċità ta' 20 MW jew aktar għandu jitqies għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 biss jekk jiġi prodott bl-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita skont l-Artikolu 2(34) tad-Direttiva 2012/27/UE. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għal stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara [3 years from date of adoption of this Directive]. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-appoġġ pubbliku pprovduti taħt skemi approvati sa [3 years after date of adoption of this Directive].

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-elettriku minn stallazzjonijiet li huma s-suġġett ta' notifika speċifika minn Stat Membru lill-Kummissjoni abbażi ta' eżistenza sostanzjata ta' riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Wara valutazzjoni tan-notifika, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tqis l-elementi inklużi hemmhekk.

---

| |
|---|
| ↓ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

~~7. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fir-rigward kemm tal-pajjiżi terzi u kemm tal-Istati Membri li huma sors sinifikanti ta' bijokarburanti jew ta' materja prima għall-bijokarburanti kkunsmati fil-Komunità, dwar~~

~~miżuri nazzjonali meħuda b'rispett għall-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 u għall-ħarsien tal-ħamrija, l-ilma u l-arja. L-ewwel rapport għandu jkun ippreżentat fl-2012.~~

~~Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt fuq is-sostenibbiltà soċjali fil-Komunità u fil-pajjiżi terzi taż-żieda fid-domanda għall-bijokarburanti, dwar l-impatt tal-politika tal-Komunità dwar il-bijokarburanti fuq id-disponibbiltà tal-oġġetti tal-ikel bi prezzijiet li jintlaħqu minn kulħadd, b'mod partikolari għall-persuni li jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u dwar kwistjonijiet ġenerali oħrajn marbutin mal-iżvilupp. Ir-rapporti għandhom jittrattaw ir-rispett tad-drittijiet tal-użu tal-art. Huma għandhom jiddikjaraw, kemm għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-Istati Membri li huma sors importanti ta' materja prima għall-bijokarburanti kkunsmati fil-Komunità, jekk il-pajjiż ikunx irratifika u implimenta kull waħda mill-Konvenzjonijiet li ġejjin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol:~~

- ~~il-Konvenzjoni dwar Xogħol Furzat jew Obbligatorju (Nru 29);~~
- ~~il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni (Nru 87);~~
- ~~il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs għall-Ħaddiema Rġiel u Nisa għal Xogħol ta' Valur Indaqs (Nru 100);~~
- ~~il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tal-Impjieg u l-Professjoni (Nru 111);~~
- ~~il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima għad-Dħul fl-Impjieg (No 138);~~
- ~~il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal (Nru 182);~~

~~Dawk ir-rapporti għandhom jiddikjaraw, kemm għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-Istati Membri li huma sors importanti ta' materja prima għall-bijokarburant ikkunsmat fil-Komunità, jekk il-pajjiż ikunx irratifika u implimenta:~~

- ~~il-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-bijosigurtà;~~
- ~~il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu.~~

~~L-ewwel rapport għandu jkun ippreżentat fl-2012. Il-Kummissjoni għandha tipproponi, jekk ikun il-każ, azzjoni korrettiva, b'mod partikolari jekk ikun hemm evidenza li l-produzzjoni tal-bijokarburanti għandha impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-ikel.~~

~~9. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar ir-rekwiżiti għal skema ta' sostenibbiltà għal użi enerġetiċi tal-bijomassa, minbarra bijokarburanti u bijolikwidi, sal-31 ta' Diċembru 2009. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti għal skema ta' sostenibbiltà għal użi oħra għall-enerġija mill-bijomassa, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport u kwalunkwe proposta li jkun fihom għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, b'konsiderazzjoni għall-iżviluppi l-ġodda fi proċessi innovattivi. Jekk l-analiżi magħmula għal dan il-għan turi li jkun xieraq li jiġu introdotti emendi, fir-rigward tal-bijomassa tal-foresta, fil-kalkolu tal-metodoloġija fl-Anness V jew fil-kriterji tas-sostenibbiltà dwar il-ħażniet tal-karbonju applikati għall-bijokarburanti u bijolikwidi, il-~~

~~Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tagħmel proposti fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dan ir-rigward.~~

~~8.~~ 9. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri m'għandhomx jirrifjutaw li jikkunsidraw, għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà, bijokarburanti u bijolikwidi miksuba f'konformità ma' dan l-Artikolu.

---

⇩ ġdid

10. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqiegħdu rekwiżiti addizzjonlai dwar is-sostennibbiltà għall-karburanti mill-bijomassa.

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~18~~27*

**Verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ⇦ għall-bijokarburanti, ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦**

1. Fejn bijokarburanti, ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦ għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemmija ⇨fl-Artikoli 23 u 25 u ⇦ fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu ~~17~~26(1), l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi juru li l-kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u ta' ffrannkar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ⇦ stabbilit fl-Artikolu 26~~17~~(2) sa ~~(5)~~ (7) ġew sodisfatti. Għal dak il-għan għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' bilanċ tal-massa li:

(a) tippermetti li kunsinni ta' materja prima jew bijokarburanti, ⇨ bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa ⇦ b'karatteristiċi ta' sostennibiltà ⇨ u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ differenti ⇨ pereżempju f'kontejner, faċilità loġisitika jew tal-ipproċessar, infrastruttura jew sit tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ⇦ ;

---

⇩ ġdid

(b) tippermetti li kunsinni ta' materja prima b'kontenut ta' enerġija differenti jiġu mħallta bl-iskop ta' aktar proċessar, sakemm id-daqs tal-kunsinni jkun aġġustat skont il-kontenut tal-enerġija tagħhom;

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

(~~b~~c) teħtieġ li informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà ⇨ u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ u d-daqsijiet tal-kunsinni msemmija fil-punt (a) tibqa' assenjata lit-taħlita; kif ukoll

(~~c~~d) tipprovdi li s-somma tal-kunsinni kollha meħuda mit-taħlita tiġi deskritta bħala li għandha l-istess karatteristiċi ta' sostenibbiltà, fl-istess kwantitajiet, bħas-somma

tal-kunsinni kollha miżjuda mat-taħlita ⇨ u tirrikjedi li dan il-bilanċ jinkiseb tul medda xierqa ta' żmien⇦.

⇩ ġdid

2. Meta kunsinna tkun ipproċessata, l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-karatteristiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-kunsinna għandhom jiġu aġġustati u assenjati għall-output skont ir-regoli li ġejjin:

(a) meta l-ipproċessar ta' kunsinna ta' materja prima jirriżulta biss f'output waħda li hi maħsuba għall-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi jew il-karburanti tal-bijomassa, id-daqs tal-kunsinna u l-kwantitajiet relatati mas-sostenibbiltà u l-karatteristiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għandhom jiġu aġġustati bl-applikazzjoni ta' fattur ta' konverżjoni li jirrappreżenta l-proporzjon bejn il-massa tal-output li hi maħsuba għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburant mill-bijomassa u l-massa tal-materja prima li tkun iddaħħlet fil-proċess;

(b) meta l-ipproċessar ta' kunsinna ta' materja prima jirriżulta f'aktar minn output wieħed li hu maħsub għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew bijokarburanti mill-bijomassa, għal kull output għandu jiġi applikat fattur ta' konverżjoni separat u għandu jintuża bilanċ tal-massa separat.

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2010 u l-2012 dwar it-tħaddim tal-metodu ta' verifika tal-bilanċ tal-massa deskritt fil-paragrafu 1 u dwar il-potenzjal li jkunu permessi metodi oħra ta' verifika fir-rigward ta' xi tipi ta' materja prima, bijokarburanti jew bijolikwidi. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis dawk il-metodi ta' verifika li fihom l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà m'hemmx għalfejn jibqgħu fiżikament assenjati għal konsenji jew taħlitiet partikolari. Il-valutazzjoni għandha tqis il-ħtieġa li jinżammu l-integrità u l-effikaċja tas-sistema ta' verifika filwaqt li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż mhux raġjonevoli fuq l-industrija. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar permessi għal metodi oħra ta' verifika.~~

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli ⇨ dwar il-konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra kif stipulati fl-Artikoli 26(2) sa (7) ⇦ u li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, fuq talba, id-dejta li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu arranġament għal standard adegwat ta' verifika indipendenti tal-informazzjoni ppreżentata, u li jipprovdu evidenza li dan sar. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni u l-affidabilità tad-dejta.

~~L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5), informazzjoni xierqa u rilevanti dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, ir-ristawr tal-art degradata, l-evitar ta' konsum eċċessiv ta' ilma f'zoni fejn l-~~

~~ilma ikun skars kif ukoll informazzjoni xierqa u rilevanti dwar il-miżuri meħuda biex jitqiesu l-kwistjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7).~~

~~Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3), biex tistabbilixxi l-lista ta' informazzjoni adatta u rilevanti msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, b'mod partikolari, li l-għoti ta' dik l-informazzjoni ma jkunx ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-operaturi inġenerali jew b'mod partikolari għall-bdiewa ż-żgħar, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-kooperattivi.~~

---

| |
|---|
| ➔ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

L-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw kemm jekk il-bijokarburanti, il-bijolikwidi ~~jew~~ ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ jkunu prodotti ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ jew ikunu importati.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, f'forma aggregata, l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik l-informazzjoni fuq ~~il-pjattaforma ta' trasparenza~~ ⇨ il-pjattaforma e-reporting i⇦msemmija fl-Artikolu 24 ⇨ tar-Regolament [Governance] ⇦ f'forma mqassra u żżomm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

~~4. Il-Komunità għandha tħabrek biex tikkonkludi strumenti ta' ftehim bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi li fihom dispożizzjonijiet dwar kriterji ta' sostenibbiltà li jikkorrispondu ma' dawk ta' din id-Direttiva. Fejn il-Komunità tkun ikkonkludiet strumenti ta' ftehim li fihom dispożizzjonijiet li jkopru l-kwistjonijiet koperti mill-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk l-istrumenti ta' ftehim juru li l-bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn materja prima kkultivata f'dawk il-pajjiżi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà inkwistjoni. Meta dawk l-istrumenti ta' ftehim jiġu konklużi, għandha tingħata kunsiderazzjoni debita tal-miżuri meħuda favur il-konservazzjoni taż-żoni li jipprovdu, f'sitwazzjonijiet kritiċi, servizzi bażiċi ta' ekosistemi (bħall-protezzjoni tal-medded ta' art fl-għoli b'nixxiegħat fuq ġenb ifferrgħu fi xmara u l-kontroll tal-erożjoni), għall-protezzjomi ħamrija, l-ilma u l-arja, għall-bidliet indiretti fl-użu tal-art, għar-restawr tal-art degradata, għall-evitar ta' konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma ikun skars u l-kwistjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7).~~

---

| |
|---|
| ➔ 2015/1513/KE Artikolu 2.6(b) (adattat)<br>⇨ ġdid |

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' prodotti ta' bijomassa jkun fihom dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu ~~17(2)~~ 26(7), u/jew juru li konsenji ta' bijokarburanti, ~~jew~~ bijolikwidi ⇨ jew karburanti mill-bijomassa ⇦ jkunu konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu ~~17~~26(2), (3), (4), ~~u~~ (5) u (6), u/jew li l-ebda materjal ma ġie mmodifikat jew mormi intenzjonalment sabiex il-konsenja jew parti minnha taqa' taħt l-Anness IX.⇨ Meta jintwera li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 26(5) u (6) għall-bijomassa tal-foresti huma ssodisfati, l-operaturi jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu direttament l-evidenza meħtieġa fil-livell ta' azjenda tal-foresta. ⇦ ~~Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawn l-iskemi jkun fihom data preċiża għall-~~

finijiet ta' informazzjoni dwar miżuri meħudin għall-konservazzjoni ta' żoni li jipprovdu, f'sitwazzjonijiet kritiċi, servizzi bażiċi ta' ekosistemi (bħal protezzjoni għal nixxigħat ta' ilma minn art għolja għal xmajjar jew ibħra, u kontroll tal-erożjoni), għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, ir-restawr ta' art degradata, li jkun evitat konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma jkun skars u dwar il-kwistjonijiet imsemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7). Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu ta' estinzjoni rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi stabbiliti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-Artikolu 2617(23)(b)(ii).

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ⇨ dawk l-iskemi ⇦ azzjonali jew internazzjonali volontarji li jkejlu l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra jkollhom data ⇨ informazzjoni dwar il-miżuri mittieħda ⇦ għall-finijiet tal-Artikolu 17(2). ⇨ protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja, ir-restawr ta' art degradata, l-evitar ta konsum eċċessiv tal-ilma f'żoni fejn l-ilma hu skars, u għaċ-ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi b'riskju baxx ta' bdil tal-użu tal-art indirett⇦ .

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li art li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' programm nazzjonali jew reġjonali mmirat li jtejjeb art li ddeterjorat b'mod gravi jew li sofriet kontaminazzjoni qawwija tissodisfa l-kriterjifil-punt 9 tal-Parti C tal-Anness V.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet skont il-paragrafu 4 biss jekk ftehim jew l-iskema kkonċernati jissodisfaw standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u verifika indipendenti. Fil-każ ta' skemi li jkejlu l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra, dawn l-iskemi għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti metodoloġiċi fl-Anness V ⇨ jew fl-Anness VI ⇦ . Listi ta' żoni b'valur għoli ta' bijodiversità kif imsemmija fl-Artikolu 2617(23)(b)(ii) għandhom jissodisfaw standards adegwati ta' oġġettività u koerenza ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment u jipprevedu għal proċeduri adegwati ta' appell.

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.6(c) (adattat)
⇨ ġdid

L-iskemi volontarji msemmija fil-paragrafu 4 (l-"iskemi volontarji") għandhom b'mod regolari, u mill-inqas darba fis-sena, jippubblikaw lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni tagħhom li tintuża għal awditu indipendenti, li tindika għal kull korp ta' ċertifikazzjoni, l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li minnha kien rikonoxxut u l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li qed tissorveljah.

Bl-għan ⇨ li tiġi żgurata li l-konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tiġi vverifikata b'mod effiċjenti u armonizzat ⇦ b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-frodi , abbażi ta' analiżi tar-riskju jew tar-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, tispeċifika l-⇨ regoli ta' implimentazzjoni dettaljati inklużi ⇦ standards ⇨ adegwati ta' awtditi affidabbli, trasparenti u ⇦ independenti u tirrikjedi li l-iskemi volontarji kollha japplikaw dawk l-istandards. ⇨ Meta tispeċifika dawn l-istandards, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż. ⇦Dan għandu jsir permezz ta' atti ta'

implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25 31 (3). Tali atti għandhom jistabbilixxu perijodu ta' żmien li fih l-iskemi volontarji jeħtieġ li jimplimentaw l-istandards. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjonijiet li jirrikonoxxu l-iskemi volontarji fil-każ li dawk l-iskemi jonqsu milli jimplimentaw tali standards fil-perijodu ta' żmien previst.

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.6 (adattat)
⇨ ġdid

6. Id-deċiżjonijiet taħt il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 2531(3). Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu validi għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

Il-Kummissjoni għandha tirrikjedi li kull skema volontarja, li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwarhaskont il-paragrafu 4, tippreżenta sas-6 ta' Ottubru 2016, u sussegwentement kull sena sat-30 ta' April, rapport lill-Kummissjoni li jkopri kull wieħed mill-punti stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Ġeneralment, ir-rapport għandu jkopri s-sena kalendarja preċedenti. L-ewwel rapport għandu jkopri mill-inqas sitt xhur mid-9 ta' Settembru 2015. Ir-rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport għandu japplika biss għall-iskemi volontarji li jkunu operaw għal mill-inqas 12-il xahar.

Sas-6 ta' April 2017 u sussegwentement fir-rapporti tagħha f'konformità mal-Artikolu 23(3), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li janalizza r-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jeżamina mill-ġdid l-operat ta' ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 4 jew skemi volontarji li fir-rigward tagħhom tkun ġiet adottata deċiżjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, u li jidentifika l-aħjar prattiki. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli, inkluż wara konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati, u fuq esperjenza prattika fl-applikazzjoni tal-ftehimiet jew l-iskemi kkonċernati. Ir-rapport għandu janalizza dan li ġej:

b'mod ġenerali:

(a) l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-verifiki, fir-rigward kemm ta' dak espress fid-dokumentazzjoni tal-iskema meta l-iskema kkonċernata ġiet approvata mill-Kummissjoni kif ukoll kontra l-aħjar prattika tal-industrija;

(b) id-disponibbiltà, l-esperjenza u t-trasparenza fl-applikazzjoni ta' metodi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-non-konformità, b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet jew allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina serja min-naħa tal-membri tal-iskema;

(c) it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi applikabbli tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċċertifikati u ċ-ċertifikati relevanti, u l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;

(d) l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet matul l-abbozzar u l-analiżi tal-iskema kif ukoll waqt l-awditu u t-tweġiba għall-kontributi tagħhom;

(e) is-solidità ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl ta' regoli dwar l-akkreditament, il-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti tal-iskema;

(f) l-aġġornamenti tas-suq tal-iskema, l-ammont ta' materja prima u bijokarburanti ċċertifikati, skont il-pajjiż ta' oriġini u t-tip, in-numru ta' parteċipanti;

(g) il-faċilità u l-effettività tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' traċċar tal-provi ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà li l-iskema tagħti lill-membru(i) tagħha, tali sistema bl-intenzjoni li sservi bħala mezz ta' prevenzjoni tal-attività ta' frodi bil-ħsieb partikolari tal-identifikazzjoni, it-trattament u s-segwitu tal-frodi u irregolaritajiet oħrajn suspettati u fejn adatt, għadd ta' każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet identifikati;

u b'mod partikolari:

(h) għażliet għall-entitajiet biex ikunu awtorizzati jirrikonoxxu u jissorveljaw il-korpi ta' ċertifikazzjoni;

(i) kriterji għar-rikonoxximent u l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;

(j) regoli dwar kif għandu jsir il-monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.

(k) modi biex jiffaċilitaw jew itejbu l-promozzjoni tal-aħjar prattika.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rapporti mfasslin mill-iskemi volontarji disponibbli, f'forma aggregata jew sħiħa jekk adatt, fuq il-pjattaforma ta' transparenza ⇨ e-reporting i⇦msemmija Artikolu 24 ⇨ tar-Regolament [Governance] ⇦.

---

⇩ ġdid

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skemi nazzjonali li bihom il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26(2) sa (7) tkun vverifikata matul il-katina kollha ta' kustodja li tinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.6 (adattat)
⇨ ġdid

Stat Membru jista' jinnotifika l-iskema nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-valutazzjoni ta' tali skema. Deċiżjoni dwar il-konformità ta' tali skema nazzjonali nnotifikata mal-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 2531(3), sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent bilaterali u multilaterali reċiproku ta' skemi għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà ⇨u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta'serra ⇦ għall-bijokarburanti, u l-bijolikwidi ⇨ u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ . Fejn id-deċiżjoni hija pożittiva, l-iskemi stabbiliti skont dan l-Artikolu m'għandhomx jirrifjutaw ir-rikonoxximent reċiproku mal-iskema ta' dak l-Istat Membru fir-rigward tal-verifika ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ stabbiliti fl-Artikolu 2617(2) to (75).

| |
|---|
| ➔ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

7. Meta operatur ekonomiku jipprovdi prova jew dejta miksuba skont ~~ftehim jew~~ xi skema li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 4, ⇨ jew 6 ⇦ , sal-punt kopert minn dik id-deċiżjoni, Stat Membru ma għandux jeħtieġ li l-fornitur jipprovdi evidenza ulterjuri ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà ⇨ u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ⇦ stabbiliti fl-Artikolu 26~~17~~(2) to (7~~5~~)~~u lanqas informazzjoni dwar il-miżuri msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu~~.

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membru għandhom jitħallew jissorveljw l-operat ta' korpi taċ-ċertifikazzjoi li huma akkreditati mill-korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni u li jwettqu awditu indipendenti skont skema volontarja.

| |
|---|
| ➔ 2015/1513 Artikolu 2.6(e) |

~~8. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 fir-rigward ta' sors ta' bijokarburant u, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi talba, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3), tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jistax jikkunsidra bijokarburant magħmul minn dak is-sors għall-finijiet tal-Artikolu 17(1).~~

| |
|---|
| ➔ 2009/28/KE |

~~9. Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:~~

~~(a) l-effettività tas-sistema attwali għall-għoti ta' informazzjoni dwar kriterji ta' sostenibbiltà; kif ukoll~~

~~(b) jekk ikunx fattibbli u opportun li jiddaħħlu rekwiżiti mandatorji dwar il-protezzjoni tal-arja, tal-ħamrija jew tal-ilma, fid-dawl tal-aktar evidenza xjentifika reċenti u l-obbligi internazzjonali tal-Komunità.~~

~~Il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tipproponi azzjoni korrettiva.~~

| |
|---|
| ➔ 2009/28/KE Artikolu 19 1.2. (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~19~~28*

**Kalkolu tal-impatt tal-gass b'effett serra ta' bijokarburanti, ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 26 (7)~~17~~ ~~(2)~~, l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra mill-użu ta' bijokarburant~~,~~ ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa⇦ għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

(a) fejn valur awtomatiku għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra għall-mogħdija ta' produzzjoni hija stabbilita fil-Parti A jew B tal-Anness V ⇨ għal bijokarburanti u bijolikwidi ⇦ u ⇨ fil-parti A tal-Anness VI għal karburanti mill-bijomassa⇦ fejn il-valur $e_l$ għal dawk il-bijokarburanti jew bijolikwidi kkalkulat skont il-punt 7 tal-Parti C tal-Anness V ⇨ u għal dwk il-karburanti mill-bijomassa kkalkulati skont il-punt 7 tal-parti B tal-Anness VI⇦ huwa ugwali għal żero jew anqas, billi jintuża dak il-valur awtomatiku;

(b) bl-użu ta' valur attwali kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V ⇨ għal bijokarburanti u bijolikwidi u fil-parti B tal-Anness VI għall-karburanti mill-bijomassa⇦; ~~jew~~

billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi tal-~~formula~~ ⌦ formuli ⌫ msemmija fil-punt 1 tal-Parti C tal-Anness V, fejn l-valuri awtomatiċi diżaggregati fil-Parti D jew E tal-Anness V jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V, għall-fatturi l-oħra kollha. ⌦ jew ⌫

---

⇩ ġdid

(d) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi tal-formoli msemmija fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness VI, fejn l-valuri awtomatiċi diżaggregati fil-Parti C tal-Anness Vi jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti b tal-Anness VI, għall-fatturi l-oħra kollha.

---

🡻 2009/28/KE Artikolu 19 1.2. (adattat)
⇨ ġdid

2. ~~Sal-31 ta' Marzu 2010, l-~~ L-Istati Membri ~~għandhom~~ ⇨ jistgħu ⇦ jippreżentaw lill-Kummissjoni ~~a rapport li jinkludi~~ ⌦ rapporti li jinkludu ⌫ ~~lista~~ ⇨ tagħrif dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola ⇦ a' dawk iż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) jew bħala livell NUTS aktar diżaggregat skont ir-Regolament (KE) 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)~~[50] ~~fejn l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola jistgħu jkunu mistennija li jkunu inqas jew ugwali għall-emissjonijiet irrappurtati taħt l-intestatura "Valuri awtomatiċi disaggregati għall-kultivazzjoni" fil-Parti D tal-Anness V ta' din id-Direttiva, akkumpanjat b'deskrizzjoni tal-metodu u d-data użata għall-istabbiliment ta' dik il-lista.~~ ⇨ Ir-rapporti għandhom jiġu akkumpanjati minn deskrizzjoni tal-metodu u tar-sorsi tad-data użati biex jiġi kkalkulat il-livell tal-emissjonijiet. ⇦Dak il-metodu

---

50 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

għandu jikkunsidra l-karatteristiċi tal-ħamrija, il-klima u l-produzzjoni mistennija ta' materja prima.

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.7 (adattat)
⇨ ġdid

3. ~~L-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola inkluża fir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 2 fil-każ tal-Istati Membri, u~~ ~~f~~Fil-każ tat-territorji barra l-Unjoni, ~~r~~rapporti ekwivalenti għal dawk imsemmijin fil-paragrafu 2 u mfasslin minn korpi kompetenti, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31~~25~~(2~~3~~), li r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 2 ⌦ u 3 ⌫ ta' dan l-Artikolu jkun fihom dejta preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' materja prima ta' ⇨ bijomassa agrikola ⇦ ~~bijokarburanti u bijolikwidi~~ ~~tipikament~~ prodotti f'~~dawk~~ ⌦ iż-⌫żoni ⌦ inklużi fit-tali rapporti ⌫ għall-finijiet tal-Artikolu ~~17(2)~~ 26(7). ⇨ Din id-dejta tista' għalhekk tintuża minflok valuri awtomatiċi diżaggregati għall-kultivazzjoni stabbilita fil-Parti D jew E tal-Anness V għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi u fil-Parti C tal-Anness VI għall-karburanti mill-bijomassa.⇦

~~5. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 u kull sentejn wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tfassal u tippubblika rapport dwar il-valuri stmati tipiċi u awtomatiċi fil-partijiet B u E tal-Anness V, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport u mill-ipproċessar.~~

~~Fil-każ li r-rapporti msemmijin fl-ewwel subparagrafu jindikaw li l-valuri tipiċi u awtomatiċi stmati fil-partijiet B u E tal-Anness V jistgħu jeħtieġu li jiġu aġġustati fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti, il-Kummissjoni għandha, kif adatt, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament u lill-Kunsill.~~

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.7(c) (adattat)
⇨ ġdid

5~~7~~. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt analiżi l-Anness V ⇨ u l-Anness VI ⇦ bil-ħsieb, fejn iġġustifikat ~~taż-żieda~~li żżid ⇨ jew tirrevedi ⇦ il-valuri għal ~~aktar~~ mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti⇨, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ⇦ ~~għall-istess materja prima jew għal oħra~~. Dik l-analiżi għandha tqis ukoll il-modifika tal-metodoloġija stabbilita fil-parti C għall-Anness V, ⇨ u fil-parti B tal-Anness VI ⇦ ~~, partikolarment fir-rigward ta':~~

~~– il-metodu kif jiġu ttrattati l-iskart u r-residwi,~~

~~– il-metodu kif jiġu ttrattati l-prodotti sekondarji,~~

~~– il-metodu kif jiġu ttrattati l-prodotti sekondarji, u~~

– ~~l-istatus mogħti lir-residwi tal-għalla bħala prodotti sekondarji.~~

~~Il-valuri prestabbiliti għall-iskart veġetali jew il-bijodiżil miż-żejt tal-annimali għandhom jiġu riveduti malajr kemm jista' jkun.~~ F'każ li r-reviżjoni tal-Kummissjoni tikkonkludi li għandhom isiru ~~żiedieт~~ ⇨ tibdiliet ⇦ għall-Anness V ⇨ jew l-Anness VI ⇦ il-Kummissjoni ⌦ hija mogħtija s-⌫ ~~għandu jkollha~~ setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 ~~25a~~ ~~iżda mhux biex tneħħi jew temenda, il-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti fil-partijiet A, B, D u E tal-Anness V għall-mogħdijiet tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi li għalihom għadhom mhumiex inklużi valuri speċifiċi f'dak l-Anness~~.

---

| |
|---|
| ↓ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

⌦ Fil-każ ta' ⌫ ~~K~~kull adattament ta' jew żieda fil-lista ta' valuri awtomatiċi fl-Anness V ⇨ u l-Anness VI ⇦ ~~għandhom ikunu konformi mar-regoli li ġejjin:~~

~~(a)~~ fejn il-kontribut ta' fattur għall-emissjonijiet globali huwa żgħir, jew fejn hemm varjazzjoni limitata, jew fejn l-ispiża jew id-diffikultà li jiġu stabbiliti valuri attwali huma għoljin, il-valuri awtomatiċi ~~għandhom~~ ⌦ għandhom ⌫ ikunu tipiċi ta' proċessi ta' produzzjoni normali.~~;~~

~~(b) fil-każijiet l-oħra kollha l-valuri awtomatiċi għandhom ikunu konservattivi meta mqabbla mal-proċessi ta' produzzjoni normali.~~

---

| |
|---|
| ↓ 2015/1513 Artikolu 2.7(d)<br>(adattat)<br>⇨ ġdid |

6~~8~~. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-~~punt 9 tal-~~ Parti C għall-Anness V ⇨ u l-Parti B għall-Anness VI ⇦, til-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ⌦ li jinkludu ⌫ ~~u~~ definizzjonijiet ⇨, fatturi ta' konverżjoni, kalkoli tal-emissjonijiet annwali mill-kultivazzjoni u/jew iffrankar tal-emissjonijiet ikkawżat mill-bidliet ta' hawn fuq u stokkijiet tal-karbonju ta' taħt l-art li diġà jinsabu f'art ikkultivata, kalkolu tal-iffrankar mill-emissjonijiet mill-qabda tal-karbonju, is-sostituzzjoni tal-karbonju u l-ħażna ġeoloġika tal-karbonju⇦. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31 ~~25~~ (2~~3~~).

---

| |
|---|
| ↓ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~20~~29*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

Il-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(2)~~17(3)~~ ⇨ and (6) ⇦ , ~~it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(3)~~, l-Artikolu27 ~~18~~(6), ~~l-Artikolu 18(8)~~, ~~l-Artikolu19(5)~~, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(5) ⌦ u l-Artikolu 28(6) ⌫ ~~19(7)~~, ~~u l-~~

Artikolu 19(8) għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ il-finijiet tal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE[51]

---

↓ 2009/28/KE

*Artikolu 22*

**Rappurtar mill-Istati Membri**

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-progress fil-promozzjoni u l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli sal-31 ta' Diċembru 2011, u kull sentejn wara dan. Is-sitt rapport, li għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2021, għandu jkun l-aħħar rapport meħtieġ.

Ir-rapport għandu jispeċifika, b'mod partikolari:

(a) l-ishma settorjali (elettriku, tisħin u tkessiħ, u trasport) u dawk globali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-sentejn kalendarji preċedenti u l-miżuri meħuda jew ippjanati fil-livell nazzjonali għall-promozzjoni tat-tkabbir tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli b'konsiderazzjoni għat-trajettorja indikattiva fil-Parti B tal-Anness 1, skont l-Artikolu 5;

(b) l-introduzzjoni u t-tħaddim ta' skemi ta' sostenn u miżuri oħra għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, u kwalunkwe żvilupp fil-miżuri użati fir-rigward ta' dawk stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru, u informazzjoni dwar kif l-elettriku sostnut huwa allokat lill-konsumaturi aħħarin skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE.

(c) kif, fejn applikabbli, l-Istat Membru jkun struttura l-iskemi ta' appoġġ tiegħu biex jikkunsidraw l-applikazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli li jagħtu benefiċċji addizzjonali fir-rigward ta' applikazzjonijiet paragunabbli oħra, iżda li jista' jkollhom spejjeż ogħla, inklużi bijokarburanti magħmulin mill-iskart, residwi, materjal ċellulożiku mhux tal-ikel, u materjal linjoċellulożiku;

(d) it-tħaddim tas-sistema tal-garanziji tal-oriġini għall-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-miżuri meħuda biex tkun żgurata l-affidabbiltà u l-protezzjoni kontra l-frodi tas-sistema;

(e) il-progress magħmul fil-valutazzjoni u t-titjib tal-proċeduri amministrattivi biex jitneħħew ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-iżvilupp ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(f) il-miżuri meħuda biex tkun żgurata t-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u biex jitjieb il-qafas jew ir-regoli għall-ħlas u l-kondiviżjoni tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 16(3);

---

51 Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

(g) żviluppi fid-disponibbiltà u l-użu ta' riżorsi tal-bijomassa għal finijiet ta' enerġija;

(h) it-tibdil fil-prezzijiet tal-prodotti essenzjali u fl-użu tal-art fi ħdan l-Istat Membru assoċjat maż-żieda tiegħu fl-użu ta' bijomassa u forom oħra ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

---

↓ 2015/1513 Artikolu 2.9(a)

(i) l-iżvilupp u s-sehem tal-bijokarburanti magħmula minn materja prima elenkati fl-Anness IX inkluża valutazzjoni tar-riżorsi li tiffoka fuq l-aspetti ta' sostenibbiltà relatati mal-effett tas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-ikel jew tal-għalf għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, waqt li jitqiesu b'mod debitu l-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju tal-użu sussegwenti tal-bijomassa b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi ekonomiċi u teknoloġiċi reġjonali u lokali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u teknoloġiċi reġjonali u lokali, iż-żamma tal-ħażna neċessarja ta' karbonju fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi;

---

↓ 2009/28/KE

(j) l-impatt stmat tal-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi fuq il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, il-kwalità tal-ilma u l-kwalità tal-ħamrija fl-Istat Membru;

(k) l-iffrankar nett stmat ta'emissjonijiet ta' gass b'effett serra minħabba l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(l) il-produzzjoni żejda stmata ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli meta mqabbla mat-trajjetorja indikattiva li tista' tkun trasferita lil Stati Membri oħra, kif ukoll il-potenzjal stmat għal proġetti konġunti, sal-2020;

(m) id-domanda stmata għal enerġija minn sorsi rinnovabbli li għandha tiġi sodisfatta b'mezzi oħra apparti l-produzzjoni domestika sal-2020;

(n) informazzjoni dwar kif kien stmat is-sehem ta' skart bijodegradabbli fi skart użat biex tiġi prodotta l-enerġija, u x'passi ttieħdu biex jittejbu u jkunu vverifikati dawn l-istimi; u

---

↓ 2015/1513 Artikolu 2.9(a)

(o) l-ammonti ta' bijokarburanti u bijolikwidi f'unitajiet ta' enerġija li jikkorrispondi għal kull kategorija ta' grupp ta' materja prima elenkat fil-parti A tal-Anness VIII li jiġi kkunsidrat minn dak l-Istat Membru għall-fini ta' konformità mal-miri fl-Artikolu 3(1) u (2), u fl-ewwel subparagrafu fl-Artikolu 3(4).

---

↓ 2009/28/KE

2. Fil-valutazzjoni tal-iffrankar netttal- emissjonijiet ta' gass b'effett serra mill-użu ta' bijokarburanti, l-Istat Membru jista', għall-fini tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, juża l-valuri tipiċi mogħtija fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness V.

~~3. Fl-ewwel rapport tiegħu, l-Istat Membru għandu jispjega fil-qosor jekk għandux intenzjoni li:~~

~~(a) jistabbilixxi korp amministrattiv uniku responsabbli mill-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar għal impjanti ta' enerġija rinnovabbli u li jkun jagħti assistenza lill-applikanti;~~

~~(b) jipprovdi għal approvazzjoni awtomatika ta' applikazzjonijiet għall-ippjanar u l-permess għal impjanti ta' enerġija rinnovabbli fejn il-korp ta' awtorizzazzjoni ma jkunx wieġeb fil-limiti ta' żmien stipulati; jew~~

~~(c) jindika lokalitajiet ġeografiċi adattati għal sfruttament ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-ippjanar tal-użu tal-art u għall-introduzzjoni ta' tisħin u tkessiħ distrettwali.~~

~~4. F'kull rapport l-Istat Membru għandu jkollu l-possibbiltà li jikkoreġi d-data tar-rapporti preċedenti.~~

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
➔1 2015/1513 Artikolu 2.10(a)
⇨ ġdid

Artikolu ~~23~~30

***Monitoraġġ ~~u rappurtar~~ mill-Kummissjoni***

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-oriġini ta' bijokarburanti~~,~~ ~~u~~ bijolikwidi ⇨ u karburanti mill-bijomassa ⇦ kkunsamati ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ u l-impatt tal-produzzjoni tagħhom, inkluż l-impatt li jseħħ bħala riżultat tal-ispustjar, fuq l-użu ta' art ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ u fil-pajjiżi terzi ewlenin ta' provvista. Dan il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq ir-rapporti tal-Istati Membri ⇨ tal-pjanijiet integrati nazzjonali tal-enerġija u l-klima u l-progress korrispondenti ⇦⇨ rekwiżit fl-Artikoli 3, 15 u 18 tar-Regolament [Governance] ⇦, ~~ippreżentati skont l-Artikolu 22(1)~~, u dawk ta' pajjiżi terzi rilevanti, organizzazzjonijiet intergovernattivi, studji xjentifiċi u kull informazzjoni rilevanti oħra. Il-Komunità għandha timmonitorja wkoll iċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-prodotti essenzjali assoċjati mal-użu tal-bijomassa għall-enerġija u kull effett pożittiv jew negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel. ➔1 --- 🡸

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm djalogu u twettaq skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' produtturi tal-bijokarburanti~~,~~ ⇨ tal-bijolikwidu u tal-karburanti mill-bijomassa ⇦, organizzazzjonijiet tal-konsumatur u mas-soċjetà ċivili rigward l-implimentazzjoni ġenerali tal-miżuri li jinsabu f'din id-Direttiva relatati ma' bijokarburanti ~~,~~ ~~u~~bijolikwidi⇨ u karburanti mill-bijomassa⇦. F'dak l-ambitu, hija għandha tkun partikolarment attenta għall-impatt li ⌦ dik i⌫l-produzzjoni tal-bijokarburanti ⇨ u l-bijolikwidi ⇦jista' jkollha fuq il-prezzijiet tal-ikel.

~~3. Fuq il-bażi tar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 22(1) u l-monitoraġġ u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport għandu jkun ippreżentat fl-2012.~~

↓ 2015/1513 Artikolu 2.10(b)

~~4. Fir-rappurtar tagħha dwar emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art, il-Kummissjoni għandha tuża l-ammonti rappurtati mill-Istati Membri f'konformità mal-punt (o) tal-Artikolu 22(1), inklużi l-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi ta' sensittività kif stabbilit fl-Anness VIII. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament id-data dwar il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi ta' sensittività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk u kif tinbidel l-istima tal-iffrankar dirett fuq l-emissjonijiet jekk jittieħed kont tal-koprodotti bl-użu tal-approċċ ta' sostituzzjoni.~~

↓ 2009/28/KE

~~5. Fir-rapporti tagħha, il-Kummissjoni għandha tanalizza b'mod partikolari:~~

~~(a) il-benefiċċji u l-ispejjeż ambjentali relativi ta' bijokarburanti differenti, l-effetti fuqhom mill-politika tal-importazzjoni tal-Komunità, is-sigurtà tal-implikazzjonijiet tal-provvista u l-mezzi biex jinkiseb approċċ ibbilanċjat bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet;~~

~~(b) l-impatt tad-domanda ogħla għall-bijokarburanti fuq is-sostenibbiltà fil-Komunità u f'pajjiżi terzi, b'konsiderazzjoni tal-impatti ekonomiċi u ambjentali, inklużi l-impatti fuq il-bijodiversità;~~

~~(c) l-opportunità għall-identifikazzjoni, b'mod xjentifikament oġġettiv, ta' zoni ġeografiċi b'valur għoli ta' bijodiversità li mhumiex koperti fl-Artikolu 17(3);~~

~~(d) l-impatt ta' domanda ogħla għall-bijomassa fuq is-setturi li jużaw il-bijomassa;~~

↓ 2015/1513 Artikolu 2.10(c)

~~(e) id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti magħmula minn materja prima elenkati fl-Anness IX, inkluża valutazzjoni tal-effett tas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-ikel jew tal-għalf għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, waqt li jitqiesu b'mod debitu l-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju tal-użu sussegwenti tal-bijomassa b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi ekonomiċi u teknoloġiċi reġjonali u lokali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u teknoloġiċi reġjonali u lokali, iż-żamma tal-ħażna neċessarja ta' karbonju fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi;~~

~~(f) informazzjoni dwar ir-riżultati ta' riċerka xjentifika disponibbli, u l-analiżi tagħhom dwar it-tibdil indirett fl-użu tal-art rigward il-mogħdijiet ta' produzzjoni kollha, akkumpanjati minn valutazzjoni dwar jekk il-firxa ta' inċertezza identifikata fl-analiżi li hija l-bażi tal-istimi ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art tistax titnaqqas, u jista' jitqies l-impatt possibbli tal-politiki tal-Unjoni, bħall-ambjent, il-klima u l-politiki agrikoli.; u~~

(g) l-iżviluppi teknoloġiċi u d-disponibbiltà ta' data dwar l-użu, l-impatti ekonomiċi u ambjentali tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi prodotti fl-Unjoni minn għelejjel ddedikati mhux tal-ikel imkabbra primarjament għal finijiet ta' enerġija.

---

🡻 2009/28/KE

Il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tipproponi azzjoni korrettiva.

6. Fuq il-bażi tar-rapporti mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 22(3), il-Kummissjoni għandha tanalizza l-effikaċja tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri fuq it-twaqqif ta' korp amministrattiv uniku responsabbli mill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u ta' liċenzjar u mill-għoti ta' għajnuna lill-applikanti.

7. Sabiex jitjiebu l-iffinanzjar u l-koordinazzjoni bil-għan li tinkiseb il-mira ta' 20 % msemmija fl-Artikolu 3(1), il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2010, tippreżenta analiżi u pjan ta' azzjoni dwar l-enerġija minn sorsi rinnovabbli bi ħsieb, b'mod partikolari, ta':

(a) l-użu aħjar tal-fondi strutturali u l-programmi ta' qafas;

(b) l-użu aħjar u akbar tal-fondi mill-Bank Ewropew għall-Investiment u minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħrajn;

(c) aċċess aħjar għall-kapital tar-riskju b'mod partikolari permezz tal-analiżi tal-fattibilità ta' faċilità għall-kondiviżjoni tar-riskju għall-investimenti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-Komunità simili għall-inizjattiva tal-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Enerġija u l-Enerġija Rinnovabbli li hija mmirata għall-pajjiżi terzi;

(d) il-korrdinazzjoni aħjar tal-iffinanzjar Komunitarju u nazzjonali u ta' forom oħrajn ta' appoġġ; u

(e) il-koordinazzjoni aħjar b'appoġġ tal-inizjattivi ta' enerġija rinnovabbli li s-suċċess tagħhom jiddependi minn azzjoni meħuda minn atturi f'diversi Stati Membri.

8. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, li fih tindirizza, b'mod partikolari, l-elementi li ġejjin:

(a) reviżjoni tal-livelli minimi ta' ffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra li għandhom japplikaw mid-dati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2), fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-impatt li tqis, b'mod partikolari, żviluppi teknoloġiċi, teknoloġiji disponibbli u d-disponibbiltà ta' bijokarburanti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni b'livell għoli ta' ffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra;

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.10(d)

(b) fir-rigward tal-mira msemmija fl-Artikolu 3(4), reviżjoni ta':

(i) l-effiċjenza fil-konfront tal-ispiża tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati biex jinkisbu l-miri;

(ii) valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-ksib tal-miri filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-bijokarburanti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, u

~~b'konsiderazzjoni tal-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali, inklużi effetti u impatti indiretti fuq il-bijodiversità, kif ukoll id-disponibbiltà kummerċjali ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni;~~

~~(iii) l-impatt tal-implimentazzjoni tal-miri fuq id-disponibbiltà ta' oġġetti tal-ikel bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu;~~

~~(iv) id-disponibilità kummerċjali ta' vetturi elettriċi, ibridi u li jaħdmu bl-idroġenu, kif ukoll il-metodoloġija magħżula sabiex jiġi kkalkulat is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmat fis-settur tat-trasport;~~

~~(v) l-evalwazzjoni ta' kondizzjonijiet speċifiċi tas-suq, b'konsiderazzjoni, b'mod partikolari, għas-swieq li fihom il-karburanti tat-trasport jirrappreżentaw aktar minn nofs il-konsum aħħari tal-enerġija, u s-swieq li jiddependu totalment minn bijokarburanti importati;~~

---

| ⬇ 2009/28/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

~~(e) evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, sabiex jiġi żgurat li, flimkien mal-possibbiltà li l-Istati Membri jkomplu jagħmlu użu mill-iskemi nazzjonali ta' appoġġ kif imsemmija fl-Artikolu 3(3), dawn il-mekkaniżmi jippermettu li l-Istati Membri jiksbu l-miri nazzjonali fuq il-bażi tal-aħjar bilanċ bejn l-effiċjenza u l-infiq, ta' żviluppi teknoloġiċi, u l-konklużjonijiet li jridu joħorġu sabiex tinkiseb il-mira ta' 20 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-livell Komunitarju.~~

~~Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk xieraq, proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jindirizzaw l-elementi ta' hawn fuq u b'mod partikolari:~~

~~– għall-element li jinsab fil-punt (a), modifika ta' ffrankar minimu ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra imsemmija f'dak il-punt; u~~

~~– għall-element imsemmi fil-punt (e), adattamenti xierqa tal-miżuri ta' kooperazzjoni previsti f' din id-Direttiva sabiex itejbu l-effettività tagħhom biex jiksbu l-mira ta' 20 %. Dawk il-proposti la għandhom jaffettwaw il-mira ta' 20 % u lanqas il-kontroll fuq skemi ta' appoġġ u miżuri ta' kooperazzjoni nazzjonali.~~

3~~9~~. Fl-~~2018~~ ⌦2026⌫, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ~~Pjan ta' Direzzjoni għall-Enerġija Rinnovabbli għall-perijodu ta' wara l-2020~~ ⇨ proposta leġiżlativa dwar il-qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbi għall-perjodu ta' wara l-2030⇦.

~~Dak il-pjan ta' direzzjoni, jekk xieraq, għandu jkun akkumpanjat minn proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-perijodu ta' wara l-2020. Il-pjan ta' direzzjoni għandu jqis~~ ⇨ Din il-proposta għandha tqis⇦ esperjenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ⇨, inklużi l-kriterji tagħha dwar is-sostennibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra, ⇦ u żviluppi teknoloġiċi fl-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

4~~10~~. Fl-~~2021~~ ⌦ 2032 ⌫, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jeżamina mill-ġdid l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. ~~Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jindirizza r-rwol tal-elementi li ġejjin fil-għajnuna tagħhom biex l-Istati Membri setgħu jilħqu l-miri nazzjonali ddefiniti fl-Anness I fuq il-bażi tal-aħjaer benefiċċju mqabbel mal-ispiża:~~

(a) il-proċess tat-tħejjija tat-tbassiriet u tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli;

(b) l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni;

(c) żviluppi teknoloġiċi fl-enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż l-iżvilupp tal-użu tal-bijokarburanti fl-avjazzjoni kummerċjali;

(d) l-effikaċja tal-iskemi nazzjonali ta' sostenn;

(e) il-konklużjonijiet tar-rapporti tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafi 8 u 9.

*Artikolu 24*

**Pjattaforma ta' trasparenza**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għat-trasparenza pubblika online. Din il-pjattaforma għandha sservi sabiex iżżid it-trasparenza, u sabiex tiffaċilita u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari dwar it-trasferimenti statistiċi msemmija fl-Artikolu 6 u l-proġetti konġunti msemmija fl-Artikoli 7 u 9. Barra minn hekk, il-pjattaforma tista' tintuża biex tiġi ppubblikata informazzjoni rilevanti li l-Kummissjoni jew xi Stat Membru jikkunsidraw li tkun ta' importanza ċentrali għal din id-Direttiva u għall-kisba tal-objettivi tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika fuq il-pjattaforma għat-trasparenza l-informazzjoni li ġejja, fejn xieraq f'forma aggregata, filwaqt li tippreserva l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali sensittiva:

(a) il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri;

(b) id-dokumenti ta' tbassir tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(3), ikkumplimentati kemm jista' jkun malajr minn informazzjoni fil-qosor mill-Kummissjoni dwar produzzjoni żejda u l-istima tat-talba għall-importazzjoni;

(c) l-offerti tal-Istati Membri biex jikkooperaw fit-trasferimenti statistiċi jew il-proġetti konġunti, fuq talba tal-Istat Membru konċernat;

(d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2) dwar it-trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri;

(e) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) u (3), 9(4) u (5) dwar proġetti konġunti;

(f) ir-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 22;

(g) ir-rapporti tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 23(3).

Madnakollu, fuq talba tal-Istat Membru li ppreżenta l-informazzjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tippubblika d-dokumenti ta' tbassir tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(3), jew l-informazzjoni dwar ir-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 22(1) (l) u (m).

↓ 2015/1513 Artikolu 2
⇨ ġdid

*Artikolu ~~25~~31*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. ~~Minbarra fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, i~~Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-~~Kumitat dwar is-Sorsi Rinnovabbli tal-Enerġija~~ ⇨Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija⇦. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~[52] ⇨ u jaħdem fil-formazzjonijiet settorjali rispettivi relevanti għal dan ir-Regolament ⇦.

~~2. Fi kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi. Li l-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.~~

2~~3~~. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitati ma jagħtu ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

↓ 2015/1513 Artikolu 2.12 (adattat)

*Artikolu ~~25a~~32*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati qed tingħata lill-Kummissjoni soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemmija fl-Artikoli ~~3(5)~~ ⌦ 7(5) ⌫, ~~5(5)~~ ⌦ 7(6); 19(11), 19(14), 25(6) ⌫ u ⌦ 28(5) ⌫ ~~19(7)~~ għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-~~5 October 2015~~ ⌦ 1 ta' Jannnar 2021 ⌫ .

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli ~~3(5)~~ ⌦ 7(5) ⌫, ~~5(5)~~ ⌦ 7(6); 19(11), 19(14), 25(6) ⌫ u ⌦ 28(5) ⌫ ~~19(7)~~

tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

52 ~~Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).~~

⌦ 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ⌫

---

🡻 2015/1513 Artikolu 2.12 (adattat)

~~4~~5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

~~5~~6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ~~3(5)~~ ⌦ 7(5) ⌫, ~~5(5)~~ ⌦ 7(6); 19(11), 19(14), 25(6) ⌫ u 28(5) ~~19(7)~~ għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

🡻 2009/28/KE (adattat)

*~~Artikolu 26~~*

**~~Emendi u tħassir~~**

~~1. Fid-Direttiva 2001/77/KE, l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(2), u l-Artikoli 4 sa 8 għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' April 2010.~~

~~2. Fid-Direttiva 2003/30/KE, l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(2), (3) u (5), u l-Artikoli 5 sa 6 għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' April 2010.~~

~~3. Id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.~~

---

🡻 2009/28/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~27~~33*

**Traspożizzjoni**

1. ~~Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(1), (2) u (3), 1~~-L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ⇨sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021⇦ ~~sal-5 ta' Diċembru 2010~~ ⇨ Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri ⇦..

Meta l-Istati Membri jadottaw⌦ dawk il-⌫miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ~~Il-metodi biex issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.~~ ⌦Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttivi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet

amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza u kif tfasslet it-tali dikjarazzjoni. ⌫

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 34*

*Tħassir*

Id-Direttiva 2009/28/KE, kif emendata mid-Direttivi elenkati fl-Anness XI, il-Parti A hi mħassra b'effett mill-1 ta' Settembru 2021, bla ebda ħsara lill-obbligi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness XI, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XII.

---

🡻 2009/28/KE (adattat)

*Artikolu ~~28~~35*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-~~għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*~~ ⌦1 ta' Jannar 2021 ⌫.

*Artikolu ~~29~~36*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |